# L-Ħajja f'Għawdex

€ 2 \ Lm 0.86c

Diċembru 2008 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 63 SENA * Nru. 903



# JCR Ltd.®

Manufacturers and importers for the building industry




Some of the options you have when using our products










Triq in-Negozju, Mrieħel Ind. Est., Birkirkara - Malta.
Tel. 2144 2466/7, Fax: 2144 3303
E-Mail: malta@jcrltd.com

Website: www.jcrltd.com

Brick Factory, Gruwa Str., Xewkija, Gozo.
Tel/Fax: 2155 6722 / 2155 9369
E-Mail: gozo@jcrltd.com

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 903*
*Diċembru 2008*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*


*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Pastorali ta' l-Avvent • 5
X'jgħidilna l-Isqof • 6
"Bethlehem f'Għajnsielem" • 7
Kummentarju (1) • 8
X'għadda minn għalina • 10
Riflessi • 15
Għawdex fil-Parlament • 16
Għawdex fil-Ġurnali • 17
L-Identità ta' Għawdex (4) • 18
Speċjali Sena Pawlina (5) • 20
Speċjali Sena Pawlina (6) • 22
Dawl għall-Ħajja • 24
Letteratura Għawdxija • 26
**SUPPLIMENT TAL-MILIED**
Kotba minn Għawdex • 27
Il-Misteru tal-Knisja (18) • 28
Snajja Qodma (15) • 30
Kummentarju (2) • 32
Attwalità - Jum Għawdex • 34
Għawdex "On-Line" (5) • 35
Għawdex Qabel ir-Ritratti (10) • 36
Għawdex 300 sena ilu (169) • 37
Passiġġata Biblika (41) • 38
Intervista • 40
Xhieda Nisranija • 42
Imkejjen Għawdxin (15) • 43
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 44
Werrej 2008 • 45


**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joseph J.P. Zammit, Lynda Caton Roseblade, Max Xuereb, Ministeru għal Għawdex, Charles Spiteri, u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Ritratti tal-Qoxra:** *"Bethlehem f'Għajnsielem". Ħajr lil Lynda Caton Roseblade.*




# *Il-Milied - il-Festa tal-Bniedem Sħiħ*

*Il-Milied huwa l-festa per eċċellenza ta' l-Umanità. Hija għalhekk il-festa tal-bniedem sħiħ, spirtu u ġisem - għaliex għalih "il-Kelma ta' Alla saret ġisem u għammret fostna" (Ġw. 1: 14).*

*Is-soċjetà li minnha aħna nagħmlu parti, qiegħda kulma jmur dejjem iżjed tnissi l-ispirtu u tigglorifika l-ġisem. Il-ġisem sar x'aktarx l-iprem oġġett ta' kultura b'sinifikat qawwi, fl-oqsma soċjali, morali u politiċi. Il-parir pagan ta' Plotinus (204W.K.) "Aħdem dejjem u bla waqfien biex tnaqqax l-istatwa tiegħek innifsek", qatt ma kien fl-Istorja segwit b'ħerqa u effiċjenza daqs illum. Il-kultura madwarna tħajjarna nikkuraw lill-ġisem, mill-iqsar xagħra sa l-iċken difer, mit-tikmixa bikrija sa kull gramma fil-piż żejda jew nieqsa. Kważi kważi, idolatrija tal-ġisem!*

*Il-kultura madwarna mhix fitta daqshekk fejn jidħol l-ispirtu. Għall-kuntrarju tipprova tinjorah bħallikieku ma jeżistix.*

*San Franġisk, il-qaddis tal-presepju u dejjem ispirat min-natura, isejjaħ lill-ġisem, "hija l-ħmar". U C.S. Lewis, professur fl-Università ta' Oxford, li fl-1931 minn ateu sar nisrani, jaqbel ma' din it-tixbiha għax jgħid li kulmin hu f'sensih la jħoss li għandu jqim ħmar u lanqas jistmerru. Il-ħmar hu utli u b'saħħtu imma għażżien, jaf jistabar imma rasu iebsa, iġegħlek tħobbu imma jirritak. Jixirqulu, daqqa l-karrotta u oħra l-bastun. Il-ġisem hu buffu u jekk ma jitmexxiex mill-ispirtu finalment jidħak bih innifsu.*

*Għalkemm l-ispirtu għandu bżonn il-ġisem biex jesprimi ruħu, huwa l-ispirtu li jirrendi dinjità eterna lill-ġisem. Mbagħad min-naħa l-oħra, il-kultivazzjoni xierqa tal-ġisem tista' tirrendi l-ispirtu aktar nobbli u saħansitra aktar qaddis. U din in-nobbiltà tilħaq il-quċċata fl-għarfien u l-għożża tal-ġisem bħala tempju ta' l-Ispirtu s-Santu. Ġisem mrażżan, Spirtu ħieles!*

*Tiżbalja dik il-kultura li tagħti predominju lill-ġisem u twarrab fil-ġenb il-valuri ta' l-ispirtu, jew, bħalma spiss jiġri fostna, troddilhom biss "lip service"! Qishom valuri tat-"tradizzjoni" biss!*

*Fil-kultura Ewropea ta' żminijietna, l-Milied hija l-festa ewlenija fil-kalendarju. Imma din il-festa, minkejja t-tlellix tal-vetrini u d-dwal fit-triqat, waqgħet hija wkoll taħt id-dell u nbelgħet mill-kultura predominanti ta' l-eżaltazzjoni tal-ġisem. Il-Milied jista' jkun għalina wkoll festa li tpaxxi s-sensi u tittraskura l-ispirtu… u b'hekk titlef għalina wkoll is-sinifikat awtentiku tagħha, li hija l-festa tal-bniedem sħiħ. U min aktar minn Alla li "sar laħam" bħalna jista' jgħallimna xi jfisser tkun "bniedem sħiħ"?!*

**Joseph W. Psaila**

***IL-BORD EDITORJALI TA' "IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX" JAWGURA MILIED TAJJEB U QADDIS LILL-QARREJJA KOLLHA TAGĦNA, U PAĊI U ĠID GĦAS-SENA ĠDIDA 2009***

www.dioceseofgozo.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

*Mis-Seminarista Gabriel Gauci*



### *Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re*

Nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru saret iċ-ċelebrazzjoni ta' Kristu Sultan fix-Xewkija, li għall-ewwel kellha ssir fir-Rabat iżda dan ma seħħx minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp. Fl-4.30pm telqet purċissjoni bl-Ewkaristija tul Triq San Bert sal-knisja parrokkjali tax-Xewkija, fejn kompliet iċ-ċelebrazzjoni. Kien preżenti wkoll in-Nunzju Appostoliku għal Malta Mons. Tommaso Caputo li mexxa l-purċissjoni bl-Ewkaristija li kienet akkumpanjata mill-fratellanzi kollha u l-gruppi ta' l-Abbatini ta' Għawdex. Fil-knisja tax-Xewkija sar il-qari mill-Kelma ta' Alla, bit-tema fuq il-jum tal-Ħadd kif ukoll id-diskorsi min-Nunzju u l-Isqof Grech, b'dan ta' l-aħħar jinsisti li **"Illum ma għandniex l-imperatur li jipprojbixxi li niltaqgħu**





**għall-Ewkaristija tal-Ħadd; imma għandna sistema materjalista u konsumista li, jekk inħalluha, tkompli tiddettalna biex il-Ħadd ma nitilfux ħin fil-quddiesa!"**. Din iċ-ċelebrazzjoni liturġika ntemmet bil-barka sagramentali.

### *Ikomplu l-laqgħat ta' formazzjoni għall-Missjoni Djoċesana*

Tul ix-xahar ta' Novembru komplew ukoll il-laqgħat ta' formazzjoni marbuta mal-Missjoni Djoċesana. Dawn il-laqgħat qegħdin kull nhar ta' Ġimgħa, darba fil-parroċċi u darba oħra għal kulħadd ġewwa s-Santwarju ta' Pinu. Tul il-laqgħat kollha qed tintagħżel tema mill-ittri ta' San Pawl, isir il-qari mill-Kelma ta' Alla, mbagħad tiġi spjegata minn xi saċerdot/i. Għal dawn il-laqgħat qed jattendu b'mod speċjali dawk il-lajċi li f'Jannar ser joħorġu jħabbtu bieb bieb iħabbru l-bxara ta' Kristu f'din is-Sena Pawlina.



*Il-Kelma ta' l-Isqfijiet tagħna*

# Ġie f'Darna... Lqajnieh?

*Siltiet mill-Ittra Pastorali għall-Avvent 2008*

**Il-Milied għalina l-insara jibqa' ġrajja unika. It-twelid tal-Mulej Ġesù nemmnu li biddel l-istorja ta' l-umanità għaliex f'Betlem Alla wriena kemm investa fina u kemm jemmen fil-bniedem.**

Il-Milied dejjem iġib miegħu ferħ, kif ukoll sens qawwi ta' altruiżmu f'ħafna li f'dan iż-żmien jagħtu minn ħinhom u flushom għall-oħrajn. Iġib miegħu wkoll sens ta' solidarjetà speċjalment ma' min hu waħdu, qed ibati, marid, nieqes mill-imħabba, imweġġa' u mwarrab. Minkejja li llum il-ħajja nbidlet ferm għall-aħjar, xorta jibqa' jkollna xi jweġġagħna u jkissirna, xi jfixkilna u jisirqilna l-paċi.



**L-istorja ta' Betlem mhijiex storja tat-tfal. Lanqas ma hi storja ta' elfejn sena ilu u daqshekk. Hi storja li ġrat u għadha tiġri. Hi storja li llum għad għandha ħafna x'tgħidilna fuqna nfusna.** Minn din l-istorja nixtiequ nisiltu tliet veritajiet li nħossu jistgħu jitfgħu ħafna dawl fuq kif qed ngħixu llum.

1. L-ewwel waħda hi l-kelma li jgħid San Ġwann fil-Vanġelu tiegħu dwar ir-realtà ta' żmienu li Alla "Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx";
2. It-tieni verità hi dak li għaddiet minnu l-familja ta' Nazaret mhux biss sakemm twieled Ġesù imma anke wara li twieled biex isalvawh minn kull theddida;
3. It-tielet hija l-verità dwar is-Slaten Maġi, li turi kemm fil-qalb ta' kull bniedem hemm jaħdem l-Ispirtu ta' Alla u hemm xewqa kbira għall-verità.

***Stedina u tħeġġiġa***

**"Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx"** (Ġw 1, 11). **Alla fil-ħajja ta' ħafna m'għadux relevanti. Faċli f'kultura bħal tagħna, inserrħu rasna b'ħafna forom ta' reliġjożità li tkun mifruda mill-fidi. Inkunu qed nibqgħu nibnu fuq dak li mhux iwassalna biex nagħrfu 'l Alla f'ħajjitna u nħossu tassew il-ħtieġa tiegħu.**

Sena ilu, l-Papa Benedittu XVI fl-Enċiklika tiegħu '*Spe Salvi*' dwar it-Tama Nisranija, kiteb kif fiż-żmien modern il-bniedem uża r-raġuni u l-libertà biex iwettaq il-proġetti materjali tiegħu biss.

Bħal fi żmien it-torri ta' Babel (Ġenesi 11), anke llum il-bniedem għadu joħlom li jista' jilħaq is-sema u jsalva lilu nnifsu. Illum qed immissu b'idejna kif l-ideoloġija tal-progress li teskludi lil Alla tista' taħdem kontra l-bniedem stess. Dan rajnieh dan l-aħħar meta minħabba f'regħba żejda d-dinja daħlet fi kriżi ekonomika. **Il-Milied ifakkarna mill-ġdid li Alla sar bniedem u għammar fostna biex ikun sieħeb fl-istorja tagħna, altrimenti mingħajru nitgerfxu.**

***Il-kultura li bnejna***

Il-kultura li bnejna u li nsostnu aħna stess, qed thedded l-armonija bejnietna u qed ittappan ir-relazzjonijiet li darba kienu jsostnu l-familja.

**L-Avvent hu żmien meta, fil-qalba ta' dinja li ma tantx tagħmilhielna faċli biex infittxu lil Alla, niskopru li l-Kelma ta' Alla hi qawwija biżżejjed biex turina l-vojt u d-dlam li jistgħu jaħkmu lil ħajjitna anke bla ma nintebħu. Il-kultura li aħna parti minnha tibqa' tidħak bil-bniedem għax twiegħdu diversi forom ta' salvazzjoni li fil-fatt jirriżultaw insuffiċjenti għaliex ma jissodisfawx l-ispirtu tiegħu.**

Id-dinjità tal-bniedem, sikwit f'isem il-progress u l-libertà, hi mkasbra bl-addoċċ f'kultura fejn kollox jitkejjel mill-effiċjenza u l-utilità. It-tfittxija għas-sodisfazzjon qed twassal għal vojt li ħafna jimlewh bl-użu tad-droga, xorb alkoħoliku, u logħob ta' l-azzard. Il-kisbiet sbieħ fit-teknoloġija ta' l-informatika waslu wkoll itellfu r-rispett lejn il-persuna u ż-żeblieħ b'mod speċjali tal-mara fil-pornografija. Dawn kollha huma sintomi li mat-tajjeb li hemm fis-soċjetà tagħna hemm ukoll mard serju. Il-pajjiż jistenna direzzjoni f'dan il-qasam u koperazzjoni minn min għandu rieda tajba qabel ma jkun tard.

***Vjaġġ intern***

**L-istorja dejjem uriet li l-bniedem jeħtieġ salvazzjoni li ma tistax tiġi minnu stess. Ħadd ma jista' jsalva lilu nnifsu. Il-bniedem għandu xewqat profondi li ma jistax jissodisfahom biss b'affarijiet materjali.**

Il-Knisja f'Malta tixtieq tkun bħall-kewkba tal-Maġi preżenti fil-ħajja ta' ħafna biex permezz tal-Kelma ta' Alla takkumpanjahom u tgħinhom biex f'ħajjithom ifittxu lil Alla bis-sinċerità, jsibuh, u jadurawh bħala l-Mulej li kapaċi jibdel ħajjithom. Il-Maġi x'aktarx sthajlu li se jsibu realtà differenti. Imma t-tfittxija sinċiera u perseveranti wasslithom jiskopru dak li tassew kienu jeħtieġu u li mlielhom qalbhom u ħajjithom.

**Dan hu dak li b'din l-Ittra nixtiequ minn qalbna nawgurawlkom għal dan il-Milied: Li permezz ta' dan il-misteru kbir ta' Betlem, niskopru mill-ġdid lil Alla fil-ħajja tagħna personali u madwarna. It-tarbija ta' Betlem, fid-dgħufija tagħha turina kemm Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla kien kapaċi jitbaxxa biex jidħol fil-qalb tagħna. Ma nħallux li nfittxu lil Alla biss meta nkunu daharna mal-ħajt fit-tbatija jew quddiem il-mewt. F'kull sitwazzjoni tagħna, aħna min aħna, ilkoll għandna bżonn infittxu lil dan Alla għax hu biss kapaċi jagħtina libertà vera u dinjità sħiħa biex infasslu l-futur tagħna bid-deċiżjonijiet tal-ħajja ta' kuljum.**

# Il-Valuri ta' Alla u l-Politika

*Messaġġ tal-Isqof Mario Grech fl-okkażjoni taż-żjara ta' Dr Joseph Muscat, Kap tal-Partit Laburista. Kurja tal-Isqof, Rabat, Għawdex, il-Ħadd, 16 ta' Novembru 2008.*



Għażiż Dr Muscat,

Il-paċi miegħek!



Napprezza ħafna din iż-żjara tiegħek fil-bidu tal-missjoni tiegħek bħala Kap tal-Partit Laburista. Fil-persuna rispettabbli tiegħek, nilmaħ mhux biss il-mexxej politiku ta' parti sostanzjali tal-Poplu Malti u Għawdxi, imma wkoll il-Kap tal-Oppożizzjoni fil-Parlament, l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna - dik l-istituzzjoni fejn jinħmew u jiġu definiti l-liġijiet ċivili; u għaldaqstant membru distint ta' dik l-istituzzjoni li għandha qawwa li tagħti direzzjoni lil ġensna.

Din iż-żjara tiegħek żgur li tqanqal riflessjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat. Dwar ir-rapport bejn l-isfera politika u dik reliġjuża, l-Imgħallem tagħna, l-Mulej Ġesù tana prinċipju importanti li jgħinna nsibu tweġiba: "Agħtu lil Ċesari dak li huwa ta' Ċesari, u lil Alla dak li huwa ta' Alla" (Mk 12,17). Huwa importanti ħafna li tkun ċara din id-distinzjoni bejn il-politika u r-reliġjon biex jirnexxilna nħarsu u nippromovu kemm il-libertà reliġjuża taċ-ċittadini – individwalment u kollettivament – u r-responsabbiltà ta' l-Istat lejhom; kif ukoll biex ikun hemm għarfien ċar tar-rwol insostitwibbli tar-reliġjon fil-formazzjoni tal-kuxjenzi u s-sehem li r-reliġjon tista' tagħti flimkien ma' aġenti soċjali oħra biex fis-soċjetà jinħoloq *consensus etico di fondo.*

Ilkoll nagħrfu u napprezzaw il-kisbiet li saru fejn tidħol il-libertà taċ-ċittadin. Imma fil-kultura Ewropea moderna jeżisti r-riskju li biex jgħożż il-libertà, iċ-ċittadin jasal biex jissagrifika l-verità u l-ġustizzja. Il-libertà teħtieġ fundament li jgħinha tespandi mingħajr però ma jitqiegħdu fil-periklu d-dinjità tal-persuna u l-koeżjoni soċjali. Dan il-fundament ma jistax ma jkunx wieħed traxxendentali. Huwa t-twemmin f'Alla, l-Assolut traxxendentali, l-garanzija li ma nkunux vittmi ta' assoluti temporanji foloz. Fejn Alla huwa meqjus bħala xi ħaġa sekondarja jew huwa eskluż għax naħsbu li nistgħu ngħaddu mingħajru, dak kollu li aħna nqisu li huwa importanti jikkrolla. L-esperjenza tixhdilna dan. Ma nistgħux nibnu l-belt tagħna mingħajr Alla.

Il-libertà reliġjuża mhix libertà mir-reliġjon! Min jgħid xorta oħra mhux biss ikun qed jiċħad eżiġenza naturali ta' kull bniedem, f'kull żmien u f'kull post, imma jkun ukoll jiċħad din id-dimensjoni traxxendentali tal-bniedem. Min jaħseb li l-bniedem u dak kollu li jmiss mal-bniedem għandu jkun miftum mir-reliġjon, għandu kunċett riduttiv tal-libertà, għax b'libertà allura qed jifhem biss ħelsien minn obbligi esterni u mhux bħala possibbiltà biex wieħed isib u jilqa' dak li huwa veru u tajjeb.

Illum f'isem il-pluraliżmu etiku hemm min jimbotta 'l quddiem id-dissoluzzjoni tar-raġuni u ta' dawk il-prinċipji morali naturali; hemm min jafferma li l-pluraliżmu etiku huwa kundizzjoni neċessarja għad-demokrazija. Skond dan il-ħsieb, iċ-ċittadini jistgħu jinsistu li għandhom awtonomija morali sħiħa fl-għażliet li jagħmlu. F'dan il-kuntest hija tentazzjoni għal-leġiżlaturi li biex jirrispettaw il-libertà tal-għażla taċ-ċittadini, jagħmlu liġijiet li jipprexxindu mill-prinċipji ta' l-etika naturali imma jkunu jaqblu ma' dawk il-kurrenti kulturali u morali transitorji daqslikieku kull viżjoni jew proposta tal-ħajja għandhom l-istess valur.

Il-libertà politika ma tistax tkun imsejsa fuq il-kunċett relattivista li l-fehmiet espressi mill-bnedmin għandhom l-istess użin fil-miżien tal-verità u tal-valuri. Imma l-attività politika hija dik l-arti li permezz tagħha gradwalment tagħraf u timplimenta l-ġid veru uman u soċjali f'kuntest storiku determinat.

Mhux kompitu tal-Knisja li tagħti soluzzjonijiet konkreti u tekniċi, inqas u inqas tweġibiet uniċi! Imma huwa dmir tal-Knisja li taqdi lill-bniedem u lis-soċjetà billi, filwaqt li tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kulħadd il-Bxara t-Tajba ta' Ġesù Kristu, tieħu sehem fi djalogu biex ma' xulxin nistabbilixxu dan il-*consensus etico di fondo.*

+ Mario Grech
Isqof ta' Għawdex

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# "BETHLEHEM F'GĦAJNSIELEM"



**F'Għajnsielem Għawdex qed jinbena villaġġ li ser iservi biex fih issir attività kontinwa marbuta ma' żmien il-festi tal-Milied bejn is-6 ta' Diċembru, 2008 u l-4 ta' Jannar, 2009.**

Dan il-villaġġ qed jittella' mill-Kunsill Lokali t'Għajnsielem bil-kollaborazzjoni sħiħa ta' l-għaqdiet kollha tal-lokal u bil-ħidma ta' numru kbir ta' voluntiera.

Din l-inizjattiva ġiet imnedija waqt konferenza stampa li ġiet indirizzata mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika l-Onor. Chris Said u s-Sindku ta' Għajnsielem s-Sur Francis Cauchi flimkien ma' uħud mill-organizzaturi.

Is-Segretarju Parlamentari faħħar din l-inizjattiva li ser tkompli tgħin biex toħloq attivitajiet ta' livell għoli fix-xhur tax-xitwa f'Għawdex li mhux biss jattendu għalihom l-Għawdxin iżda jiġbdu wkoll mijiet ta' Maltin u turisti li jkunu fostna. Hu għalhekk li s-Segretarjat qed jaħdem biex il-Kunsilli Lokali kollha f'Malta u Għawdex jingħataw inċentivi biex jorganizzaw aktar attivitajiet kulturali u tradizzjonali ta' dan it-tip.

**Dott. Said fisser kif l-area fejn ser isir dan il-presepju ħaj sa ftit tal-ġimgħat ilu kienet mitluqa, żdingata u mimlija skart u terrapien. Il-voluntiera naddfu din l-area magħrufa bhala Ta' Passi u li fiha aktar minn 20,000 metru kwadru. Mhux biss iżda rranġaw u bnew aktar minn 400 metru ta' ħitan tas-sejjiegħ li kien fi stat ħażin ħafna. Wara bnew villaġġ temporanju b'dettalji impressjonanti. B' hekk dan il-post issa huwa lest biex jilqa' fih lil kull min ser iżur din l-attrazzjoni.**

Is-Segretarju Parlamentari ħeġġeġ aktar Kunsilli Lokali biex jieħdu l-eżempju tal-lokalità ta' Għajnsielem u jidħlu għall-inizjattivi ta' dawn it-tip li minnhom jibbenefika mhux biss il-lokal iżda l-pajjiż kollu.




**Is-Sindku ta' Għajnsielem Francis Cauchi fisser il-ħidma tal-Kunsill tiegħu biex seta' jittella' dan il-villaġġ. Huwa rringrazzja lid-disinjatur Franco Ciangura u n-numru kbir ta' voluntiera. Il-villaġġ ser jinkludi diversi ħwienet tradizzjonali bħal mastrudaxxa, furnar, suq tal-frott, ħaxix u ħut frisk, taverna u anke diversi stalel b'annimali differenti. Ma jistgħux jonqsu l-egħlieqi bir-ragħajja u l-għar bil-Familja Mqaddsa.**

Dan il-villaġġ jinsab bejn il-Pjazza prinċipali ta' Għajnsielem u t-triq li twassal għall-Imġarr u jintlaħaq kemm mill-istess pjazza kif ukoll minn Triq l-Imġarr. Dan il-villaġġ ser ikun inawgurat mill-Prim Ministru nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru fil-5.00 ta' wara nofsinhar u ser jibqa' miftuħ sal-Ħadd 4 ta' Jannar, 2009. Il-ħinijiet tal-ftuħ ser ikunu: 6,13,20,27 Diċembru, 2008 u t-3 ta' Jannar, 2009 bejn l-4.30 u 9.00 ta' filgħaxija u 7,8,14,21,25,28 ta' Diċembru, 2008 u l-1 u l-4 ta' Jannar 2009 mis-1.30 sas-6.30 ta' filgħaxija u d-dħul huwa bla ħlas. F' diversi ġranet u fil-*weekends* ser ikun hemm spettaklu kontinwu marbut mal-Milied taħt tinda kbira li ser issir fid-daħla ta' dan il-villaġġ.



Kummentarju (1)



# Evviva d-drittijiet! X'minnhom id-dmirijiet?



*kitba ta'* MONS SALV GRIMA

**Iddawret wisq is-soċjetà tal-bnedmin biex ixxandar leħinha dwar id-drittijiet umani b'mod daqshekk sollenni, għax dawn huma antiki daqskemm għandha għomor l-umanità. Imma aħjar tard milli qatt. Sadattant l-10 ta' Diċembru jaħbat is-60 sena mill-pubblikazzjoni min-Nazzjonijiet Uniti tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani. Dan il-pass ittieħed l-iktar biex jonora x-xewqa qawwija li tibda ssaltan il-paċi wara li d-dinja kienet għadha kemm ħarġet minn gwerra mondjali. Ġara bħalma soltu ngħidu li l-bniedem jitgħallem mill-ispejjeż tiegħu.**

Din id-Dikjarazzjoni sabet tweġiba qawwija mill-bidunett, tant li matul is-snin il-prinċipji tagħha ġew imdaħħla fil-leġiżlazzjoni jew fil-kostituzzjonijiet ġodda ta' ħafna pajjiżi. Sintendi mhux biex tkun miktuba biss.

It-tfassil ta' din id-Dikjarazzjoni sar minn għadd kbir ta' rappreżentanti ta' diversi tradizzjonijiet ġuridiċi biex hekk tkun tista' tilħaq il-kunsens universali possibbli. Fil-fatt hija tħaddan valuri u prinċipji komuni għall-bnedmin kollha, magħrufin għal kulħadd u minn kulħadd.

**L-għan tad-Dikjarazzjoni huwa li tibqa' titħares id-dinjità umana u l-valuri ta' kull persuna fid-dinja, mingħajr ebda distinzjoni.** Hija għalhekk għandha tipproteġi kull bniedem b'mod li tibqa' toffrilu ġejjieni ħieles mill-biżà, anki minn dak fejn jidħol il-meħtieġ għall-ħajja. Dan tagħmlu billi tisħaq fuq id-drittijiet umani li huma essenzjali għal għajxien li jixraqlu kull ġieħ.

**Dawn id-drittijiet huma ugwali għal kulħadd, bla ebda għażla ta' nazzjonalità, ta' pajjiż, ta' raġel jew mara, ta' kull xorta ta' oriġini, ta' kulur, reliġjon jew lingwa.** Bihom l-umanità kollha tingħaqad fi ħdan familja waħda. Huma drittijiet marbutin flimkien, jiddependu minn xulxin u lanqas ma jkunu maqsumin, biċċa għal x'uħud u biċċa oħra għal oħrajn.

Fil-prattika dawn id-drittijiet jinkludu kemm dawk ċivili kif ukoll dawk politiċi, bħalma huma d-dritt għall-ħajja, li kulħadd huwa ndaqs quddiem il-liġi, u l-libertà ta' l-espressjoni. Jiġbru fihom aspetti ekonomiċi, soċjali u kulturali, bħalma hu d-dritt għax-xogħol, għall-protezzjoni fil-ħajja u għat-tagħlim. Hemm ukoll drittijiet kollettivi li jħaddnu fihom l-iżvilupp jew it-tisħib fl-għaqdiet. Iktar ma jiġi rispettat id-dritt li jkun, iktar jitħaffef il-progress ta' kulħadd. Għall-kuntrarju, meta xi dritt jiġi miċħud, l-effett tiegħu jinħass fuq l-oħrajn ukoll.

F'din id-Dikjarazzjoni huwa mħares il-prinċipju ta' l-ugwaljanza li jmur kontra kull xorta ta' diskriminazzjoni. L-ewwel artiklu jiddefendi l-valur li jgħid li l-bnedmin kollha jitwieldu ħielsa u ndaqs fid-dinjità u d-drittijiet tagħhom.

***Dak li ma tridx li...***

Hija l-istess Dikjarazzjoni li titkellem ukoll mid-dmirijiet flimkien mad-drittijiet. Qabel xejn dan għaliex il-wirt komuni ta' dawn il-valuri universali jitlob **id-dmir li jinstab qbil bejn il-gvernijiet infushom u mal-popli li huma jmexxu.** Iċ-ċittadini stess jitolbu dan id-dritt mill-mexxejja tagħhom.

**Dan ir-rispett min-naħa ta' l-istat jimplika d-dmir li jipproteġi u jattwa l-istess drittijiet umani.** Għalhekk l-istat huwa obbligat li jrażżan l-indħil tiegħu nnifsu b'tali mod li m'għandux jillimita t-tgawdija tad-drittijiet umani.



*U.N.O. - New York*


TWELID


FAMILJA


HELSIEN

Id-dmir ta' dan il-ħarsien jinkludi kemm l-individwi kif ukoll l-għaqdiet. Fl-istess ħin dan l-obbligu jitlob ukoll mill-istat li jaddatta dawk l-azzjonijiet pożittivi li jgħinu fit-twettiq tad-drittijiet fundamentali.

**Id-dmirijiet għandhom posthom ukoll fil-ħajja ta' kull individwu. Bħalma kull bniedem jeżiġi li jkollu l-ħarsien tad-drittijiet tiegħu, tant ieħor għandu d-dmirijiet tiegħu lejn l-oħrajn. Dawn jidhru l-iktar f'dinja fejn jeżisti theddid minħabba firdiet razzjali, ekonomiċi, reliġjużi u l-bqija.**

**Ladarba dawn id-drittijiet mhux kullimkien huma rispettati għal kollox u ma' kulħadd, wieħed għandu jħoss ir-responsabbiltà morali li jiġġieled kontra l-ksur tagħhom f'ħutu l-bnedmin. Dan ukoll huwa wieħed mid-dmirijiet tiegħu fejn jidħlu d-drittijiet. Id-Dikjarazzjoni msemmija tagħti din il-qawwa li kull wieħed iħossu ħieles biex jiddefendi lil ħutu li jkunu fil-bżonn.**

### *Fiex aħna bħalissa?*

Waqt li d-Dikjarazzjoni ta' dawn id-drittijiet umani kienet bl-iskop li tpatti għall-qerda li nisslet il-gwerra, hija assurda t-talba li hemm il-ħsieb li titressaq lill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda mill-gruppi favur l-abort, propju biex jiċċelebraw dan l-anniversarju. Din il-kampanja qed tistinka biex l-abort ikun rikonoxxut bħala dritt universali, xi ħaġa li hija aċċettata minn ħafna stati membri u li qed ukoll issib appoġġ minn fondi finanzjarji. Kien għalhekk li dan l-aħħar inħolqot kampanja oħra apposta għal ġbir ta' firem biex titlob lill-istati membri ħalli jinterpretaw id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani **bħala protezzjoni mill-abort lit-tarbija li tkun għadha ma tweldietx.** Fl-aħħar mill-aħħar dan id-dritt diġà jinsab miċħud fejn hu legalizzat l-abort. Wieħed jistaqsi: x'wiċċ għandhom l-istati membri tal-Ġnus Magħquda jekk quddiem id-dinja jippruvaw jiftaħru bil-kisba tad-drittijiet umani, inkluż dak tad-dritt għall-ħajja bla ma ssir ebda vjolenza kontriha?

Is-60 anniversarju tan-Nazzjonijiet Uniti ħabat sewwa mal-25 sena tal-preżentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet tal-Familja li l-Knisja għaddiet lill-gvernijiet kollha u lill-komunitajiet internazzjonali fit-22 ta' Ottubru 1983. Din inħasset il-bżonn tagħha bħala parti mill-għarfien aħjar tal-valuri komuni li tħaddan l-umanità kollha, iktar u iktar meta xi stati bdew iwettqu setgħat assoluti fuq il-familja bil-konsegwenza li kienu qed jużaw 'vjolenza' fuq l-istess drittijiet fundamentali.

**Il-messaġġ dwar il-familja flimkien mat-12-il artiklu ta' din il-Karta jagħtu risposta ċara tad-drittijiet fundamentali li għandha tgawdi kull familja.** Tfakkarna fuq kollox li la aħna ma vvintajna l-familja u lanqas m'għandna naħsbu li nistgħu nagħmlu dan. Għalhekk tkompli tisħaq li **l-familja tiġi qabel l-istat u tħaddan dawk id-drittijiet propji tagħha u li l-istat m'għandux jaġixxi kontrihom.**

Għandha tkun xewqa sinċiera ta' kulħadd li mal-medda tas-snin il-veri drittijiet umani ma jkunu mkasbrin minn ħadd, imma min jista' joffri l-aħjar garanzija għal dan, jekk mhux min kien lest li jgħid: *"Ma ġejtx biex inkun moqdi, imma biex naqdi"*? Mhux biss qalu, imma wettqu sa l-aħħar!

CT computertech
the name after quality, service & after sales guarantee
• Computer / Laptop Sales
• Accessories • Consumables
• Printers • Digital Cameras
Contact
'JCF', Frangisk Portelli St, Gharb
mob 7995 0309 tel 2701 6000
e-mail info@computertechgozo.com
For all Your Computer Needs...
...with good quality products & lowest prices on the island
WE DO SERVICES ON ALL COMPUTERS, LAPTOPS, & PRINTERS
• Format/Reinstallation/ Updates (pick-up & delivery)
• Computer Diagnostics
• Data backup to CD/DVD
• Virus Removal • Web Design
• At home computer tuition
www.computertechgozo.com

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija*
*minn Charles Spiteri*

## *Mfakkar il-210 anniversarju minn meta l-Franċiżi tkeċċew minn Għawdex*



Il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex flimkien mal-*Malta Historical Re-enactment Group* organizza jumejn attivitajiet biex jikkommemora l-210 anniversarju minn meta l-Franċiżi tkeċċew minn Għawdex.

Il-pubbliku attenda u ppartecipa bi ħġaru għal din l-attività, attività li minnha nnifisha kienet ukoll waħda edukattiva, u l-preżenza ta' mijiet ta' tfal akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom jikkonferma l-importanza ta' attivitajiet simili li permezz tagħhom it-tfal ikunu jistgħu jieħdu pjaċir u fl-istess ħin jesperjenzaw dak li jkunu tgħallmu fuq il-bank ta' l-iskola tagħhom.



Il-Ġimgħa 30 t'Ottubru filgħaxija l-attivitajiet ikkonċentraw fiċ-Ċittadella fejn iż-żona li tidħol għaliha mill-mina l-antika u tal-madwar taċ-Ċentru ta' l-Arti u s-Snajja ħaditna lura fis-snin, eżattament 210 sena, propju meta l-Għawdxin taħt it-tmexxija ta' l-Arċipriet Saver Cassar, għamlu rewwixta kontra l-Franċiżi u keċċewhom minn ġewwa gżiritna fis-sena 1798. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex ħa ħsieb sabiex flimkien mal-*Historical Re-enactment Group of Malta (HRGM)* iġib madwar 150 *re-enactor* minn madwar l-Ewropa biex joħolqu tabilħaqq atmosfera partikolari. Dawn kienu akkumpanjati minn numru ta' *bag pipers* u oħrajn li jdoqqu t-tnabar biex verament ħolqu atmosfera unika. Is-suldati diversi kienu mgħammra b'pistoli u snieter u matul il-ħinijiet ta' filgħaxija għamlu parati organizzati għad-divertiment ta' dawk kollha preżenti. Kien hemm ukoll kanuni biex jisparaw lill-għadu skond il-ħinijiet ta' l-attakki. Wieħed seta' jinnota swali u postijiet partikolari b'dekor storiku taż-żmien fosthom il-kwartieri tal-Kmandant, taverna tipika ta' dak iż-żmien u kċina b'ikel tipiku. Dan kollu kien ukoll ikkumplimentat b' ikel tradizzjonali.







Is-Sibt 31 t'Ottubru filgħodu fiċ-Ċittadella u fiċ-ċentru storiku tar-Rabat, seħħet il-battalja storika propju fl-istess żona li kienet ġiet miġġielda 210 sena ilu. Is-suldati Franċiżi tqabdu kontra dawk Għawdxin biex finalment għall-ħabta ta' nofsinhar saret iċ-ċerimonja uffiċjali ta' l-*arresa* fi Pjazza Indipendenza (it-Tokk).

## *Pittura għall-Knisja tal-Lunzjata fil-Birgu*



Peress li l-proġett tal-gallarija ta' l-orgni hu fi stat ta' tlestija, il-Komunità Dumnikana fil-Birgu ħasbet biex tkompli żżejjen il-kumplament ta' taħt il-gallarija b'żewġ pitturi ovali.

Il-pitturi li jirrappreżentaw żewġ Qaddisin Dumnikani, San Alberto l-Kbir u Santa Katerina de Ricci ta' daqs *132 cm X 100 cm,* ġew ikkummissjonati lill-pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi.

Ta' min jgħid li missier l-istess pittur, l-istatwarju Wistin Camilleri kellu ħafna xogħol f'din il-komunità li sfortunatament inqered fil-gwerra flimkien mal-pittura tal-koppla tal-Profs. G.B. Conti fl-1942.

*Il-pittur Pawlu Camilleri Cauchi fl-*istudio *tiegħu, fir-Rabat, Għawdex, waqt ix-xogħol fuq iż-żewġ pitturi.*

## *Il-Kor 'Willington Boys' fil-Bażilika tal-Għarb*



*Il-Kor* Willington School Boys' Choir *waqt il-Kunċert fil-Knisja Bażilika tal-Viżitazzjoni, l-Għarb.*

Il-Kor *Willington Boys* ta' Londra taw kunċert fil-Knisja Bażilika tal-Viżitazzjoni, l-Għarb, nhar l-Erbgħa 15 t'Ottubru, filgħaxija. Il-Kunċert kien organizzat mill-Kunsill Lokali ta' l-Għarb, flimkien mal-Kumitat għat-twaqqif tal-Monument Papa Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tat-tletin anniversarju mill-elezzjoni tal-ħatra ta' Karol Jozef Wojtyla bħala Papa u fit-tieni anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-Monument Nazzjonali f'Għawdex ta' dan is-Serv t'Alla, Ġwanni Pawlu II.

Il-Kor taħt id-direzzjoni ta' Scott Inglis-Kidger u Caitlin Crabtree u Oliver Waterer fuq l-orgni, daqq diversi xogħlijiet, fosthom, *Amazing Grace* ta' Arr. E. Jones; *Standing In The Need of Prayer* ta' Arr. A. L'Estrange; *Oh When The Saints* ta' Arr. P Hunt; *Risen Lord* ta' B.Rose; *And Now Another Day Is Gone* ta' L. Blake; *Panis Angelicus* ta' C. Franck; *Don't Build Your House* ta' K. Lafferty; *Now Thank We All Our God* ta' J. Marsh; *Prevent Us, O lord* ta' D. Holman; *Et in terra pax from Gloria in D* ta' A. Vivaldi; *Ave Verum* ta' W.A. Mozart u *Jerusalem* ta' C.H.Parry. Il-Kor *Willington School Boys' Choir* twaqqaf f'Londra fis-sena 1889.

## *Jum it-Tifkira ċċelebrat fit-Tokk tar-Rabat*



*Il-Ministru Giovanna Debono tidher tpoġġi l-kuruna mal-Monument li jfakkar il-vittmi tal-Gwerra.*

Ċerimonja qasira imma sinifikattiva saret nhar il-Ħadd 9 ta' Novembru, filgħodu, quddiem il-monument tal-Gwerra fi Pjazza Indipendenza biex jiġi mfakkar Jum it-Tifkira magħruf ukoll bħala l-*Poppy Day.*

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono flimkien ma' rappreżentanti ta' bosta għaqdiet u organizzazzjonijiet qegħdu l-kuruni tal-pepprin aħmar f'riġlejn il-monument li jfakkar lill-vittmi Għawdxin li tilfu ħajjithom bejn is-snin 1939 - 1945 b'azzjoni mill-għadu matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Iċ-ċerimonja kienet tinkludi qari tal-poeżija, "Wild Din il-Gżira" tal-Ġiżwita Patri Ġużè Delia, minn Francesco Pio Attard; informazzjoni dettaljata tal-vittmi tal-Gwerra Għawdxin minn Charles Bezzina u talb għall-vittmi mill-Gwardjan tal-Patrijiet Franġiskani, Patri George Attard. Ħa sehem ukoll stakkament Għawdxi ta' Suldati tal-Forzi Armati ta' Malta, taħt it-tmexxija tal-Kaptan Claude Terribile.

Mat-tokki tal-ħdax ta' filgħodu nżammet minuta silenzju u ndaqqu l-*Last Post* u r-*Reveille* filwaqt li ftit wara l-ħdax sar *fly past* minn ajruplan tar-*Royal Air Force* fuq Pjazza Indipendenza.

Preżenti wkoll għaċ-ċerimonja kien hemm is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Avukat Chris Said, Sindki Għawdxin, numru ta' veterani tal-gwerra u membri tal-*British Legion Malta* flimkien ma' għadd ta' sindki Taljani li kienu Għawdex qed jipparteċipaw fil-laqgħa Gastronomika Mediterranja.

Il-monument magħruf ukoll bħala Kristu Re fit-Tokk tar-Rabat inħadem mill-iskultur Carlo Pisi fis-sena 1949 u ġie inawgurat mir-Reġina Eliżabetta II fis-7 ta' Mejju 1954.

## *Festa ta' ikel tipiku Mediterranju fiċ-Ċittadella u f'Ta' Ċenċ*



*Waqt il-festa ta' l-ikel fiċ-Ċentru għall-Kultura u l-Arti fiċ-Ċittadella.*

Ġew fi tmiemhom attivitajiet ta' festa ta' ikel tipiku Mediterranju marbuta ma' l-ewwel Laqgħa Gastronomika Mediterranja li ġiet imtella' għall-ewwel darba f'Għawdex.

*Il-Gastro Gozo 2008*, ġie organizzat mill-Kunsill Għawdxi għall-Kultura u l-Arti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex flimkien ma' l-*Associazione Tipico* ta' Abruzzo fl-Italja. Din l-inizjattiva, li kienet l-ewwel ta' dan it-tip fuq il-gżira ta' Għawdex, wasslet biex għaqqdet flimkien kokijiet, produtturi ta' prodotti tipiċi, operaturi turistiċi u amministraturi miż-żewġ reġjuni, li flimkien fi tmiem il ġimgħa, (mill Ġimgħa 7 sal-Ħadd 9 ta' Novembru) kienu qed jippromwovu l-prodotti gastronomiċi tipiċi taż-żewġ reġjuni.

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ, li kienet ippreseduta minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, bdiet b'kunċert fil-Knisja Katidrali mill-kor *Chorus Urbanus*. Saret ukoll rappreżentazzjoni ta' żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, filwaqt li ġiet inawgurata wirja ta' skultura ta' Paolo Spoltore, artist minn Abruzzo.

Waqt li kienet qed tinawgura dan il-festival gastronomiku fiċ-Ċentru għall-Kultura u l-Arti fiċ-Ċittadella, il-Ministru Debono qalet li din l-inizjattiva tingħaqad mal-viżjoni tal-Gvern li jagħmel minn Għawdex gżira ekoloġika. Hija awgurat li din l-okkażjoni sservi biex tqanqal kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn Għawdex u r-reġjuni ta' l-Abruzzo u l-Veneto. Hi semmiet kif diġà jeżistu ġemellaġġi bejn lokalitajiet f'dawn ir-reġjuni li permezz tagħhom jiġu promossi oqsma bħal ma huma dawk ambjentali, turistiċi, il-wirt storiku u s-saħħa billi jiġu addottati stili ta' ħajja aktar tajbin.




*Kokijiet flimkien mal-Ministru Giovanna Debono, qabel l-ikla speċjali f'Palazzo Palina, f'Ta' Ċenċ.*

Waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ, tkellmu wkoll il-President ta' l-*Associazione Tipico* ta' Abruzzo u l-President tal-*Comune di Venezia*.

Saret ukoll konferenza bit-tema **Nevitaw l-obeżità permezz ta' Dieta Mediterranja,** li fiha pparteċipaw kelliema lokali u barranin fosthom in-nutrizzjonista Taljan Dr. Corrado Pierantoni u l-antropologu Malti Dr Ray Debono Roberts. Matul din il-konferenza, l-Ministru Debono stqarret li din l-attività tippromwovi l-awtentiċità tal-ġenwinità tal-prodott tipiku f'dinja globalizzata li ħafna drabi tippromwovi l-konsumiżmu mingħajr ma' tirrispetta biżżejjed il-prodott artiġanali. Hija faħħret l-inizjattiva ta' din il-konferenza li matulha esperti gastronomiċi ddiskutew il-ġenwinità u l-produzzjoni ta' ikel tipiku tar-reġjuni mediterranji.

Is-Sibt filgħaxija, f'Palazzo Palina, f'Ta' Ċenċ, saret ikla speċjali fejn għaxra mill-aqwa kokijiet mir-reġjuni ta' Abruzzo u Veneto ppreparaw esperjenza gastronomika unika għall-mistednin li attendew.

Il-Ħadd filgħodu l-barranin ipparteċipaw fiċ-Ċerimonja ta' Jum it-Tifkira li saret quddiem il-Monument ta' Kristu Re u aktar tard attendew għal ċelebrazzjoni ta' quddiesa minn Dun George Bezzina, fil-knisja ta' San Ġakbu.

L-ewwel laqgħa Gastronomika Mediterranja ġiet fi tmiemha bl-ikla ta' nofsinhar f'*Ta' Mena Estate*, fit-triq ta' Marsalforn.

## *Is-60 anniversarju ta' waħda mill-agħar traġedji tal-baħar li seħħew qrib Għawdex*




*Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono tqiegħed bukkett fjuri mal-Monument ta' Tifkira, fiż-Żewwieqa, l-Imġarr.*

Nhar il-Ħadd 2 ta' Novembru, fl-10.00 ta' filgħodu, ġie mfakkar is-sittin anniversarju ta' waħda mill-agħar traġedji tal-baħar li seħħew qrib Għawdex u li wasslet biex 23 persuna tilfu ħajjithom waqt li kienu qed jaqsmu bejn Malta u Għawdex fit-30 ta' Ottubru 1948.

Din it-traġedja ġiet imfakkra b'ċerimonja kommemorattiva li saret ħdejn il-monument li jfakkar din il-ġrajja fl-inħawi taż-Żewwieqa fl-Imġarr Għawdex.

Din id-diżgrazzja, li hija l-ikbar traġedja ta' Għawdex wara t-Tieni Gwerra Dinjija, ġrat meta luzzu mgħobbi bil-passiġġieri, fosthom żewġ pulizija u mara, flimkien ma' żewġ membri ta' l-ekwipaġġ, kienu telqu mill-Marfa għal Għawdex minkejja l-maltemp u l-baħar qawwi. Minn dak it-traġitt, li ntemm ħesrem qrib il-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien wara li l-luzzu nqaleb bil-mewġ qawwi, kienu biss erba' passiġġieri li rnexxielhom isalvaw billi għamu sal-kosta, fosthom Paul Zammit, li kien wieħed minn dawk li attendew għaċ-ċerimonja kommemorattiva.



*Waqt it-tfigħ tal-fjuri fil-baħar fil-post fejn saret it-traġedja.*

Iċ-ċerimonja, li kienet ippreseduta minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, bdiet bi tqegħid tal-kuruni mal-monument li hemm fiż-Żewwieqa, l-Mgarr, u ġiet segwita b'quddiesa li ġiet iċċelebrata minn Mons. Pawl Cardona, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorg, abbord wieħed mill-vapuri tal-*Gozo Channel.*

Għal din iċ-ċerimonja attendew fost l-oħrajn, l-*ex Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti Anton Tabone, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni l-Avukat Chris Said, iċ-*Chairman* tat-Kumitat Festi Nazzjonali, Vincent Grech flimkien ma' wħud mill-familjari tal-vittmi, li lkoll tefgħu l-fjuri fil-baħar fil-post fejn seħħet it-traġedja, bħala sinjal ta' rispett.

## *Marija ta' Nazaret - Spettaklu mużikali*



F'għeluq l-125 sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu u l-150 Sena mid-Dehriet ta' Lourdes, l-Oratorju Don Bosco fir-Rabat, itella' *musical* ġdid dwar il-Madonna u l-messaġġ tagħha għar-realtà soċjali ta' żmienna.

Il-*musical* "MARIJA TA' NAZARET" qed jittella' f'Għawdex bil-permess ġentili tal-kompożitur Taljan Armando Bellocchi u l-awtriċi Giuseppina Bellocchi u Giuseppina Costa.

Il-*musical* "Marija Ta' Nazaret" inkiteb bit-titlu oriġinali "Apriti alla Vita" biex jipproponi lill-Madonna bħala mudell għall-ħajja ta' żmienna fil-problemi kollha li jkollna niffaċċjaw. Għalkemm inkiteb u nħadem oriġinarjament diversi snin ilu, l-aħħar li kien ippreżentat dan l-ispettaklu kien propju f'Diċembru 2007 b'konnessjoni ma' ċelebrazzjonijiet marjani li saru fi Sqallija. Dan l-istess spettaklu mużikali madwar sentejn u nofs ilu kien ġie addattat għall-i*screen*, u fil-fatt partijiet minnu nġibdu f'Għawdex bil-kollaborazzjoni ta' l-Oratorju Don Bosco. F'dak il-film, li intwera fl-Oratorju wkoll sentejn ilu, kienu ħadu sehem diversi tfal, żgħażagħ u kbar li jiffrekwentaw l-Oratorju.

"Marija Ta' Nazaret" inqaleb għall-Malti minn Dun Effie Masini, li hu wkoll id-Direttur ta' l-Oratorju Don Bosco, li qalilna illi fl-istorja tal-mużika, speċjalment dik sagra, l-Madonna hija figura li nkitbu dwarha mijiet kbar ta' għanjiet. Imma bħala spettaklu mużikali, "Marija Ta' Nazaret" huwa wieħed mill-ftit ta' dan it-tip. "...Li tippreżenta lill-Madonna bħala spettaklu hija dejjem sfida. Għax il-Madonna propjament mhijiex spettaklu, imma hija ħajja u mħabba. U "Marija ta' Nazaret" trid tisfidana biex nirriflettu iktar fuq il-ħajja u l-imħabbiet tagħna, u fuq l-għażliet li qed nagħmlu. Marija trid twassalna biex fid-dawl tagħha li jegħleb kull dalma naslu biex nagħżlu t-tajjeb u negħlbu l-ħażin, tridna nagħżlu l-ħajja biex negħlbu l-mewt".

"Marija Ta' Nazaret" kien rekordjat għand il-*PRO Studios* ta' Għawdex. Id-direzzjoni vokali u mużikali tħalliet f'idejn il-kantanta u kompożitriċi Pamela Bezzina li interpretat hi wkoll il-parti ewlenija tal-Madonna. Kantant ieħor ewlieni li ħa sehem f'dan il-*musical* kien Mario Caruana interpreta l-parti ta' San Ġużepp. Mumenti komiċi mill-*musical* ġew interpretati mid-*duo* Charlie Zammit u George Sacco, waqt li l-koreografija tħalliet f'idejn Dr. Simone Grech, Lara Vella u Frances Zammit. Bi produzzjoni ta' Gordon Grech segwejna spettaklu ta' sagħtejn mużika, kant u żfin, li fih ha sehem kast ta' 'il fuq minn mitt persuna. *"MARIJA TA' NAZARET"* intwera għall-ewwel darba nhar is-Sibt 22 ta' Novembru. *Shows* oħra saru l-Ħadd 23, u s-Sibt 29 ta' Novembru kollha filgħaxija fl-Oratorju Don Bosco t'Għawdex. Saru wkoll xi spettakli oħra għat-tfal ta' l-iskejjel.

Sadanittant fl-aħħar ġranet ġie llanċjat id-*Double CD Album "MARIJA TA' NAZARET"* li jinkludi fih il-mużika kollha ta' l-istess spettaklu.

## *Il-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex jiffirmaw l-"Aalborg Charter"*

L-erbatax-il Kunsill Lokali kollha f'Għawdex il-bieraħ iffirmaw l-*Aalborg Charter* fejn ikkommettew ruħhom li jippjanaw flimkien il-prijoritajiet tagħhom fuq ir-riżorsi, il-kapaċitajiet u l-aspirazzjonijiet li l-lokalitajiet tagħhom joffru. L-iskop ta' l-Aalborg Charter huwa l-iżvilupp sostenibbli ta' lokalitajiet filwaqt li tħeġġeġ lil-lokalitajiet biex jissieħbu huma wkoll fi proċessi ta' Agenda Lokali 21 ta' l-UE. Aktar informazzjoni dwar l-Aalborg Charter tista' tinkiseb minn din il-*website*: http://ec.europa.eu/environment/urban/aalborg.htm

Is-suċċess ta' dan iċ-*Charter* huwa bbażat fuq miri li jistgħu jintlaħqu b'*timeframes* speċifiċi u bi strateġiji lokali sabiex il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli li fih jinkorpora l-prinċipji tas-sussidjarjetà u s-solidarjetà jitwettqu.

Permezz ta' din ir-rattifika min-naħa tal-Kunsilli Lokali, huma qegħdin jaqblu li flimkien jippromwovu l-lokalitajiet



sostenibbli, u m'għandhomx jinvolvu ruħhom biss fit-tisbiħ tal-lokalità tagħhom jew f'aspetti ta' xogħol infrastrutturali, tindif u xogħol strutturali biss, imma għandhom ukoll jinkorporaw fihom il-kunċett soċjali u ambjentali u anke l-valuri lokali, użanzi u tradizzjonijiet li jifformaw l-identità lokali tagħhom.

Din l-attività saret fuq inizjattiva tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni. Is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, l-Onor. Dr. Chris Said, tkellem dwar il-fatt illi l-kunsilli lokali kollha f'Għawdex ingħaqdu flimkien biex jagħtu ħajja lil din l-inizjattiva totalment ġdida.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono saħqet dwar il-fatt li b'mod unanimu l-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex, ser jipparteċipaw f'dawn l-inizjattivi li joħorġu minn dan iċ-*Charter*.

Id-diskorsi tal-Ministru Debono kif ukoll tas-Segretarju Parlamentari Chris Said isegwu.

## *Restawr tal-Kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja*



Dawn l-aħħar ġranet, hekk kif wieħed jkun tiela' minn naħa ta' Marsalforn lejn ir-Rabat, faċilment ikun jista' josserva li l-kampnar tas-Santwarju tal-Patrijiet Kapuċċini hu nieqes. Dan għaliex il-kampnar kellu jinħatt biex jiġi restawrat. Ħafna mill-kantuni ta' dan il-kampnar kienu ttieklu biż-żmien u ħafna oħrajn saħansitra kienu xpakkaw minħabba l-effett ta' ħafna snin li għaddew minn fuqhom esposti l-ħin kollu għal kull xorta ta' temp. Dan l-aħħar, din l-istruttura kienet waslet fi stat li setgħet taqa' minn ħin għall-ieħor u għalhekk kienet qed toħloq periklu kontinwu għal dawk kollha li jiffrekwentaw dan il-post qaddis.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Gwardjan preżenti Patri Karm Dimech OFM.Cap., ħaseb biex japplika għall-permessi meħtieġa mill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Għal dan ix-xogħol tqabbad il-Perit Emanuel Vella li ħejja l-applikazzjoni u l-pjanti kollha. Il-Perit Ivana Farrugia ħejjiet ir-rapport (*Conditions Report & Method Statement*) dwar l-istat li kien jinsab fih il-kampnar kif ukoll indikat liema metodu għandu jintuża fil-bini mill-ġdid ta' dan il-kampnar. Il-permess mill-*MEPA* ħareġ u għalhekk ix-xogħol ta' restawr seta' jinbeda bla telf ta' żmien.

Hawnhekk ta' min isemmi n-nota bi sfond storiku inkluża fir-rapport. "Kif kien dokumentat fl-istorja t'Għawdex ta' Agius De Soldanis ***"Il Gozo Antico-Moderno e Sacro Profano"***, ftit wara li l-Patrijiet Kapuċċini waslu Għawdex fl-1736, huma minnufih bdew jibnu l-kunvent eżistenti u l-knisja li tmiss miegħu. Dawn bnewhom fuq art mogħtija lilhom mill-Gran Mastru Manoel De Vilhena. Il-bini kollu, li nbena fuq il-pjanti ta' Fra Giuseppe Grech, ħa madwar ħmistax-il sena biex jitlesta. Ta' min jgħid li dan Fra Giuseppe kien ajk kapuċċin li kien ħejja wkoll il-pjanti tal-knisja u l-kunvent ta' Santa Liberata fil-Kalkara."

Il-kampnar oriġinali kien twaqqa' fis-sena 1972 u minfloku nbena dak li kien hemm sa ftit ġranet ilu, replika eżatta ta' dak oriġinali bi struttura interna tal-konkos taħt qoxra tal-ġebla.

"It-trattament arkitettoniku tal-kampnar kien jimxi fedelment ma' l-istil arkitettoniku klassiku li kien użat fil-faċċata tal-knisja, u għalhekk, l-istess bħall-faċċata, il-kampnar ukoll jirrifletti sempliċità imponenti, b'linji dritti u ftit li xejn skultura, stil li jikkaratterizza kull bini ta' l-Ordnijiet tal-Patrijiet Mendikanti."

Ir-rapport jirrakkomanda li ma jintużax konkos u li għandu jkun hemm attenzjoni kbira hu u jinħatt il-kampnar biex kollox ikun iddokumentat u l-kantuni kollha jkunu numerati, sabiex jiġi żgurat li meta l-kampnar jerġa' jinbena mill-ġdid, tiġi rispettata totalment il-forma oriġinali. Filwaqt li jinbidlu dawk il-kantuni xpakkati, miksura jew mikulin, kantuni oħra li għadhom sħaħ għandhom jitpoġġew f'post oriġinali tagħhom meta jerġa' jinbena l-kampnar mill-ġdid.

Ix-xogħol kollu qed isir minn Wiġi Vella flimkien mat-tifel tiegħu Mark. Mill-istima li saret fuq kemm se jiġi jiswa dan il-proġett, kollox juri li sa tkun spiża konsiderevoli u għalhekk il-Patrijiet Kapuċċini żgur japprezzaw donazzjonijiet mingħand qlub ġenerużi li jixtiequ jgħinu biex dan il-proġett jiġi fi tmiemu fi żmien qasir. Għal dan il-għan, infetaħ il-Kont Bankarju ta' l-**HSBC "Franciscan Capuchins"** bin-numru tal-Kont **A/C Kampnar 071-087621050** biex dawk il-benefatturi li jixtiequ joffru donazzjonijiet, ikunu jistgħu faċilment jagħmlu dan u hekk huma wkoll ikunu jgħinu biex dan is-Santwarju għażiż għalina l-Għawdxin, jinżamm fi stat li jixraq tassew lid-Dar t'Alla.

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*

# Il-Milied ma' Għawdex kollu

**Naħseb li lkoll taqblu miegħi li l-festa tal-Milied sabiħa ġejja; l-istennija tal-Milied hija forsi l-isbaħ parti ta' din il-festa għażiża. Illum għalhekk għażilt li nikteb x'qed jitħejja għal din il-festa li tfakkarna fil-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù Tarbija fl-għar ta' Betlem.**

Il-Kunsill tal-Kultura f'Għawdex is-sena l-oħra nieda skeda li biha offra somma ta' flus lil dawk li jibnu presepju statiku jew mekkaniku ta' ċertu daqs għall-wiri tal-pubbliku. Ma teżistix kompetizzjoni - ħaġa tajba. **L-importanti li nħejju lill-familja u nħeġġu lill-familja Għawdxija tibni l-presepju fid-dar.** Din l-iskeda qed tiġi repetuta dis-sena. Prosit! Wara kollox x'inhu l-Milied mingħajr il-presepju! Qisek mort għall-festa ta' magħmudija u lit-tarbija ma lmaħtha mkien.

**Kien għal dan l-istess skop li twaqqfet l-"Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta 1985"**. Għalkemm xi ħadd jista' jgħid li din hija għaqda staġjonali, dan il-kumitat jiltaqa' regolarment matul is-sena u llum jista' jiftaħar li fil-*"Premises"* tiegħu fi Triq ir-Repubblika Victoria, taħt il-Kurja tal-Isqof, għandu **Wirja Permanenti tal-Presepju**. Kull nhar ta' Ġimgħa matul is-sena kollha, iċ-Ċentru jkun miftuħ fil-għaxija u matul l-ewwel xhur tas-sena hawnhekk anke jingħataw taħdidiet dwar il-bini tal-presepju u dak kollu marbut miegħu.

Din is-sena s-Seminar Annwali tal-Milied li torganizza din l-Għaqda saret fl-aħħar Ħadd ta' Novembru fil-parroċċa tal-Għarb. Fit-8.30am ħarġet il-quddiesa fil-knisja arċipretali u wara dawk li attendew baqgħu fir-raħal u semgħu taħdidiet interessanti dwar il-presepju minn nies imħarrġa sewwa f'dan il-qasam. In-nofs ta' nhar għalaq bil-pranzu u l-poeżija tal-Milied. Kulħadd kien mistieden.

**Il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru, il-Ministru għal Għawdex tinawgura l-Wirja tal-Presepju fis-swali tal-Ministeru fi Pjazza San Franġisk u li sa titbierek mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech.** Ta' kull sena din il-Wirja tiġbed folol ta' nies minn kull rokna tal-gżejjer Maltin. Tassew ikun fiha x'tara u ħadd m'għandu jitlifha. Jiena nittama li ħafna għandhom ikunu dawk iċ-Ċentri li jibnu xi presepju sabiħ u artistiku u jqegħduh għall-wiri. Fost dawn żgur li hemm ħafna oqsma tal-Museum (is-sena l-oħra ħadt gost inżur dawk tan-Nadur, l-Għasri, ix-Xagħra,) li jieħdu ħsieb ukoll jagħmlu **l-Purċissjoni bil-Bambin mat-toroq tal-bliet u l-irħula tagħna. Nittama li din is-sena wkoll ir-raħal ta' San Lawrenz jerġa' jippreżenta l-Pageant spettakulari tal-Milied fil-lejla għażiża tal-Milied u li fih jieħdu sehem il-parti l-kbira tal-Lawrenzjani.**

Ma nkunx niżbalja jekk ngħid li fost l-irħula tagħna, **ir-raħal tax-Xagħra huwa magħruf għad-diversi inizjattivi u attivitajiet li jorganizza fil-festi tal-Milied.** Tajjeb li dak li diġa jsir, ikompli jissaħħaħ filwaqt li jinħolqu inizjattivi ġodda li jsaħħu l-atmosfera tal-Milied u jwasslu l-messaġġ nisrani tal-Milied. Għal dan il-għan fir-raħal tal-Bambina twaqqfet Għaqda biex tissokta tippromovi l-Milied fix-Xagħra. Grupp ta' dilettanti jiltaqgħu b'mod regulari u ġew mistiedna rappreżentanti minn għaqdiet fix-Xagħra. L-isem ta' din ix-xirka huwa **"Għaqda Ħbieb il-Milied fix-Xagħra". Fost għanijiet oħra, l-Għaqda tappoġġja u tmexxi 'l quddiem il-ħidma ta' diversi Xagħrin f'oqsma marbuta mal-Milied u ppubblikat fuljett informattiv biex iservi ta' gwida għal min iżur ix-Xagħra matul il-ġranet tal-Milied.** Dawn jinkludu funzjonijiet liturġiċi, attivitajiet fil-knisja, presepji f'ċentri u djar privati, twieqi mżejna, triqat imżejna, kunċert tal-Milied, festivals, u attivitajiet soċjali. Dawk kollha li jixtiequ jperrċu l-attivitajiet u x-xogħol tagħhom huma mitluba jkellmu lis-Sur **Victor Agius 79594508** jew inkella jaqbżu qabża saċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet fir-raħal. F'dan ir-raħal ukoll twieled il-Kor *Schola Cantorun Jubilate* li ta' kull sena jagħti kunċerti tal-Milied tant mistennija mill-pubbliku. Dak f'Sant Wistin Victoria jiġbed ħafna nies kull sena. Fil-parroċċa tax-Xagħra l-Kor *Chorus Urbanus* ukoll jippreżenta kunċert sabiħ tala-Milied kif jagħmel ukoll fit-Tejatru Astra tal-Belt Victoria. Orkestra żagħżugħa mmexxija minn Mro Joseph Grech ukoll ittella' kunċert tal-Milied f'waħda mill-pjazez tagħna.



Żgur li diġa hawn ħafna li bdew jaħsbu biex jibnu l-presepju. Ħafna drabi, dawn jibnew b'ħafna teknika u ħsieb. **Niftakar fix-Xagħra, fl-inħawi tal-knisja ta' Ġesù Nazzarenu, kont rajt Presepju Ħaj li fih ħadu sehem uħud mill-parruċċani w annimali domestiċi li ssibhom fl-ambjent li fih kien twieled Bin il-Bniedem. Naħseb li din is-sena din l-esperjenza se terġa' tirrepeti ruħha. Is-Sur Frankie Mizzi, fil-bidu tal-Fontana, għandu Presepju armat is-sena kollha li trid iddur miegħu dawra mejt biex tapprezza s-sengħa u l-arti li għandu jserrpu fil-vini tiegħu dan id-dilettant kbir tal-Presepju**, li dejjem jara kif jirfina u jżid fuq ix-xogħol tiegħu. Ma niftakarx il-presepji kollha li mort inżur is-sena l-oħra imma naf li kien hemm bosta mxerrda ma' Għawdex kollu. Naf li **dis-sena f'Għajnsielem qed titħejja xi ħaġa speċjali - '*Bethlehem f'Għajnsielem*'** Prosit. Il-Kunsill tal-Kultura ta' kull sena jippubblika lista ta' presepji li jkollna f'Għawdex għall-wiri u li jkunu ssussidjati minnu. X'hemm isbaħ, għiduli, milli wieħed jaqbad il-familja matul Diċembru, hekk kif tgħaddi il-festa tal-Kunċizzjoni u jmur iżur dawn il-presepji li bla dubju jirakkontaw b'mod tassew ħaj il-ġrajja tas-Salvazzjoni tagħna...

MILL-PARLAMENT

# Is-Silta dwar Għawdex mid-Diskors tal-BAĠIT 2009

*Mr. Speaker,*

Fil-kuntest tal-Viżjoni 2015, l-attenzjoni lejn Għawdex – bil-bżonnijiet partikolari tiegħu – tibqa' fattur determinanti. Għawdex, mal-kumplament tal-pajjiż, qed ikompli jimxi b'pass mgħaġġel fl-iżvilupp tiegħu u fil-qabża' 'l fuq fil-kwalità tal-ħajja.

Dan il-progress huwa frott ukoll ta' żvilupp infrastrutturali kif ukoll ta' investimenti soċjali sostanzjali. In-nefqa fuq proġetti kapitali matul din is-sena, qabżet is-sitt miljun ewro.

Il-Gvern jifhem ukoll li r-realtà f'Għawdex m'hijiex estensjoni ta' dik ta' Malta. Hemm oqsma li għal raġunijiet varji, jirrikjedu attenzjoni speċjali, forsi aktar minn Malta. Nibqgħu nsostnu li fejn jidħol il-qasam tax-xogħol, irridu nagħmlu sforzi dejjem akbar biex f'dil-gżira, l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ tagħna, u għal kulħadd, jiżdiedu. Is-sena d-dieħla, il-*Malta Enterprise* u l-Ministeru għal Għawdex se joħolqu flimkien pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni ta' Għawdex għall-investiment u l-ħolqien ta' l-impjiegi. Fit-turiżmu, se nibqgħu naraw x'azzjonijiet nistgħu nieħdu biex il-gżira tibqa' tirreġistra progress, partikolarment fix-xhur kwieti bejn il-ħarifa u r-rebbiegħa.

Il-Gvern għamel impenn importanti u ambizzjuż mal-gżira t'Għawdex: sas-sena 2015, jagħmel minnha gżira ekoloġika – mudell ta' żvilupp sostenibbli.

F'Lulju li għadda nedejna programm ta' konsultazzjoni pubblika biex l-istrateġija għat-twettiq tal-viżjoni Eko-Għawdex tkun tabilħaqq ibbażata fuq l-aspirazzjonijiet u l-viżjoni ta' kulħadd. Ir-rispons tal-pubbliku kien ta' kuraġġ kbir.

L-ewwel proġett li se jniedi l-Gvern fil-kuntest tal-gżira ekoloġika huwa wieħed bażilari għal dan il-kunċett: it-trasformazzjoni radikali tas-settur tat-trasport pubbliku f'Għawdex biex ikun b'mod li jkun alternattiva realistika u vijabbli għall-karozza privata. Servizz komdu, effiċjenti, utli u ċċentrat fuq il-bżonnijiet tal-klijent. Irridu servizz li se jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti Għawdxin li llum għandhom servizz ta' trasport pubbliku fqir ħafna, u li t-turisti f'Għawdex ikollhom l-opportunità ta' servizz li jgħinhom igawdu l-isbuħija ta' dil-gżira bl-aktar mod komdu possibbli, bl-akbar aċċessibbiltà, u tinkludi karozzi li jniġġsu mill-anqas possibbli.

L-inizjattivi ambjentali f'Għawdex, partikolarment marbuta mal-kunċett ta' gżira ekoloġika, se jinkludu kampanji edukattivi, miżuri għall-protezzjoni tar-riżorsi naturali, introduzzjoni ta' prattiċi u teknoloġiji li jnaqqsu l-konsum ta' l-elettriku fi propjetà pubblika, u l-immaniġġjar ta' siti ta' valur naturali.

Din is-sena wettaqna numru ta' proġetti u ħadna diversi inizjattivi bil-għan li Għawdex ikompli jimxi 'l quddiem.

Fl-edukazzjoni lestejna l-ewwel fażi tal-bini mill-ġdid tal-Kumpless ta' Liċeo Ninu Cremona u tajna bidu għat-tieni fażi ta' xogħlijiet konnessi ma' dan il-proġett. Tkompla l-



bini tal-Kumpless għall-*Adult Training Centre* ġdid fir-Rabat, u tlesta l-bini tat-*Training Hotel* fil-Qala biex tħarreġ il-ħaddiema fl-industrija tat-Turiżmu. Lestejna l-bini tat-*terminal* għall-passiġġieri fil-port tal-Imġarr. Saru xogħlijiet fuq numru ta' toroq f'diversi lokalitajiet, u ħarġu l-permessi meħtieġa għall-faċilitajiet ta' rmiġġ għall-*cruise liners* fix-Xlendi.

Mr. Speaker, nemmnu li l-attività ekonomika f'Għawdex għandha titkattar b'mod sostenibbli, u li din il-gżira għandha tkun aktar aċċessibbli għat-titjib mil-lat turistiku. Se nkomplu nsaħħu s-servizzi tal-biedja, inkluż il-promozzjoni ta' agrikoltura organika, u tas-sajd. Se nassiguraw li jingħataw servizzi mill-aqwa fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, kif ukoll fl-infrastruttura.

Se nibnu mill-ġdid parti mit-triq tax-Xlendi u t-triq li twassal għas-Santwarju Ta' Pinu, filwaqt li se nkomplu l-ħidma fuq it-triq li tagħti mill-Imġarr għar-Rabat. Fl-Isptar Ġenerali, se nwaqqfu taqsima ġdida tar-Radjoloġija u se nirristrutturaw it-tieni sala ta' l-operazzjonijiet b'tagħmir ġdid u modern. Il-ġonna ta' Villa Rundle se jiġu riabilitati.

Eko-Għawdex m'hijiex *slogan* bla bażi. Hija minjiera ta' potenzjal li għandha tgħin biex jiġu integrati l-isforzi ta' kulħadd biex inkomplu ntejbu l-qagħda ekonomika, soċjali, ambjentali u kulturali ta' din il-gżira.

A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Osservazzjonijiet dwar il-Baġit 2009***

"Il-Ministru għal Għawdex qalet li l-vot kapitali ta' kważi 7.5 miljun Ewro flimkien ma' parti ta' 3 miljun Ewro mill-vot rikurrenti se jmorru f'aktar proġetti u servizzi. Hi żiedet li l-viżjoni Eko-Għawdex hi waħda mill-proposti ewlenin fil-programm elettorali tal-Gvern li hu kommess li jwettaq dawn il-proposti."

*Rapport mill-Kamra tad-Deputati,* **In-Nazzjon**, *14 ta' Novembru 2008*

"Id-Deputat Nazzjonalista Frederick Azzopardi sejjaħ għall-miżuri speċifiċi li jħarsu lil Għawdex partikolarment kontra l-insularità doppja fuq it-turiżmu, l-agrikoltura u l-manifattura. Hu qal li fil-proposti għall-Baġit il-Gvern żamm f'moħħu d-diffikultajiet u l-isfidi internazzjonali li qed tiffaċċja d-dinja."

*Rapport mill-Kamra tad-Deputati,* **In-Nazzjon**, *14 ta' Novembru 2008*

"Il-Kelliem Ewlieni Laburista għal Għawdex Anton Refalo qal li l-ammont ta' 23 miljun Ewro li l-Parlament ivvota għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' Għawdex għall-Baġit ta' din is-sena baqgħu ma ntefqux. B'riżultat ta' dan, għexieren ta' proġetti li l-Gvern ilu snin iwiegħed għal din il-gżira ukoll baqgħu ma twettqux... Semma wkoll problema li qed tolqot mal-250 familja Għawdxija. Qal li ilu snin jitlob li jingħata informazzjoni dwar il-kuntratt li qiegħed jagħmel il-Gvern mal-*Gozo Channel...*"

*Rapport mill-Kamra tad-Deputati,* **L-Orizzont**, *14 ta' Novembru 2008*

"Fost l-inizjattivi favur Għawdex, il-Gvern ivvota 700,000 Ewro biex issir riforma fit-trasport pubbliku. Il-Ministru Giovanna Debono qalet li kienu vvotati 16-il miljun Ewro għall-bini ta' toroq sas-sena 2010, u se jitkomplew it-Triq ta' San Lawrenz, it-Triq tax-Xlendi u t-triq li mill-ħeliport twassal sar-Rabat. Hi qalet li dalwaqt joħorġu l-offerti għal dawn il-proġetti. Dwar il-qasam tas-saħħa kienu vvotati 3 miljun Ewro għal żewġ proġetti, li huma teatru ta' l-operazzjonijiet ieħor u *Radiology Unit* fl Isptar Ġenerali t'Għawdex... Dwar il-qasam tax-xogħol, Giovanna Debono qalet li fil-ġimgħat li ġejjin se jitħabbar investiment ġdid f'Għawdex."

*Rapport,* **In-Nazzjon**, *24 ta' Novembru 2008*

"*Turning to Gozo, Dr. Muscat said the budget was a cut and paste of previous ones...The investment of 3.5m in Gozo, promised in this year's budget, were not only retrieved by the government but with them it took another 500,00 Euro. This was happening every year. Gozo, Dr Muscat said, lacked strategy. The government had ignored the Gozo Channel situation at a delicate time, not even giving an explanation of the direction it wanted this enterprise to take.*"

*Report,* **The Times**, *11th November 2008*

"Minkejja li l-Ministru qara paġna u nofs dwar Għawdex, dawn ma kienu xejn għajr ripetizzjoni ta' dak li ilna nisimgħu snin sħaħ... Din hija metodoloġija tipika ta' dan il-Gvern li




jgħid ħafna u meta tiġi għas-sustanza ma ssib xejn. Il-ħasra hi li Għawdex u l-Għawdxin dejjem taħt il-madmad u sejrin lura bħal granċ. Imma skond dawn bl-*Eco-Island* se nsolvu kollox – dejjem jekk wara din il-frażi verament jeżisti pjan biex jitwettaq."

**Dr. Justyne Caruana,** *L-Orizzont, 5 ta' Novembru 2008*

"*One notes with satisfaction that the government seems set to embark on a radical reform of the public transport service in Gozo. This measure has already been proposed by the Labour Party and so there should be no political bickering on this initiative. One could therefore perhaps consider the setting up of a committee, with the inclusion of a representative of each of the two main political parties plus AD, to hammer out with the Gozo Bus Owners' Association an agreement that does justice with the present bus owners and that does economic, social and environmental sense for Gozo*".

**Frank J. Psaila**, *The Times, 28th November 2008*

"*AD felt the governmemt's declared intention to embark on a public transport service reform was praiseworthy but no dates were mentioned. Moreover, no reference has been made to the Gozo Channel monopoly, which is due to come to an end this year.*"

*Report,* **The Times,** *10th November 2008*

"U Għawdex. Hawn ukoll messaġġ ċar u serju. Bl-edukazzjoni u bil-protezzjoni tal-wirt naturali tingħata bidu għall-viżjoni Eko-Għawdex."

**Salvu Felice Pace,** *In-Nazzjon, 7 ta' Novembru 2008*

"*Regarding Gozo...I asked how much truth was there that Gozo was not considered for a near shore wind farm for purely political rather than environmental considerations. Something I considered ironic given that Gozo is being promoted as an eco-island!*"

**Leo Brincat,** *The Malta Independent, 17th November 2008*

Austin Gatt, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni qal li "Ir-riforma fis-sistema tat-trasport pubbliku f'Għawdex mistennija ssir kompletament is-sena d-dieħla".

*Rapport,* **Annette Vella,** *In-Nazzjon, 7 ta' Novembru 2008*

"*Prof. Lino Briguglio said manufacturing in Gozo faces increased difficulties because of Gozo's double insularity. Even worse, Gozo's prospects depend on what is decided in Malta – which is why Gozo needs to counterbalance Malta Enterprise with a Gozo Enterprise that will channel investment to Gozo*".

**Noel Grima,** *The Malta Independent, 16th November 2008*

## L-IDENTITÀ TA' GĦAWDEX

**Wara tnejn u erbgħin sena fil-Parlament, kemm bħala Rappreżentant ta' l-Għawdxin - li minnhom aktar minn disa' bħala l-ewwel Ministru għal Għawdex - u kemm bħala President tal-Kamra tad-Deputati, ANTON TABONE għadu jimraħ fiżikament u intellettwalment madwar Għawdex, jitkellem man-nies li ta' spiss jipprovokawh b'mistoqsijiet bħal dawn:**

# GĦAWDEX U L-GĦAWDXIN GĦANDHOM KULTURA LI TIDDISTINGWIHOM?



*Iwieġeb*
ANTON
TABONE

**Il-Kultura ta' pajjiż u ta' poplu toħroġ fil-beraħ b'mod indiskutibbli l-identità ta' l-istess pajjiż u tal-poplu tiegħu. Dan jgħodd għal pajjiżna kollu kemm hu, imma anki f'dan l-aspett teżisti l-perspettiva kulturali distinta Għawdxija. Fil-fehma tiegħi anki f'dan il-qasam hemm elementi li jiddistingwu gżira minn oħra. Ma jfissirx b'daqshekk li m'hemmx żoni sħaħ komuni u kollettivi bejn iż-żewġ gżejjer, imma jekk tfittex għandek issib karatteristiċi ewlenin li jispikkaw l-iktar fuq din in-naħa tal-fliegu.**

Fir-realtà hija tassew meravilja u ħaġa tassew straordinarja l-għadd ta' attivitajiet kulturali li jinżammu matul l-erbgħa staġuni fil-gżira ta' Għawdex. Naħseb imkien ieħor ma tiltaqa' ma' tant u tant assoċjazzjonijiet kulturali ta' kull għamla, daqskemm tiltaqa' f'din il-gżira tagħna b'dimensjoni ta' disgħa mili b'ħamsa u b'popolazzjoni ta' wieħed u tletin elf ruħ.

Jekk, per eżempju, nieħdu qasam wieħed dak tal-baned, insibu li ġo Għawdex hawn ħdax-il soċjetà filarmonika mxerrda mal-gżira kollha, meta n-numru ta' lokalitajiet bil-parroċċa tagħhom ilaħħaq ħmistax 'l waħda biss. Nisma' li fil-maġġoranza kbira, kważi assoluta f'uħud minnhom, il-bandisti jkunu ġejjin mill-istess lokalità minn fejn tkun imwaqqfa s-Soċjetà. Infurmat li mhux l-istess il-baned f'Malta. Hemmhekk il-bandisti jduru b'mod regolari minn banda għall-oħra; minn lokal għall-ieħor.

U dawn il-baned Għawdxin, jidhru kollha li jinsabu fi stat ta' żvilupp u ta' sostenn. Qatt ma smajna li twaqqfet



banda u li kellha żżarma! Għal kuntrarju ninsabu nassistu għal kunċerti li fihom jispikkaw numru dejjem jikber ta' żgħażagħ, bniet u subien, li jidħlu bħala alljevi jistudjaw il-mużika u jitgħallmu jdoqqu. Tinnota b'sodisfazzjon li s-Surmastrijiet (il-*maestro*), huma kollha kkwalifikati sew, u dan ikkontribwixxa mhux ftit, biex il-livell tar-rendiment tal-banda, kemm fuq livell individwali, kif ukoll fuq dak kollettiv, għola b'mod konsiderevoli.

Jista' jingħad l-istess għal dak li għandu x'jaqsam man-numru tassew kbir ta' korijiet ukoll mxerrdin m'Għawdex kollu. Fil-biċċa l-kbira minnhom dawn ħarġu mill-parroċċi rispettivi. Ħafna minnhom minbarra s-servizzi li jagħtu fil-knejjes, daħlu f'ġeneru ta' kant u mużika profana. Għalhekk jissejħu ukoll biex jieħdu sehem f'attivitajiet kulturali matul is-sena bħal *Festivals* u saħansitra, almenu f'każ ta' tnejn minnhom, biex jipparteċipaw fl-opri liriċi li jinżammu fiż-żewġ teatri ta' l-*Opera* li jinsabu fl-istess triq u fl-istess belt tal-gżira. Mhux darba jew tnejn li baned u korijiet Għawdxin ħadu sehem fi programmi prestiġjużi barra minn Malta.

Dejjem f'kuntest ta' attività kulturali, wieħed ma jistax ma jinnutax b'sodisfazzjon li l-istaġun ta' l-opri liriċi tul l-aħħar snin donnu li ttrasferixxa ruħu lejn Għawdex fejn ta' kull sena ż-żewġ teatri jtellgħu dawn il-manifestazzjonijiet ta' livell, u li għalihom jattendu mijiet ta' dilettanti ta' l-opra minn Malta u minn barra, kif s'intendi minn Għawdex ukoll. Infatti Għawdex jippossjedi l-ikbar żewġ teatri ta' l-*Opera* fil-pajjiż, attrezzati u sostenuti prinċipalment mill-partitarji rispettivi tal-każini tal-baned li huma il-proprjetarji ewlenin tagħhom. Fenominu tassew uniku!

Niftakar li fis-sena 1990 kien ġie ffirmat kuntratt bejn il-Ministeri ta' Għawdex u ta' l-Edukazzjoni, minn rappreżentant tal-Kumitat ta' Tmexxija tat-Teatru Manoel u miż-żewġ kumitati tat-teatri Għawdxin, biex kull meta tinżamm opra f'xi wieħed minn dawn it-teatri, l-orkestra tkun obbligata tagħti servizz fihom bla ħlas daqslikieku huma kienu estensjoni ta' l-istess Teatru Manoel f'Għawdex. Dan l-arranġament seta' serva ta' *"breakthrough"* għax kien qiegħed jistabbilixxi prinċipju

ta' rikonoxximent uffiċjali min-naħa ta' l-Istat ta' l-isforz mimli sagrifiċċji li jseħħ kull darba li tiġi ppreżentata opra lirika f'Għawdex, u kif il-Gvern jista' jikkumpensa għalih. Dan il-prinċipju seta' serva biex jiġi applikat f'attivitajiet kulturali oħra bħal p.e. Festivals. Imma dan il-kuntratt ma damx biex inkiser meta daħlet fin-nofs il-*union* tal-membri ta' l-Orkestra, u l-kollega tiegħi ta' dak iż-żmien - nittraduċi mill-Ingliż - 'kesħulu saqajh' fid-disputa industrijali li qamet! Sussegwentement kellhom isiru arranġamenti ġodda min-naħa tal-Ministeru lokali biex l-opri setgħu jibqgħu jsiru.

Dawn huma kollha aspetti Għawdxin fil-kwadru wiesgħa kulturali. Il-volontarjat f'Għawdex f'dan il-qasam huwa wieħed li tassew jispikka. Volontarjat miżżewweġ ma' ħiliet. U din ukoll hi karatteristika tipikament Għawdxija. Il-volontà (ir-rieda), li tagħti kontribut bil-valur miżjud tal-ħila, l-kapaċità li twasslek toħloq b'mod tista tgħid professjonali l-biċċa xogħol li tkun dħalt għaliha. Għax jista' jkolli l-volontà kollha tad-dinja, imma nista' xorta waħda ma jkollix il-ħila nwaħħal musmar mal-ħajt! Mentri l-volontarjat Għawdxi mxerred mal-gżira kollha jippossjedi sens kbir ta' kreattività (viżjoni), u jivvinta ukoll l-għodda li jrid jaħdem biha biex jilħaq l-għanijiet tiegħu.

Iżda minbarra l-volontarjat, l-għatx kbir li kien u għadu jinħass għat-tagħlim f'oqsma soċjo/kulturali fi gżiritna wassal biex daqs għoxrin sena ilu twaqqfu l-iskola tal-Mużika f'Sannat, skola ta' l-Arti f'Għajnsielem, skola tad-Drama u Żfin fin-Nadur u skola tat-Turiżmu fil-Qala. Skejjel li baqgħu ħajjin u sħaħ sal-lum b'attendenza numeruża u b'aspettattiva dejjen togħla. Il-mijiet ta' studenti li ħarġu minnhom komplew saħħu u għamlu possibbli inizjattivi kulturali ta' livell li kisbu suċċess meritat u ħarġu fil-beraħ it-talenti li jeżistu fostna u madwarna.

F'dan kollu nħoss li l-Knisja lokali kellha rwol mill-iktar rilevanti li bih influwenzat il-ħajja kulturali Għawdxija. Mhux biss bħala għalliema, imma ukoll għax tat lok u għamlet għad-dispożizzjoni ta' kull min kellu x-xeħta li jipprattika l-arti tal-kant u mużika sagra fil-knejjes monumentali li jeżistu kif ukoll f'ċentri oħra tagħha mxerrdin ma' Għawdex kollu. Mhux biss kant u mużika imma ukoll l-arti tal-pittura u ta' l-iskultura. Effettivament l-għadd dejjem jikber ta' artisti żgħażagħ Għawdxin li jesibixxu xogħlijiet tagħhom fis-swali



t'Għawdex, ta' Malta u saħansitra fl-Ewropa, jurik il-potenzjal li għandha din il-gżira tagħna f'dan il-qasam.

Wieħed ma jistax iħalli barra x-xogħol fejjiedi li jagħmel il-Kumitat jew Kunsill tal-Kultura Lokali li jieħu ħsieb jipprogramma u jikkordina l-attivitajiet u inizjattivi li jsiru matul is-sena kollha. Għadni niftakar sew li fl-imgħoddi mhux tant imbiegħed, dan il-Kunsill ma kienx jeżisti imma kien jitwaqqaf kumitat *ad hoc* kull meta jasal il-karnival jew xi okkorrenza nazzjonali u jerġa' jisfuma appena tgħaddi l-attività. Għalhekk minn għoxrin sena 'l hawn, Għawdex għandu l-kunsill tal-kultura tiegħu b'mod permanenti daqs kull dipartiment ieħor. Dak l-iżvilupp għamel id-differenza kollha.

Fl-aħħar imma mhux l-inqas is-siti storiċi u arkeoloġiċi li jimlew din il-gżira jkomplu jagħmluha waħda unika f'nofs il-mediterran u jagħmlu viżibbli l-personalità u l-identità tagħha. Tabilħaqq din hi żona oħra fejn il-kultura tixhed l-identità.

*anton.tabone@onvol.net*




GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN
**GREZZJU BONELLO**
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

HILITE
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

*Servizz Speċjali Sena Pawlina - 5*

# L-Eskatoloġija fit-tagħlim ta' San Pawl (2)



*kitba ta'* **MONS. ISQOF EMERITU NIKOL G. CAUCHI**

***Riżurrezzjoni universali***

**Il-fidi fil-qawmien mill-imwiet kienet tagħmel parti mit-tradizzjoni Lhudija, għad li s-Sadduċej kienu jiċħduha. Ġesù kkonfermaha, saffiha u spiritwalizzaha, difatti stqarr: "Ulied il-qawmien ikunu bħal anġli" (*Lq*.20,26).**

It-twemmin fir-reżurrezzjoni tal-iġsma sar ukoll waħda mill-veritajiet bażiċi tar-Reliġjon Nisranija. Kif hemm fl-ittra lil-Lhud "Ma għadniex għalfejn nerġgħu nibdew mill-bidu bl-indiema ta' l-għemejjel il-mejta tagħna u bil-fidi f'Alla, bit-tagħlim dwar ħasil u tqegħid ta' l-idejn u dwar il-qawmien mill-imwiet u l-ġudizzju ta' dejjem" (*Lhud*.6.1-2).

**San Pawl kien jagħmel dik l-insistenza kollha fuq id-duttrina tar-reżurrezzjoni għal żewġ raġunijiet: l-ewwel għaliex hemm konnessjoni mill-qrib bejn il-fatt li Kristu li qam mill-imwiet u t-tama tal-qawmien tagħna, "Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet, iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet tagħkom, bis-saħħa ta' l-Ispirtu li hemm fikom" (Rum 8,11).**

"Alla qajjem lil Mulej, u jqajjem lilna wkoll bil-qawwa tiegħu" (*I Kor*.6,14); "Jekk ma hemmx qawmien tal-mejtin, anqas Kristu ma qam mill-mewt (*I Kor*.15,12-26); "Nafu li dak li qajjem lill-Mulej Ġesù, lilna wkoll għad iqajjimna flimkien ma' Ġesù" (*II Kor*.4,14) "Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù" (*I Tess*.4,14).



*"Pantocrator" (Monreale, Palermo)*

It-tieni raġuni kienet għaliex b'dan it-twemmin fir-reżurrezzjoni tal-iġsma, l-insara jiddistingwu ruħhom bħala differenti mis-Sadduċej Lhud, "għax is-Sadduċej jgħidu li la hemm qawmien minn bejn l-imwiet, la anġli u l-anqas spirti" (Atti. 23,8); kif ukoll mill-pagani. In-nies ta' Atene, fosthom xi Epikurin u Stojċi resqu jitħaddtu ma' San Pawl u qanqal kurżità fihom għax kellu tagħlim differenti minn tagħhom u għax kien ixandar lil Ġesù u l-qawmien mill-imwiet (*Ati*,17,18).

Fl-Arjopagu, xi wħud bdew jidħku, x'ħin San Pawl semma l-qawmien mill-imwiet (Atti 17, 32) Festu, l-gvernatur Ruman tal-Lhudija, qallu b'leħen għoli: "Int miġnun, Pawlu, l-għerf kbir tiegħek qed iġennek!" (Atti 26, 24). Iżda lil dawk li ma kinux jemmnu fil-qawmien tal-mejtin, San Pawl iċanfarhom: "Jekk Kristu hu mxandar li qam mill-imwiet, kif jgħidu xi wħud minnkom li ma hemmx qawmien tal-mejtin?" (I Kor 15,12 ).

**Waħda mill-veritajiet li l-pagani kienu jbatu biex jemmnu, kienet dik tal-qawmien ta' l-iġsma, u forsi f'Korintu kienu daħlu xi dubji dwarha, 'l hawn u l'hemm. Aktarx li kienu jillimitaw ruħhom, billi jaħsbu li r-reżurrezzjoni kienet biss xi għamla ta' qawmien spiritwali, bħalma hi r-riġenerazzjoni tal-Magħmudija.**

San Pawl jipprova jfehemhom, li l-qawmien ta' Kristu u l-qawmien ta' l-aħħar jiem kienu marbutin flimkien, u ma jistgħux jinħallu minn xulxin: jew taċċettahom it-tnejn flimkien, jew tiċħad kemm il-waħda kif ukoll l-oħra. Fl-ewwel ittra lil Korintin San Pawl jiktbilhom: "Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel frott ta' dawk li raqdu" (Kor 15, 20), "Jibda l-ewwel frott li hu Kristu, wara dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu" ( I Kor 15, 23). Allura mhux Kristu waħdu li rxoxta, iżda aħna wkoll għad nirxuxtaw, għaliex "l-ewwel frott" huwa l-wegħda u l-garanzija tal-ħsad kollu. Kristu mingħajr il-qawmien tal-bnedmin, ma kienx ikun il-primoġenitu fost il-mejtin "Hu li hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet" ( Kol 1, 18 ).

Kristu huwa mhux biss il-kawża eżemplari tal-qawmien tagħna, iżda wkoll il-kawża meritorja tiegħu, jiġifieri mhux biss il-qawmien tagħna jkun jixbah lil dak ta' Kristu, imma

wkoll kien bil-merti tal-mewt u l-qawmien glorjuż tiegħu, li Kristu kisbilna wkoll il-grazzja tal-qawmien tagħna.

Ngħidu li Kristu hu kawża meritorja tal-qawmien tagħna, għaliex Hu ġie mibgħut biex jerġa' jibni dak li ġarraf Adam u jerġa' jikseb dak li tilef l-ewwel missier tagħna. Fost l-oħrajn jirripara għat-telfa ta' l-immortalità. "Minn bniedem wieħed ġiet il-mewt - jikkummenta San Pawl - u minn bniedem wieħed il-qawmien" (*I Kor.*15,21). Ġesù ma kienx ikun għamel rebħa sħiħa kieku ħeles lilu biss mill-mewt u mhux lilna wkoll.

**Jidħol hawnhekk ukoll it-twemmin fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu "Kif f'Adam kollha mietu, hekk, fi Kristu lkoll jieħdu l-ħajja" (*I Kor.*15,22). Bil-magħmudija nitlaqqmu ma' Kristu, Adam il-Ġdid, u minn dakinhar nieħdu l-jedd għar-reżurrezzjoni glorjuża jekk nibqgħu magħqudin miegħu.**

**Ta' min jinnota wkoll, li San Pawl, quddiem il-gvernatur Festus, xandar il-qawmien mill-mewt, kemm tat-tajbin kif ukoll tal-ħżiena; għalhekk nistgħu ngħidu li hemm żewġ għamliet ta' qawmien; ta' dawk li jqumu għall-premju u ta' dawk li jirxuxtaw għall-kastig. Iżda, fl-ittri tiegħu l-Appostlu, ġeneralment jitkellem mill-qawmien tal-ġusti, li ġisimhom ikun jixbah lil dak ta' Kristu mqajjem mill-mewt.**

San Pawl jagħti ħjiel ukoll ta' kif issir ir-reżurrezzjoni u fl-ewwl ittra lil Korintin ifisser l-għamla tal-ġisem irxuxtat, u l-karatteristiċi tiegħu. Qabel xejn meħtieġ li ssir trasformazzjoni jew bidla porofonda, sabiex il-ġisem li jitmermer fil-qabar isir inkorruttibbli, jew bla ebda taħsir, "Il-mejtin iqumu biex ma jitħassrux iktar u aħna nitbiddlu. Għax jeħtieġ li dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir u li dan il-ġisem li jmut jilbes l-immortalità" (*I Kor.*15,52-53); "Hu għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna, fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu ,bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu" (*Fil.*3.21). Din il-bidla, San Pawl isejħilha "ħolqien ġdid"; "Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid "(*II Kor.*5. 17).

Iżda t-tmermir tal-ġisem li hu effett tal-mewt, ma jfixkel xejn mill-proċess tar-reżurrezzjoni. Skond San Pawl hemm



xebh mal-qamħa miżrugħa, li biex tinbet u tagħti ħajja ġdida, jeħtieġ li qabel tkun ġiet miżrugħa u tmut fl-art.

**L-Appostlu Missierna, l-ġisem igglorifikat isejjaħlu "ġisem spiritwali", "jinżera' ġisem naturali, iqum ġisem spiritwali; jekk hemm ġisem naturali, hemm ukoll ġisem spiritwali" (*I Kor.*15,44). Isejjaħlu hekk, għaliex il-ġisem ta' l-erwieħ ġusti, wara l-qawmien, ikun immexxi mill-ispirtu jiġifieri jkun igglorifikat flimkien mar-ruħ u joqgħod f'kollox għal dak li trid minnu u mhux sempliċement bħal ġisem naturali li għandu xewqat kontra dawk tar-ruħ.**

Fir-reżurrezzjoni tal-ġisem, Alla jagħtina xi ħaġa differenti mill-ħlusija mill-mewt li kellhom l-ewwel bnedmin fl-istat ta' l-innoċenza u li ntilfet meta dinbu. Imma dak li tana huwa aħjar minn dak li tlifna minħabba d-dnub ta' Adam. Alla ma neħħiex id-digriet tal-mewt, iżda tana l-immortalità glorjuża. Ġisimna jmut minħabba d-dnub, iżda l-mewt ma tistax iżżommu bħala priża tagħha. Il-mewt ġiet meqruda, jew aħjar mċaħħda mill-qawwa tagħha. L-effett ta' din l-immortalità, mhux immedjat, għax il-bnedmin għadhom imutu, iżda fl-aħħar anki l-mewt tiġi meqruda "l-aħħar għadu li jinqered tkun il-mewt"(*I Kor.*15,26).


# RAYMOND CEFAI

## *TAL-KELBA LTD.*

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**

**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

*Servizz Speċjali Sena Pawlina - 6*

# L-Inkarnazzjoni fit-tagħlim ta' San Pawl



*kitba ta'* **MONS. LAWRENZ SCIBERRAS**

**Fid-diversi ittri tiegħu l-appostlu San Pawl għalkemm mhux b'mod sistematiku jwassal bosta tagħlim dommatiku, morali u axxetiku. Hekk dwar is-sagrament tal-magħmudija Pawlu jitkellem mill-verb Grieg *baptizo* li jfisser tgħaddas fl-ilma. Dwar l-ewkaristija Pawlu jisħaq biex wieħed fl-ikla tal-Mulej jagħżel dak l-ikel minn ikel ieħor billi jgħarbel sew lilu nnifsu. Dwar is-sagrament taż-żwieġ Pawlu jgħallem dwar u jxebbah ir-rabta tal-miżżewġin ma' dik ta' Kristu u l-Knisja. Dwar is-sagrament ta' l-ordni sagri Pawlu fl-ittri pastorali jitkellem mit-tqegħid ta' l-idejn u l-bidla li jġib dan is-sagrament.**

**L-istess ħaġa ngħidu dwar it-tagħlim morali. Pawlu jikkundanna kull forma ta' serq u kull forma ta' inġustizzja soċjali oħra. Jikkundanna bil-qawwa kollha ż-żina. Il-kliem ħażin u baxx, ir-rabja, l-omosesswalità, l-adulterju. Jikkundanna l-moħqrija. Ninsabu fix-xahar tal-Milied. San Pawl kif jitkellem mill-misteru moħbi sa mill-eternità ta' l-inkarnazzjoni?**

### *Persuna waħda u żewġ naturi*

Persuna bil-Grieg, *ipostasis*, ġiet definita hekk: sustanza jew realtà individwali ta' natura razzjonali jew intellettwali. Il-persuna hija dejjem xi ħadd uniku. Il-persuna, peress li hija esseri intellettwali, ċioè hija mżejna bir-raġuni, għandha wkoll rieda ħielsa; jiġifieri min hu persuna għandu xi forma ta' kontroll fuq l-azzjonijiet tiegħu, huwa sid tiegħu nnifsu, mela responsabbli minnhom.

Skond it-tradizzjoni kattolika, fi Kristu, l-Verb Inkarnat, hemm **żewġ naturi**, natura divina u natura umana, iżda persuna waħda, l-persuna tal-Verb Divin. Il-Verb Etern, *il-logos,* l-Iben ta' Alla li kien minn dejjem fil-milja taż-żminijiet ħa l-ġisem minn Marija Verġni u sar bniedem bħalna, deher fostna u jibqa' bniedem għal dejjem, iżda ma tilef xejn min-natura ta' Alla.

San Pawl, dan kollu, jiġifieri fejn jidħlu ż-żewġ naturi f'persuna waħda, dan kollu kien jafu u fost l-oħrajn kitbu fl-ittra tiegħu lill-Filippin, propju f'dak l-innu Kristoloġiku tant profond. Is-suġġett ta' l-innu huwa Ġesù Kristu: "Hu għad li kellu n-NATURA ta' Alla", mela Kristu huwa tassew Alla. Mbagħad ikompli juri n-natura ta' bniedem. San Pawl ikompli: "Iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-NATURA ta' lsir". Mela Pawlu qiegħed jgħallem li fil-persuna ta' Ġesù hemm tassew żewġ naturi, dik ta' Alla u din ta' bniedem. Meta mbagħad Alla l-Missier ra li wasal il-qofol taż-żmien bagħat lil Ibnu l-waħdieni bniedem inkarnat bħalna.

### *Minn nisel David*

Pawlu jkellimna minn Kristu u dwar l-għarblu tar-razza ta' Ġesù. Huwa jiftaħ l-ittra lir-Rumani billi joħroġ għad-dawl li r-razza li minna ġej Ġesù **hija dik tas-slaten,** mela waħda tan-nobbli għaliex ġej minn David. Aħna nafu li Alla lis-sultan David mhux biss dilku sultan f'Betlehem permezz ta' Samwel, imma permezz ta' profeta ieħor Natan kien ħabbarlu li mill-familja tiegħu għad jitwieled mexxej (2 Sam 7). Ħalli naraw kif isaħħaħ dan l-argument San Pawl. "Dwar Ibnu Ġesù Kristu Sidna li skont it-tnissil tal-**ĠISEM**, twieled minn nisel ta' David" (Rum 1,3). Kliem ċar fejn juri minn fejn ġejja r-razza ta' Ġesù. U dan l-istess ħsieb dwar ir-razza u t-twelid ta' Kristu, Pawlu jerġa' jikteb fit-tieni ittra lil Timotju: "Ftakar f'Ġesù Kristu, li qam mill-imwiet, li hu **min-nisel ta' David,** skont l-Evanġelju li ħabbart jien" (2 Tim 2,8). Għalhekk ukoll Kristu bi dritt kollu seta' jgħid li huwa sultan. Pawlu hawn qiegħed jaqbel u konformi ma' kliem Gabriel lil Marija ta' Nazaret: "Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb" (Lq 1,32).

Fl-istess ittra lir-Rumani, Pawlu jkompli jixħet dawl u tagħrif ieħor fuq ir-razza ta' Ġesù. Dan it-tagħrif Pawlu jmexxih ħafna aktar 'il quddiem fiż-żmien, tant li jwasslu **sa żmien il-patrijarki**. Pawlu jikkonferma li l-Iżraelin huma dak il-poplu magħżul direttament minn Alla. Għalhekk Alla għamel ma' Iżrael pattijiet, ħa ħsiebhom, tahom il-Liġi, il-liturġija u l-wegħdiet. Mbagħad Pawlu jkompli li "tagħhom huma l-patrijarki; u kien minnhom li, **skont il-ġisem – inkarna - ħareġ Kristu**, li hu fuq kollox, Alla mbierek għal dejjem ta' dejjem" (Rum 9,5). Mela f'moħħ Pawlu, hemm rabta sħiħa bejn Kristu u Abraham u l-patrijarki l-oħra. Fil-ktieb tal-ġeneoloġija ta' Kristu skond Mattew dawn iż-żewġ personaġġi kbar tat-Testment il-Qadim, it-tnejn qegħdin



hemm, anzi Mattew jibda bihom. "Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin DAVID, bin ABRAHAM" (Mt 1,1). Altru li Pawlu fejn **tidħol l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù kien miexi skont it-tagħlim san u ċar tal-Bibbja!**

*L-ittra lill-Galatin*

**"Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu mwieled minn mara, mwieled taħt il-Liġi" (4,4). Dan it-test ta' Galatin jixħet dawl qawwi u preċiż ħafna fuq l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù; jiġifieri dwar it-twelid tiegħu tarbija fostna. Pawlu jitkellem mill-milja taż-żmien, *pleroma tou hronou,* u dan ifisser li Alla li jista' kollox għandu s-setgħa fuq iż-żminijiet kollha. Għalhekk skont Pawlu, l-inkarnazzjoni ta' Ġesù fuq l-art ġabet magħha l-milja sħiħa ta' kull taqsima ta' staġuni u ta' żminijiet oħra. Luteru jfisser b'mod qasir imma mimli – pregmatiku - ħafna din il-verità. "Ma kienx iż-żmien li sejjaħ għall-miġja ta' l-Iben, imma bil-kontra, l-miġja ta' l-Iben fostna kkawżat il-milja taż-żmien. *"Non enim tempus fecit filium mitti, sed e contra missi filii fecit tempus plenitudinis".***

Kien Alla 'l Missier li bagħat lil Ibnu hawn fostna. San Pawl jikteb il-verb *eksapesteilen;* u dan il-verb jippresupponi t-tluq tal-Verb minn ta' Alla l-Missier. L-oġġett ta' din il-miġja huwa *huios aotou,* jiġifieri l-Iben tiegħu, l-Iben t'Alla. Dan ifakkar fil-**pre eżistenza ta' dan il-mibgħut,** ċioè l-Iben t'Alla. Id-dehra ta' Ġesù fostna bniedem, tikkonsisti fl-Inkarnazzjoni tal-Verb. L-Iben t'Alla, il-mibgħut libes in-natura umana, sar bniedem permezz ta' mara.

***Ginestai ek,* minn mara jfisser li dan sar bniedem bħalna u inkarna fostna għaliex għandu ommu waħda mara. F'din it-tarbija hemm mhux biss in-natura tiegħu imma wkoll il-milja ta' l-istorja tiegħu. Mela għal Pawlu dak li sa mill-eternità kien fi ħdan il-Missier (Rum 1,4), sar bniedem fil-milja taż-żmien. Dan il-kliem hekk mimli tifsir ta' San Pawl isib il-milja sħiħa tiegħu fit-twelid divin f'Betlehem tal-Lhudija.**

Dan it-tagħlim dwar l-Inkarnazzjoni tal-Verb, Pawlu jerġa' jirrepetih fl-ewwel ittra lil Timotju 3,16. "**Hu deher fil-ġisem... ittieħed fil-glorja**". Għal kelma HU, Pawlu jikteb *hos,* maskil, b'riferenza diretta għal Kristu. Għal kelma ĠISEM, Pawlu jikteb *sarki,* minn *sarks,* jiġifieri laħam; bit-Taljan *carne,* li minna ġejja l-kelma inkarnazzjoni, tilbes il-laħam. Issa din hija l-istess kelma li jikteb San Ġwann ukoll fil-prologu dwar l-Inkarnazzjoni. **"U l-Iben t'Alla sar bniedem – laħam – *sarks* u għammar fostna"**. Pawlu kien jaf sew min huwa Ġesù u għal liema skop inkarna u sar bniedem bħalna. Fejn tidħol l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla,ż-żewġ teoloġi tat-Testment il-Ġdid, Pawlu u Ġwanni, jaqblu perfettament ma' xulxin! L-Iben t'Alla li sa mill-eternità kien fi ħdan il-Missier, *in sinu Patris,* libes il-laħam, u sar bniedem bħalna. Pawlu huwa żgur minn dan kollu, ebda dubju u qatt ma daħal f'moħħu dwar l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù.

*Għan l-Inkarnazzjoni*

**San Pawl mhux biss jikteb dwar l-Inkarnazzjoni ta' Iben Alla, imma wkoll dwar il-għan u l-iskop ta' din l-Inkarnazzjoni.** F'żewġ testi qawwijin Pawlu jikteb li l-Inkarnazzjoni tal-Verb saret biex lilna bnedmin li konna skjavi tax-xitan bid-dnub ta' l-ewlenin ġenituri, ISALVANA. Fl-Inkarnazzjoni tal-Verb Pawlu jqabbeż il-FIDWA sħiħa tal-bniedem. "Iżda meta feġġet it-tjieba ta' Alla, hu SALVANA bil-ħasil tat-twelid ġdid u t-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu" (Titu 3,4). U lil isqof l-ieħor, Timotju, Pawlu jiktiblu hekk: **"Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom lili l-ewwel wieħed" (1 Tim 1,15).**

Mela altru li kien ċar f'moħħ San Pawl il-mottiv ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb t'Alla. U altru wkoll kemm għandna għaliex nifhmu kif fil-milja taż-żmien inkarna fostna Salvatur, hekk setgħani għaliex divin, GĦALINA!



*X'jiswa Milied mingħajr Ġesù?*

# ŻEWĠ TIPI TA' NIES



## 1 MIN SABU LIL ĠESU?

Żewġ tipi ta' nies BISS sabu lil Ġesù fil-għar ta' Betlem:

(1) **in-nies sempliċi (anawim)**
(2) **u l-"veri" għorrief**

- Ir-Ragħajja sempliċi, nies li jafu li ma jafux ħafna.
- Is-Slaten Maġi, l-veri għorrief għax jafu li ma jafux kollox.

Kemm fir-Ragħajja u kemm fis-Slaten Maġi kien hemm virtù komuni: l-UMILTÀ.

- Ir-Ragħajja sempliċi kienu umli u qagħdu għall-kelma ta' l-Anġlu.
- Il-Veri Għorrief kienu umli, għax obdew il-kewkba u mxew warajha.

## 2 MIN MA SABUX LIL ĠESU?

Is-suppervi qatt ma sabuh lil Ġesù.

**Għax Ġesù qatt ma jinstab minn dawk li jippretenduha li jafu kollox.**

Id-dinja ta' żmien Ġesù, bħad-dinja tal-lum, kienet miżgħuda b'nies minfuħin bl-għerf tad-dinja.

- F'Ruma kiem hemm ħafna anjostiċi li jgħidu li l-verità ma teżistix.
- Kien hemm ħafna studjużi tal-filosofija li kienu jgħidu li Alla ngħaddu mingħajru.
- Kien hemm ħafna poeti li kienu jgħollu l-libertinaġġ f'isem il-libertà.

Iżda lil ħadd minn dawn l-għorrief tad-dinja ma deher l-Anġlu jew iddiet lilhom il-kewkba.

U ħadd minn dawn l-għorrief tad-dinja ma skopra lit- Tarbija Divina fil-għar ta' Betlem.

## 3 MIN ISIBHA U JIDĦOL FIL-KNISJA?

Is-sekli għaddew, iż-żmien tgerbeb u niġu għaż-żmien tal-lum.

**Illum l-għar ta' Betlem saret il-Knisja mibnija fuq Pietru.**

U jiġri l-istess bħal fi żmien Betlem.

Żewġ tipi ta' nies jidħlu fil-Knisja u jħossuhom *at home* fiha.

- In-**nies sempliċi** li bħar-ragħajja ma għandhomx żmien għall-istudju.

  Iżda huma lesti li jobdu dak li tgħallem il-Knisja - dan hu biżżejjed għalihom.

- Il-**veri għorrief** jiġifieri dawk li jimmeditaw fil-fond u verament ifittxu l-verità.

  Minn żmien Pawlu sal-lum, il-Knisja laqgħet lil dawk li kienu verament "għorrief" (bħal Chesterton, Arnold Lunn, Hilaire Belloc, Jacques Maritain – u tant oħrajn).

  Dawn kienu tant għaqlin li ma felħux jibqgħu barra mill-Knisja, u malli l-grazzja t'Alla messitilhom qalbhom, ikkonvertew u daħlu fil-Knisja Kattolika.

## 4 MIN MA JSIBHIEX U MA JIDĦOLX FIL-KNISJA?

Erodi l-Kbir ma sabx lil Kristu, lanqas waqt il-massakru biex joqtlu, għax kien supperv.

Minn dakinhar sal-lum, in-nies suppervi li ġejjin mir-razza ta' Erodi ma sabux lil Alla.

- In-**nies suppervi**, li jaħsbu li jafu kollox, huma nies tant ikkomplikati

**Dawl għall-Ħajja** *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# BISS ISIBU LIL ĠESÙ!

li ma jaslux biex jagħrfu verità hekk sempliċi bħalma hi l-eżistenza ta' Alla.

- In-**nies suppervi**, moħħhom tant mimli b'tagħlim bla siwi, li ma baqagħhomx wisa' biex jemmnu l-unika verità ta' siwi: li **Alla jeżisti**.
- In-**nies suppervi**, biex jgħattu s-suppervja tagħhom,jaslu biex jattakkaw lill-Knisja għax jakkużawha li hi "antikwata" u li "għadha lura".

Dawn in-nies ma jafu xejn fuq il-Knisja. Kif jistgħu jitkellmu dwarha?



## 5 BIEX TIDĦOL FIL-GĦAR TRID TITBAXXA

Biex tidħol fil-għar ta' Betlem trid tbaxxi rasek.

U biex tidħol fil-Knisja, trid tbaxxi rasek.

Dik hi l-**Umiltà**.

- Min hu **umli biss** isib lil Dak li hu l-istess **għerf**.
- Min hu **doċli biss** u lest li jitgħallem isib lill-**Imgħallem Divin**.
- Min hu **ċkejken biss** isib lil Dak li hu **għoli**.
- Is-**suppervi** qatt ma jsibu la lil Kristu u lanqas lill-Knisja.
- L-**Erodijiet** tad-dinja, matul is-sekli, qatt ma sabuha lill-Knisja, kif qatt ma sabu lil Kristu. Lanqas biex jeqirduha ma jsibuha. Għax rashom 'il fuq wisq u mhux la kemm ibaxxuha.

U għalhekk huma jitilfu l-ferħ li hemm ġewwa l-Għar u ġewwa l-Knisja - jiġifieri lil **Ġesù Kristu.**



(Siltiet mill-ktieb **The Eternal Galilean** ta' **l-Arċisqof Fulton J. Sheen**)

LETTERATURA GĦAWDXIJA Poeżiji

# U L-MILIED MAGĦNA: EJJEW NIFIRĦU BIH!

*minn* **Joe M. Attard**

Ferreħija doqqu qniepen
għaliex twieled il-Bambin,
twieled għeri ġewwa Betlem
biex jifdina, midinbin.

Ra d-dawl f'maxtura fqira
għan-nifs sħun ta' baqra w ħmar;
kulħadd baqa' fis imbellah
għal dak l-għaġeb illi sar!

L-ewwel illi waslu r-ragħajja
illi jgħassu l-merħliet
fis-sigħat tal-lejl mudlama,
nofshom rieqda f'dak is-sried.

Mis-smewwiet qtajjiet ta' anġli
deħru hienja jkantaw;
lil "ta' rieda tajba" ferrħu
bl-aħbar sbejħa illi taw.

Xi żmien wara waslu l-Maġi
u nxteħtu jadurawh;
deheb, inċens, mirra, ġabulu
għalkemm kienu qatt ma rawh!

Għalkemm dan kien l-Iben t'Alla
ma twelidx bħas-sinjuruni
f'xi palazz kollu mdieheb
illi jiswa l-miljuni.

Għall-kuntrarju fuq ftit tiben
twieldet diċ-ċkejkna Tarbija
illi kellha lill-qlub timla
bl-akbar hena u tgawdija.

Min jaf kieku, Ġesù tiegħi,
dis-sena tħalli l-maxtura
u titwieled ġewwa qalbi
sabiex lilek jien nadura!

Ġesù twajjeb, lili tagħmel
l-iktar bniedem ixxurtjat
k'tiġi toqgħod ġewwa dari
għalkemm m'hix bħal tal-kbarat.

Bambin ċkejken, jiena nwiegħdek
id-dar żgħira, il-qalb kbira;
dal-Milied ħalli l-istalla,
dan il-lejl magħna rtira!

Ibqa' magħna taħt is-saqaf
għaliex aħna nħobbuk;
Inti l-mimmi ta' għajnejna
u kulm'għandna rridu n'tuk!



# X'MILIED MADWARNA...

*minn* **Joseph W. Psaila**

Meta stenbaħ fil-maxtura
madwar ħares il-Bambin,
xtaq ix-xagħri kollu ħdura
jfuħ bis-sagħtar u l-peprin.

'Mma kien radam ta' l-Istorja
taħt il-franka u l-konkrit
li kien tela' kollu glorja
skont il-moda, skont l-aptit.

Xtaq il-ġonna f'raba' mtarraġ
jfuħ biż-żahar tal-lewż u l-lumi;
fis intebaħ ġej ħa jfarraġ
kien lill-bniedem tal-konsumi.

Sama' l-ħsejjes tal-muturi
irrankati għaddejjin...
Nies tat-tajjeb, nies sinjuri
għat-tbaħrid, għal-lejl taż-żfin.

Hu kien ħolom li missieru
din is-sena ma sabx għar...
Bdew jgħidulu bla ma jmieru
b'kamra... ġo *hotel five star.*

Għax l-għerien fl-għoljiet mfaħħra
fil-leġġendi ta' l-Għawdxin
kienu tilfu l-bixra msaħħra,
sfaw ġo *discos* mibdulin.

Imma l-ħolma tilfet tmiemha;
qam bħal f'ħasda l-Bambin...
Ra madwaru nies bla sliema
bħal imħawda u mifxulin.

Għax il-ħmar kien jinħaq jingħi,
naħqa tgħid il-ħin kien sar :
"Jien it-tmiem tar-razza tiegħi,
Jien tar-raħal l-aħħar ħmar".

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

## *L-istorja ta' l-Ewwel Raħal tal-Gżejjer Maltin*

# *SANTA LUĊIJA - GOZO*

**Kitba ta' Mons. Dr.Joe Bezzina, Sensiela "Gaulitana", nru. 27.; 2008; prezz €6.00.**




Il-Fondazzjoni Folkloristika ta' Klula qegħda kull ma jmur tagħmel ħilitha kollha biex tippromovi lir-raħal ċkejken u pittoresk ta' Santa Luċija li nsibu ftit 'l ġewwa mir-raħal ta' Kerċem. Dawn il-jiem fuq inizjattiva tagħha wkoll, ħareġ għad-dawl ix-xogħol ta' l-istoriku Għawdxi r-Rev Mons. Dr. Joe Bezzina *"Santa Luċija - Gozo"* miktub bl-Ingliż fis-sensiela *"Gaulitana"* Nru 27, imżewwaq b'għadd sabiħ ta' ritratti. Santa Luċija hija forsi l-iżgħar u l-ewwel raħal biex insejħulu hekk fejn għex il-bniedem, iddedikat lill-martri tar-raba seklu Santa Luċija, verġni minn Sirakuża, mhux wisq 'l bogħod minna. Ir-raħal kien fost l-ewwel li żviluppa fiż-żminijiet tan-nofs u mhux ta' min iwarrab fil-ġenb l-għerien qodma tal-Mixta kif ukoll santwarju puniku lejn Ras il-Wardija. Għoljiet u kampanja mill-iktar ħadra flimkien mal-widien jipprovdu dehra li ssaħħar fejn l-għagħa u l-istorbju tal-ħajja mgħaġġla għal mument jisparixxu. *"European Destinations of Excellence"* huwa l-unur pestiġġjuż li ngħata dan l-aħħar dan l-imkien f'Għawdex li trid tmur tfittxu biex issibu u li jilqgħek b'idejh miftuħa beraħ bħalma jagħmel fil-jiem tal-festa ta' Santa Luċija li tilħaq il-qofol tagħha fit-13 ta' Diċembru. *L-Ikla tan-Nanna* hija okkażjoni sabiħa oħra li tieħu ħsieb torganizza l-Fondazzjoni ta' kull sena matul l-aħħar *week end* ta' Lulju u li għaliha jmorru fost oħrajn bosta barranin residenti fostna. Popolari wkoll huwa l-Festival ta' l-Inbid, mużika u ikel tradizzjonali '*Bis-Saħħa'* li jsir matul l-ewwel *weekend* ta' Ġunju.

Santa Luċija - forsi l-iżgħar raħal f'Għawdex imma bi storja ħelwa u interessanti, mimli ħajja u b'veduti li jħalluk bla nifs. Dan ix-xogħol mitbugħ jista' jinkiseb (jiswa biss 6 ewro) mill-Fondazzjoni Ta' Klula, Tel 21551345/21566496 inkella www.santalucija.com.

***Kav. Joe M. Attard***

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Sizzlers
A La Carte • Take Away
Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 21 566 599
Mob: 99 90 90 90
99 85 41 76

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (70)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TMINTAX-IL PARTI)*

## IN-NOTI KARATTERISTIĊI TAL-KNISJA (3)

### IL-KNISJA HI APPOSTOLIKA

**Meta ngħidu li l-Knisja hija "appostolika" nifhmu li hija mibnija fuq l-appostli, tkompli fid-dinja u sa l-aħħar taż-żminijiet ,il-missjoni tagħhom billi żżomm, tħares u xxandar tagħlimhom.**

**Appostlu huwa dak li hu mibgħut minn xi ħadd ieħor u t-Tnax jissejħu appostli għaliex minn Kristu ġew magħżula u mibgħuta biex ixandru l-messaġġ tiegħu. Il-Knisja kollha hija appostolika, għaliex mibgħuta fid-dinja kollha, u l-membri kollha tagħha huma msejħin biex jieħdu sehem fl-appostolat tagħha.**

Kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan it-Tieni, bil-kelma "appostolat" nifhmu "li kull ħidma tal-Ġisem Mistiku, li għandha l-għan li xxerred is-Saltna ta' Kristu mad-dinja kollha, għall-glorja ta' Alla u biex b'hekk issieħeb il-bnedmin kollha fil-fidwa li ssalva" (Digriet *Apostolicam Actuositatem*, n.2).

**Kristu waqqaf il-Knisja tiegħu fuq l-appostli billi ħallielhom tliet setgħat, jiġifieri l-uffiċċju ta' tagħlim, tas-saċerdozju u tat-tmexxija pastorali u billi għażel lil San Pietru bħala ragħaj ewlieni u għalliem tal-Knisja.** Kristu ried li dawn l-uffiċċji u s-setgħat li jikkorrispondu għalihom, jgħaddu għas-suċċessuri tagħhom, għaliex l-għan tal-Knisja li ssalva l-bnedmin sa tmiem id-dinja jeżiġi li jkun hemm din il-perpetwità.

**Kliem Kristu nnifsu huwa xhieda ta' l-appostoliċità tal-Knisja.** Difatti, Hu: lill-Appostli tahom setgħa u awtorità għat-tmexxija tal-Knisja; għax qalilhom: "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom" (*Ġw.*20,21) u wegħedhom li jagħtihom is-setgħa li jorbtu u jħollu "Li kull ma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-sema, u kull ma tħollu fuq l-art ikun maħlul fis-sema" (*Mt.*18,18); "Min jisma' lilkom ikun jisma' lili, u min iwarrab lilkom ikun iwarrab lili, imma min iwarrab lili jkun iwarrab lil dak li bagħatni" (*Lq.*10,16).

L-Atti ta' l-Appostli u l-ittri ta' San Pawl jagħtu xhieda li **l-Appostli, kull fejn evanġelizzaw, waqqfu komunitajiet ta' nsara u qegħdulhom fuqhom isqfijiet u presbiteri u lil dawn għaddewlhom l-awtorità tagħhom. Għalhekk is-setgħa ta' treġija li kellhom l-appostli ġiet mgħoddija lir-ragħajja tal-Knisja, bil-fehma li anki huma jgħadduh lil ta' warajjhom.**

Kien meħtieġ, li l-Knisja tkun appostolika, għaliex il-Knisja ma tistax tieħu mit-tagħlim ta' Kristu u tinbena fuq l-awtorità tiegħu, jekk mhux permezz ta' l-Appostli għax huma biss li rċievewhom direttament minn għand il-Feddej tagħna, biex mbagħad jgħadduhom lis-suċċessuri tagħhom.

L-Appostli huma l-ħolqa li torbot lil Kristu mar-Ragħajja tal-Knisja ta' kull żmien, u għalhekk dawn għandu jkollhom fedeltà għat-tagħlim appostoliku, kif ukoll għall-missjoni u għall-ministeru li kellhom l-Appostli.

**Il-Knisja sa l-aħħar taż-żminijiet għandha tibqa' twettaq l-istess attività li kienu jwettqu l-appostli, f'dak li għandu x'jaqsam mas-salvazzjoni tal-bnedmin**, jiġifieri l-missjoni li għaliha ġie fid-dinja, s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu li Huwa mbagħad ħalla f'idejn il-Knisja tiegħu.

Il-quddiesa li tiġi ċċelebrata llum u s-sagramenti li l-Knisja tamministra huma **l-istess sagrifiċċju u l-istess sagramenti li kellhom l-Appostli**, sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja.

L-Appostli, l-missjoni li jippritkaw il-Vanġelu u li jgħallmu lil gnus, rcievewha mhux bħala prerogattiva personali tagħhom, iżda biss f'isem il-Knisja ta' kull żmien u għall-qadi u s-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Il-Knisja għandha bħalhom din il-missjoni li wirtet minn għandhom.

**Il-Knisja hija appostolika, ukoll għar-raġuni li hija xxandar u tipprietka l-istess tagħlim li kellhom u li għallmu l-Appostli bil-kliem u bil-kitba.** Dan ma jfissirx illi ma kienx hemm żvilupp fit-tagħlim tal-Knisja, u l-anqas ifisser illi l-Knisja tas-seklu għoxrin u tas-sekli ta' warajh qegħda tirrepeti kelma b'kelma l-istess messaġġ illi qalu l-



Appostli fl-ewwel seklu ta' l-era Kristjana. Jista' jkun hemm dejjem żvilupp fid-Duttrina tal-Knisja. Għalhekk isiru l-Konċilji, għalhekk ukoll il-pronunzjamenti tal-Papiet. Imma b'dan l-iżvilupp, qatt ma jiġri li t-tagħlim il-ġdid imur kontra t-tagħlim il-qadim; **it-tagħlim il-ġdid ikompli jibni fuq dak ta' qabel u jfissru dejjem aħjar.** Kif meta pjanta żgħira tikber u ssir siġra, għad li kibret fid-daqs, iżda tibqa' l-istess waħda u fis-sustanza għada dak li kienet, hija l-istess ħaġa dik li kienet, meta kienet għadha xitla. Hekk ukoll it-tagħlim tal-Knisja għad li xi drabi jitfisser b'mod ġdid, fil-qofol tiegħu, **jibqa' dejjem l-istess wieħed illi qalulna l-Appostli ħafna sekli ilu.** It-tagħlim tagħhom huwa l-pedament ta' dak kollu illi tgħallem il-Knisja fi żminijietna u sa l-aħħar taż-żminijiet.

L-Appostoliċità tfisser ukoll is-suċċessjoni kontinwa li ġejja mill-Appostli fit-tmexxija tal-Knisja. Għalhekk ngħidu li **l-istess setgħat li kellhom l-Appostli u li kienu meħteġin biex imexxu l-Knisja, għaddew ukoll għand l-isqfijiet, u li bejn il-kulleġġ ta' l-isqfijiet u dak ta' l-appostli hemm suċċessjoni kontinwa u bla ma taqta'.**

Ta' min jinnota iżda, li l-appostli kellhom il-missjoni li jkunu xhieda diretta ta' Kristu u tal-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet, u din il-missjoni ma tistax tiġi ttrasferita lill-ħaddieħor. Hija prerogattiva ta' l-appostli weħidha, u għalhekk huma biss jissejħu "il-pedament tal-Knisja." Hekk ukoll ngħidu għas-setgħa tal-mirakli li kellhom huma, għax kienet meħtieġa peress li l-Knisja kienet għadha fil-bidu tagħha, u kien hemm bżonn li l-predikazzjoni ta' l-appostli tkun msaħħa bil-mirakli u s-sinjali li kienu jagħmlu.

Madanakollu, il-missjoni mogħtija minn Krsitu lill-appostli li jkunu ragħajja tal-poplu tiegħu, tibqa' valida għal kull żmien. **Il-fatt li l-Appostli, permezz tas-suċċessuri tagħhom li huma l-isqfijiet ikomplu jrieġu l-Knisja ta' Kristu, huwa raġuni oħra għaliex il-Knisja hija Appostolika"** ( Card Christoph SCHONBORN, "*Living the Catechism of the catholic Church,*" Vol. I, p 124).

Ladarba skond il-pjan ta' Kristu, anki wara l-mewt ta' l-appostli, l-Knisja kellha tixtered f'kull pajjiż u tibqa' f'kull żmien, kien meħtieġ li jkun hemm is-suċċessuri ta' l-appostli, li jieħdu ħsiebha u li jkollhom l-awtorità li kellhom it-Tnax. Mela **l-Papa u l-isqfijiet, huma garanti li l-Knisja hija u tibqa' tabilħaqq appostolika.** Il-missjoni li ġiet afdata f'idejn l-Appostli hija perpetwa jiġifieri tibqa' sa l-aħħar tad-dinja, sakemm jifdal bnedmin li għandhom jiġu salvati.

Il-Knisja vera ta' Kristu hija dik li r-ragħajja tagħha huma **s-suċċessuri ta' l-Appostli**. Dwar din is-suċċessjoni, l-Konċilju Vatikan II fil-*Lumen Gentium* jgħidilna (n.20) "il-missjoni divina afdata lill-appostli minn Kristu, tibqa' sa l-aħħar taż-żmien, għaliex l-Evanġelju li huma kellhom jgħaddu lil ta' warajjhom, huwa għall-Knisja bidu tal-ħajja kollha tagħha f'kull żmien. Għalhekk l-Appostli ħadu ħsieb li f'din is-soċjetà organizzata b'mod ġerarkiku, jkun stabbilit kif jinħatru s-suċċessuri tagħhom."

Issa **kif l-isqfijiet huma s-suċċessuri ta' l-Appostli, hekk il-papiet huma s-suċċessuri ta' San Pietru**, u bħala isqfijiet ta' Ruma, wieħed wara l-ieħor, jidħlu bil-jedd minn floku, biex irieġu l-Knisja universali ta' Kristu. Il-Papa bħal San Pietru hu **l-blata li fuqha mibnija l-Knisja**, bħal Pietru għandu afdati f'idejh l-imfietaħ tas-Saltna tas-Sema, u jħaddem is-setgħa tat-treġija tal-merħla li San Pietru rċieva minn għand Kristu fuq ix-xtajta tax-xmara Ġordan.

Għad li ċerti komunitajiet reliġjużi, jaħsbu li huma l-Knisja mwaqqfa minn Kristu; iżda **l-Knisja ta' Ruma biss hija dik li fiha hemm miġbura dawn l-erba' noti karatteristiċi**, li bihom Kristu ried li tkun mżejna l-Knisja tiegħu.

Wisk iktar mill-knejjes separati minnha u mill-komunitajiet reliġjużi l-oħra, **l-Knisja Kattolika għandha dak kollu li l-bnedmin jeħtieġu biex isalvaw.** Lilha ġiet mogħtija r-Rivelazzjoni sħiħa t'Alla, għandha s-Sagramenti kollha kif ukoll is-setgħa ta' tagħlim jew tal-Maġisteru Infallibbli.

*(jissokta)*


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 10.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*






# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħmistax-il Parti )*

## *L-IMTIEĦEN TAR-RIĦ F'GĦAWDEX*

**Għawdex tagħna, gżira tmewweġ bil-għoljiet, bl-irħula żgħar tagħha dominati mill-koppli u l-kampnari tal-knejjes, għandu bosta ħwejjeġ oħra sbieħ u karatteristiċi li, għalkemm forsi llum ma tantx għadna nagħtu kashom, imma dari kellhom importanza kbira fil-ħajja ta' kull jum tal-poplu ta' din il-gżira żgħira.**

Hawn qegħdin ngħidu għall-imtieħen tar-riħ fejn niesna ta' dari kienu jieħdu t-tgħam, jiġifieri l-qamħ u x-xgħir, biex jitħnuh u jagħmluh dqiq, smida u qxura.

L-imtieħen tar-riħ illum spiċċaw, iżda l-bini partikulari tagħhom għadu hemm u jingħaraf mill-ewwel, binja kbira kwadra isfel bi tromba għolja fuqha.

**Dawn l-imtieħen tar-riħ illum lanqas biss għadhom jistgħu jaħdmu għajr tnejn: waħda x-Xagħra msejħa 'Ta' Kola' u l-oħra l-Qala mlaqqma 'Ta' Randu'. Bis-saħħa ta' dawn iż-żewġ imtieħen, illum nistgħu naraw kif kienu jidhru l-imtieħen tar-riħ meta kienu fl-aqwa tagħhom. Illum spiċċaw bla raddiena!**

**L-imtieħen tar-riħ fi gżiritna, talanqas l-ewwel tmienja minnhom, inbnew mill-Gran Mastri Perellos u de Vilhena. Oħrajn privati nbnew wara.**

### *L-Imtieħen tal-Miexi*

Qabilhom kien hemm l-imtieħen 'tal-Miexi' li kienu jaħdmu permezz ta' xi bhima bħall-baqra tax-xogħol, xi faħal jew żiemel, inkella ħmar jew bagħal, wieħed jaħdem u l-ieħor jistrieħ. Dawn kienu antiki iżjed għax waħda minnhom, li l-bhejjem tagħha jissemmew minn Giliberto Abbate fir-rapport tiegħu tas-sena 1240, kienet tinsab fil-Gran Kastell.

L-imtieħen tal-miexi kienu iżjed komuni minn dawk tar-riħ u f'Għawdex kien hawn minnhom kullimkien. Kienu jinsabu fi kmamar kbar mibnija apposta li jingħarfu mill-ewwel għax ikunu msaqqfin bi ħnejjiet nofs tond bil-bażi tagħhom fuq l-art. Imtieħen minn dawn kienu jinsabu wkoll f'xi għerien kbar. Aktarx li meta l-mitħna tal-miexi kienet tiżżarma, kien jibqa' biss in-nasba li kienet tkun bħal mejda kbira u baxxa mistrieħa fuq erba' ġebliet li jservu bħala saqajn. Illum fadal waħda għall-wiri fil-Mużew tal-Folklor fiċ-Ċittadella.

### *Il-miġja ta' l-imtieħen tar-riħ*

Iżda r-riħ jiflaħ iżjed mill-bhejjem. L-idea ta' l-imtieħen tar-riħ ġiet ikkupjata mill-gżira Spanjola ta' Majorka u l-ewwel imtieħen f'Għawdex kienu nbnew bi flus il-Gvern ta' l-Ordni, waħda f'kull raħal, barra miż-Żebbuġ, tant li ħamsa minnhom għadhom tal-Gvern sa llum, bħal ngħidu aħna: Il-Mitħna 'ta' Kola' x-Xagħra, 'ta' Sufa' n-Nadur, 'tax-Xewkija' x-Xewkija, 'ta' Santa Dminka' r-Rabat, u 'ta' Qasam San Ġorġ' 'il barra mir-Rabat. Hawn ma rridux ninsew li l-Gran Mastru Ramon Perellos y Roccaful, li fi żmienu daħlu l-imtieħen tar-riħ, kien Spanjol.

Xi drabi wieħed għadu jista' jara l-arma tal-Gran Mastru li fi żmienu kienet inbniet il-mitħna. Jingħad ukoll li meta kienu jinbnew dawn l-imtieħen, tant kien hawn xogħol li nġiebu l-ħaddiema minn Malta u x'uħud minnhom saħansitra żżewġu Għawdex.

Imtieħen oħrajn kienu tal-privat u hawn irridu nsemmu dik magħrufa bħala 'ta' Manonu' fuq Għajn Qatet u dik ta' Galent Vella, iż-Żebbuġ, mibnija minn flusu fl-1859 u li llum spiċċat.

Imtieħen oħra kienu dawn: 'Tan-Nadur' fi Triq il-Mitħna l-Qadima, 'tal-Bwier', 'ta' Ċensu' jew 'ta' Ġnien Xibla', ix-Xagħra, 'ta' Wara Sant' Wistin, ir-Rabat, 'ta' Borom', il-Għarb u 'ta' Sannat', ta' Sannat, li wara kienet inbidlet f'kalkara tal-ġir. L-imtieħen jissemmew b'mod popolari għat-taħħan li kien iħaddimhom jew għall-familja li tkun bniethom bil-laqam tagħha.

Il-pjanta ta' l-imtieħen tar-riħ kienet sempliċi: bini kwadrangulari bi tromba fuqu ta' xi ħamsin (50) pied għoli

b'dijametru ta' għaxar (10) piedi.

Fil-bini tidħol b'bieb pjuttost ċkejken u ssib ruħek f'intrata b'kamra fuq kull naħa - waħda fejn it-taħħan jirċievi l-qamħ jew it-tgħam għat-tħin, u l-oħra fejn issir il-ħażna tal-qamħ u d-dqiq.

Wara l-intrata hemm bieb li jwasslek taħt it-tromba u li mbagħad minn hemm tista' titla' sa fuq nett tat-tromba b'xi ħamsin jew tnejn u ħamsin tarġa. Minn hawn wieħed jista' jgawdi veduta mill-aqwa ta' l-inħawi ta' madwar.

Il-makkinarju tal-mitħna fejn jintaħan il-qamħ ikun proprju fuq nett tat-tromba. Hawnhekk m'aħniex se nagħtu deskrizzjoni dettaljata tal-makkinarju tal-mitħna, għax dan diġà għamlu ħaddieħor, imma ngħidu biss li l-makkinarju tal-mitħna tar-riħ u tal-mitħna tal-miexi jaħdem bl-istess prinċipju, jiġifieri għandek żewġ ġebliet kbar tondi, magħmula mill-ġebel tal-vulkani, ta' taħt tkun wieqfa, mwaħħla fin-nasba, u ta' fuq iddur, jew permezz ta' bhima, fil-każ tal-mitħna tal-miexi, jew bis-saħħa tar-riħ, fil-każ tal-mitħna tar-riħ. It-tgħam jitqiegħed f'delu ħalli jinżel ftit ftit għal bejn il-ġebliet biex hemm jintaħan, imbagħad joħroġ minn miżieb apposta jew farinal biex jimtela fix-xkora fejn jinġabar. Wara li jintaħan ikun irid jitgħarbel kemm-il darba biex jintgħażel fi qxura, smid, dqiq. Imma dan ma kienx xogħol tat-taħħan.

### *In-Nuqqax*

Bix-xogħol il-ġebliet tal-mitħna, minkejja li kienu jkunu ebsin ħafna, kienu jillixxaw u ma jibqgħux tajbin biex jitħnu. Għalhekk, it-taħħan kien isejjaħ lil wieħed tas-sengħa, msejjaħ "in-Nuqqax" biex bi skalpell apposta u b'mazza jerġa' jdeffer wiċċ il-ġebliet tal-mitħna ħalli jkunu tajbin għax-xogħol tat-tħin.

### *Il-mitħna fil-ħajja ta' dari*

Fuq ġew tal-mitħna, fis-sular ta' isfel u fis-sular ta' fuq kien joqgħod it-taħħan bil-familja tiegħu. Ta' spiss fil-qrib tal-mitħna kienu jinbnew l-irwiemes għall-bhejjem u l-karrettun tat-taħħan.

Il-mitħna tax-Xewkija hija waħda speċjali. Minbarra li tinsab fi triq l-aktar ċentrali, għandha għamla ottagonali bi tmien faċċati u oriġinarjament kellha erba' bibien.

Dwar dik tal-Għarb, msejħa 'ta' Borom', smajna aneddotu ħelu ħafna:

*Meta kien iqum ir-riħ, wieħed raġel kien jitla' fuq il-mitħna jdoqq il-bronja, li kienet baħbuħa jew qoxra ta' bebbuxu kbir li meta tonfoħ fiha, iddoqq, ħalli n-nies tkun taf li t-taħħan ikun se jaħdem u, għalhekk, jistgħu jġibu l-qamħ għat-tħin.*

*Meta r-raġel tal-bronja tela' jdoqq, xi ħadd ħall il-krikk jew brake tal-mitħna. Din bdiet iddur b'salt, laqtet lil tal-bronja u 'żergħetu' qalb iz-zkuk tal-bajtar!*

*Darba oħra wieħed raġel mar għand Galent Vella taż-Żebbuġ biex jitħan il-qamħ. Dak in-nhar kienet kalma kbira. "Ruħi," qallu Galent, "għid lir-riħ iqum u nitħanlek!" Imma r-riħ, għalkemm b'saħħtu iżjed mill-bhejjem, ma tistax tqajmu xħin trid.*

Illum il-mitħna ta' Galent twaqqgħet u m'għadhiex teżisti. Is-sitt antenni jew dirgħajn tal-mitħna, ħlief ta' tnejn, għebu wkoll, meqruda miż-żmien u mit-tempijiet ħżiena li kienu jafu jagħmlu ħerba u ħafna ħsara lill-imtieħen tar-riħ.

Dik ta' Qasam San Ġorġ għad baqa' fiha l-barjol li qisu bħal kuppletta li b'xorti tajba baqa' ma tneħħiex.

L-imtieħen tar-riħ, bħall-knejjes u n-niċeċ, kienu *landmarks* u, għalhekk, ħafna drabi kienu jagħtu isimhom lit-triq li fiha kienu jinsabu: *Strada Mulino, Windmill Street,* Triq il-Mitħna jew Triq il-Mitħna l-Qadima.



Il-mitħna tar-riħ xi drabi kienet tissemma wkoll fit-taqbil u l-għana popolari:

*Seba' ħatbiet fiha l-mitħna,*
*'k jiġi r-riħ ma jdawwarhiex,*
*u x-xebba 'k ma tkunx sabiħa*
*il-ġuvni ma jeħodhiex.*

Għaliex jissemmew sebgħa u mhux sitta? Jista' jkun li s-seba' waħda hija l-fus!

Bħall-ħanut ta' l-inbid u l-għajn tal-ħasselin, l-imtieħen kienu jservu wkoll għal skop soċjali għax hemm kienu jiltaqgħu n-nies, jitkellmu bejniethom, jisimgħu l-aħbarijiet inkella jiftiehmu fuq xi biċċa negozju jew fuq xogħol tar-raba'. Dawk kienu żminijiet oħra.

### *Għaliex inqerdu*

Ma' l-aħħar nofs tas-seklu dsatax f'Malta u Għawdex bdew deħlin il-magni tat-tħin moderni li jaħdmu bil-mutur minflok bil-bhejjem jew bir-riħ. Għall-ewwel kienu magni li jaħdmu bl-istim. Fis-sena 1890 kienet inbniet hawn ir-Rabat fi Triq it-Tiġrija (illum Triq Fortunato Mizzi) il-magna tas-Sur Ċikk Galea ta' l-Erbgħa li niftakruha bl-isem ta' PAX FLOWER MILLS. Naħseb li kull min hu mdaħħal ftit fiż-żmien għadu jiftakarha dik iċ-ċumnija sabiħa u għolja li kellha fuq in-naħa ta' wara, tifkira ta' meta kienet taħdem bil-faħam. Dawn ta' l-Erbgħa kellhom magna oħra ix-Xatt ta' l-Imġarr fejn iċ-ċumnija għadha teżisti.

Magna oħra bħal din, imma iżgħar, kienet dik ta' l-aħwa Vella u kienet tinsab quddiem il-Villa Rundle.

Dawn il-magni, li bħalhom kien hemm oħrajn Malta, qatlu għal kollox ix-xogħol ta' l-imtieħen tradizzjonali li jaħdmu bil-bhejjem u bir-riħ, ħlief għal perjodu qasir ħafna, dak ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, meta xi mtieħen tal-miexi fl-imwarrab kienu reġgħu ntramaw u bdew jaħdmu baxx baxx biex il-familji tal-bdiewa Għawdxin ma jbatux il-ġuħ. *(Jissokta)*

*Kummentarju (2)*



# Għawdex tassew Gżira Reġjun?

*Kitba ta'* **ALFRED GRECH LLD**

**Jingħad u jinkiteb ħafna dwar l-identità Għawdxija. Jiena wieħed minn dawk li dejjem ħassejt u stqarrejt li teżisti identità Għawdxija, identità li kull Għawdxi għandu jħossha fih u jġorrha miegħu kull fejn imur.**

**Niftehmu sew, l-identità Għawdxija la għandha tkun xi fattur ta' firda (separatiżmu) u lanqas ta' pretensjoni mmaġinarja li għalkemm timla l-irjus ma tissarraf xejn fil-prattika. Hija xi ħaġa ta' min jikkoltiva u jgħożż bħalma wieħed jgħożż l-oriġini familjari tiegħu u dak kollu li jagħtih il-karattru ta' dak kollu li hu.**

Għawdex huwa parti mill-arċipelagu u minn nazzjon Malti. Malta u Għawdex huma nazzjon wieħed u jaqsmu flimkien l-istorja, r-ruħ u l-ġejjieni ta' nazzjon wieħed. Dwar dan ma għandux ikun hemm dubju jew diskussjoni. Iżda l-ftit baħar li jaqsam iż-żewġ gżejjer jagħmlu differenzi li mhux ta' min jittraskurahom. **Differenzi li ġejjin l-ewwel u qabel kollox mill-insularità.**

Mhux ta' min joqgħod jinħela fuq l-iżvantaġġi li ġġib magħha l-insularità. Dawn inħalluhom għall-politikanti u dawk li għandhom għal qalbhom it-titjib tal-ħajja soċjali ta' gżiritna. Hemm ukoll vantaġġi li jittraduċu ruħhom f'elementi li jagħmluna differenti mill-Maltin li jgħixu fil-Gżira ta' Malta li tiġbor fiha l-avvenimenti u l-kurrenti ta' dak kollu li jgħaddi minnu n-nazzjon Malti. Iżda huma wkoll dawn id-differenzi li jsawru l-karattru tal-Għawdxin, differenzi li għandhom



ikunu ttrattati fil-kuntest tagħhom, għaliex dak li huwa tajjeb, u japplika fil-Gżira ta' Malta mhux bilfors li japplika u għandu jiġi ttrattat b'l-istess mod fil-gżira t'Għawdex. Altrimenti naqgħu fid-diskors u l-argument ta' żvantaġġi u nuqqas ta' trattament ugwali. Jekk wieħed jargumenta li Għawdex u l-Għawdxin għandhom b'mod ġenerali jiġu ttrattati l-istess bħal Maltin, wieħed irid allura jaċċetta l-kritika li b'dak il-mod l-Għawdxin iħossuhom inferjuri f'dak l-istess trattament, proprju minħabba li huma l-bogħod u maqtugħin miċ-ċentru u biex jużufruwixxu mill-istess trattament ugwali għandhom iktar diffikultajiet. Għalhekk **fil-każ tal-Għawdxin, bħal f'kull sitwazzjoni oħra ta' insularità jew bogħod mill-isferi ċentrali, trattament ugwali jista' jittraduċi ruħu f'diżugwaljanza jew diskriminazzjoni.**

Ta' min jgħid li n-nuqqas ta' diskriminazzjoni ma jfissirx sempliċement trattament l-istess lil kulħadd, iżda trattament l-istess lil kull min qiegħed fl-istess pożizzjoni jew grad. Fi kliem ieħor li wieħed jagħti lil kulħadd dak li ħaqqu skont il-bżonnijiet tiegħu.

U minn hawnhekk tinħoloq l-ideja ta' reġjun. **Il-kelma reġjun għandha tifsira ta' medda ta' art il-bogħod miċ-ċentru, u minħabba l-bogħod (fil-każ ta' l-Għawdxin iktar il-baħar li jifred), din il-medda art trawwem fil-ġeografija tagħha kif ukoll fin-nies li jgħixu fiha karattru, użanzi u bżonnijiet differenti, b'tali mod li r-reġjun jieħu l-karattru u l-identità tiegħu, differenti u distinti.**

Id-differenza fil-ġeografija u fil-karattru huma sostnuti l-ewwel u qabel kollox bl-istituzzjonijiet politiċi u amminstrattivi li jinħolqu. L-istituzzjonijiet huma l-għodda taċ-ċittadini li biha huma jkunu jistgħu jiddefendu l-interessi tagħhom u jiżviluppaw l-ambjent ta' madwarhom skont dawk il-karatteristiċi li jkunu twieldu u trabbew fihom. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll hawnhekk, l-iżvilupp u l-influwenza li tiġi mid-dinja ta' madwar, iktar u iktar illum il-ġurnata li permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni ninsabu magħqudin mad-dinja kollha.

Il-prova ta' kemm huma meħtieġa l-istrumenti politiċi u amministrattivi fil-lokalitajiet differenti tal-pajjiż tahulna l-Gvern Malti stess meta riċentement, għax imġiegħel mill-politika tal-Unjoni Ewropea dwar ir-Reġjuni, ħoloq is-sistema



tal-kunsilli lokali. Il-filosofija wara dawn l-istituzzjonijiet hija li l-amministrazzjoni taqdi aħjar il-bżonnijiet taċ-ċittadin jekk din l-ewwelnett tiġi frammentata u ma tibqax ċentralizzata, u t-tieninett li jkun iċ-ċittadin ta' l-istess lokal li jkollu s-saħħa li jifformula politika għal-lokal u ambjent ta' madwaru. **Ħadd daqs iċ-ċittadin tal-post ma jaf x'inhuma l-bżonnijiet ta' dak il-post, u l-bżonnijiet tiegħu. Din il-filosofija, sfortunatament ma ġietx applikata għal Għawdex bħala Gżira, maqtugħa mill-gżira ta' Malta li għandha l-bżonnijiet speċjali tagħha. Minflok f'Għawdex sar id-dupplikar ta' dak li sar Malta. Dan l-eżerċizzju ma għen xejn biex tissaħħaħ l-identità Għawdxija u l-iżvilupp ta' Għawdex fl-interess ta' l-Għawdxin. Mhux hekk kien fl-imgħoddi.**

L-istoriċi tagħna jgħallmuna kif anke fl-ibgħat żminijiet Għawdex kellu forma tal-gvern tiegħu. Ibda miż-żminijiet puniċi u ibqa' ġej sa żmien il-Kavallieri. Id-dettalji storiċi m'għandix għalfejn nirrepetihom hawn. Iżda huwa fatt magħruf li matul is-sekli Għawdex dejjem kellu l-gvern reġjonali tiegħu li kien jinkludi sistema ta' amministrazzjoni ċivili magħmula minn rappreżentanti Għawdxin, kif ukoll il-qrati Għawdxin. Kien hemm ukoll żmien meta Għawdex kien muniċipju Ruman, awtonomu.

Ġew l-Ingliżi, u minflok ma rrispettaw il-wegħdiet li għamlu lill-kapijiet Maltin u lill-"Consiglio Popolare", fil-każ t'Għawdex, neħħew l-Università, neħħew il-Gvernatur t'Għawdex, u baxxew il-kompetenza tal-Qorti minn Qorti presjeduta minn Imħallef, niżżluha għal waħda tal-Maġistrati. Għadna hekk sal-lum.

**Iżda l-Maltin ma għamlux aħjar minnhom. Ftit qabel l-indipendenza, bis-saħħa ta' ftit Għawdxin li kienu fehmu l-bżonn ta' amministrazzjoni reġjonali għal Għawdex, Għawdex beda jgawdi minn esperiment li fil-fehma tiegħi rnexxa. Il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex kien forma ta' Gvern Reġjonali li kien jilħaq il-bżonnijiet ta' Għawdex bħala Għawdex, u mhux sempliċement gvern tal-lokalità bħalma għandna llum.** Fis-sebgħinijiet kien hemm gvern soċjalista li ma ħamilx din it-tip ta' awtonomija għaliex forsi kienet parti mill-politika ta' ċentralizzazzjoni li jneħħi min-nofs, kull rokna li ma kinetx taqa' taħt l-iskrutinju taċ-ċentru. Sal-lum l-affarijiet baqgħu l-istess, u ma nemminx, u ma għadniex nemmnu lil min jiġi jipprova jdewwina billi jissuġġerixxi xi forma jew oħra ta' politika li taparsi tkun fl-interess ta' Għawdex u l-Għawdxin iżda li fil-fatt ma tkun xejn għajr skuża sabiex jaħkem il-poter. **Għawdex għandu bżonn l-istrutturi awtonomi tiegħu mmexxija mill-Għawdxin fl-interess ta' l-Għawdxin. Kull politika oħra dwar Għawdex mhix ħlief bżar fl-għajnejn, kienet ta' min kienet u jippriedkaha min jippriedkaha.**

**Qalulna li wara li dħalna fl-Unjoni Ewropea, Għawdex sejjer jibbenefika mill-fatt li huwa Gżira Reġjun. Xejn ma hu aktar il-bogħod minn hekk. Il-flus li talloka l-Unjoni Ewropea għal Gżejjer reġjun tibbenefika minnhom Malta bħala gżira reġjun. Għawdex igawdi jekk jibqa', u fil-fatt qatt ma jibqa'. Lanqas tista' l-Ewropa tibda politikament tikkunsidra lil Għawdex bħala Gżira reġjun, għaliex il-Gvern Ċentrali baqa' ma rrestitwiex lil Għawdex u l-Għawdxin l-istituzzjonijiet li ħaddieħor ħadlu. Huwa biss permezz ta' dawk l-istrutturi u istituzzjonijiet li Għawdex jista' minn rajh jidher quddiem l-Unjoni Ewropea u jitlob li hu huwa tiegħu, bħala gżira reġjun.** Issa ma nistgħux aktar nibqgħu nwaħħlu fl-Ingliżi u fil-barrani. Issa r-reponsabbiltà taqa' fuqna, l-Maltin, u speċjalment dawk l-Għawdxin li jippużaw ta' paladini għall-interess t'Għawdex sew jekk huma politikanti kemm jekk m'humiex.

**Mill-bqija l-idea ta' Għawdex Gżira Reġjun hija biss parti mill-istorja, glorjuża kemm trid, imma storja ta' din il-Gżira.**

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

ATTWALITÀ

# GĦOTI TA' L-UNUR "ĠIEĦ GĦAWDEX"- 2008



***Silta mid-diskors ta' Dr. Grazio Mercieca, President taċ-"Circolo Gozitano" fl-okkażjoni taċ-Ċerimonja ta'l-Għoti ta' l-Unur Ġieħ Għawdex - 2008***

*Notamenti ta'* **Saviour Grech**

*Eċċellenza President, Eċċellenza Mons. Isqof, mistednin distinti.*

L-okkażjoni tal-Għoti ta' Ġieħ Għawdex ta' kull sena lil individwi u għaqdiet li jkunu taw kontribut lil din il-Gżira hija waħda mill-attivitajiet l-iktar importanti fil-kalendarju taċ-*Circolo Gozitano*. Din l-okkażjoni hija parti mill-attivitajiet ta' Jum Għawdex li jiġi ċċelebrat fit-28 t'Ottubru, jum li fih l-okkupanti Franċiżi kkapitulaw lid-deputati Għawdxin u li, almenu għal ftit tal-jiem, din il-Gżira daqet l-indipendenza. Dan kollu sar taħt it-tmexxija kuraġġjuża u għaqlija ta' l-Arċipriet Saverio Cassar.

L-għoti ta' Ġieħ Għawdex, iċ-*Circolo* ma jagħmlux għall-formalità, iżda sabiex jagħti l-għarfien mistħoqq lill-ulied Għawdxin li jaħdmu għal gżirithom, u biex dawn ma jiġrilhomx bħal ma ġralu Saverio Cassar li miet iddispjaċut, ittradut minn sħabu stess, mormi u minsi - għax hekk kien jaqbel lil min ried lil din il-Gżira sservi lil sidien ġodda.

Ġieħ Għawdex hija wkoll mezz biex inwettqu l-*mission statement* tal-Istatut taċ-*Circolo Gozitano* li jagħti spinta lill-identità u lill-kultura ta' din il-gżira żgħira. Għaċ-*Circolo*, l-għarfien tal-għeruq soċjali u kulturali m'humiex sempliċiment xi eżerċizzju akkademiku, imma għodda siewja biex tkompli tissawwar l-identità distinta u reġjonali ta' din il-gżira, biex jingħarfu aħjar il-kwalitajiet tajbin tagħha sabiex dawn jiġu ndukrati sewwa.

Iċ-*Circolo* jemmen illi huwa biss permezz ta' għarfien bħal dan illi jkun possibbli li din il-Gżira, doppjament maqtugħa mill-bqija tad-dinja, tista' titmexxa 'l quddiem għall-benefiċċju ta' l-abitanti għaqlin, ħabrieka, u intelliġenti tagħha.

Bħal ma għamilt f'okkażjonijiet preċedenti, imma qatt ma nixba' nagħmel, nirringrazzja lill-*Panel* maħtur mill-Kumitat taċ-*Circolo Gozitano* li ta' kull sena jieħu l-ibriga, li mhux dejjem tkun daqstant faċli, li jagħżel lil dawk li l-iktar ikun jistħoqqilhom li jingħataw dan il-ġieħ bħala ulied denji Għawdxin. Il-membri ta' dan il-*Panel* din is-sena kienu l-wisq abbli Sinjuri Frank Psaila, Franco Masini u Joseph Camilleri. L-anqas ma rrid nonqos milli nfakkar bi gratitudni li kien fuq suġġeriment tas-Sur Frank Psaila li ċ-*Circolo Gozitano* beda jagħti dan il-Ġieħ. Nirringrazzja ukoll lill-*HSBC Bank Malta* u lill-proprjetarji tal-Lukanda ta' Ċenċ illi ta' kull sena jisponsorjaw din l-attività.

Fl-aħħar iżda ċertament mhux l-inqas, nirringrazzja lill-E.T. President tar-Repubblika talli għoġbu għall-ewwel darba fl-istorja ta' din l-attività, illi jonorana bil-preżenza uffiċjali tiegħu u b'hekk ikompli jgħolli l-prestiġju ta' Ġieħ Għawdex.

Għalhekk huwa l-unur tiegħi, bħala President taċ-*Circolo Gozitano*, li nistieden lis-Sur Franco Masini sabiex jaqra l-*Curriculum Vitae* ta' dawk li sejrin jingħataw dan il-Ġieħ, imbagħad wara lill-E.T. Dottor. Edward Fenech Adami, President tar-Repubblika ta' Malta, biex jgħaddi għall-preżentazzjoni tal-medalji tad-deheb li jikkommemoraw dan il-Ġieħ li din is-sena huma: **Joseph M Attard Tabone, John Portelli, u Maria Attard**.

Dr Grazio Mercieca
President, Circolo Gozitano
29-10-2008







**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

Għawdex Online (5)



# Il-Milied Għawdxi fuq l-Internet



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicepace@mail.global.net.mt

Il-problema dejjem minn fejn ser nibda. L-għażla fuq l-internet hija vasta. Il-Milied Għawdxi sab postu fuq l-internet, bil-kbir. Ser nagħtikom biss ftit kampjuni mill-ħafna riferenzi dwar is-suġġett. Hemm artiklu qasir miktub minn Sabina fi *blog* tagħha. Issibu f'dan l-indirizz: www.scagozo.blog/?pc1346. Sabina tenfasizza dwar l-importanza tal-familja fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-gżira matul dan l-istaġun. L-ikliet għand il-qraba. Żjajjar minn dar għal oħra. Xi mawra minn barra minn Malta ta' xi ħadd li jrid jerġa' jgħix il-Milied ta' ċkunitu.

Il-familja dejjem issib l-attenzjoni ta' l-Isqof tagħna Mgr. Mario Grech f'dan iż-żmien ta' ferħ, li għal x'uħud jista' wkoll ikun żmien ta' dieqa. Żjara fil-websajt bl-indirizz www.joe.grech.com/articles.php?lng=en&pg=887 tiżvela ittra li l-Isqof t'Għawdex ħareġ għall-Milied 2007. "Ejjew nilqgħu d-dawl ta' Kristu b'mod speċjali fost dawk il-familji fejn għal xi raġuni jew oħra hemm il-firda, b'xi mewt, mard jew nuqqas ta' armonija". Hemm ukoll l-ittra għall-Milied 2006. Fiha jsemmi ż-żjara li kien għamel f'Betlem, belt "imbierka bit-twelid ta' Ġesù Kristu" filwaqt li l-Betlemiti għadhom mhux qed igawdu "mill-frott ta' dan it-twelid". U l-Isqof kien għamel stedina biex f'dak il-Milied għajnejna jintefgħu fuq Betlem, "forsi billi nammiraw xi presepju".

Hija din l-ammirazzjoni li wasslet għal diversi kummentarji dwar il-Milied f'Għawdex. Wieħed minn dawn jinsab fil-websajt bl-indirizz www.stgeorge.org.mt/news_details.asp?NEWSID=1418. Hawn silta minn artiklu miktub bl-Ingliż: "Id-djar mixgħula jlibbsu l-Belt Vittorja bl-ispirtu tal-Milied. Meta wieħed jimxi tul Triq il-Karità lejn Triq id-Dejqa, ma jistax ma jieqafx biex jammira d-djar mibdula f'vetrini ta' kuruni tal-fjuri tal-Milied, żigarelli, bozoz ipetptu, *Santas* tal-plastik, kalzetti tal-Milied b'rakkmu ta' l-id, stilel tad-deheb u għadd ta' siġar tal-Milied li jressqu l-għajn lejn it-tarbija Ġesù, mgeżwer f'ħarqa...."

Il-presepju, kif inhu xieraq, jiddomina l-Milied Għawdxi. Ta' kull sena fis-sala tal-wirjiet fil-bini tal-Ministeru ssir il-wirja tal-presepji mtella' mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju. L-aktar li laqtitni hija l-websajt tal-artist żagħżugħ mix-Xagħra, Victor Agius. Fil-websajt tiegħu bl-indirizz www.presepju-victor.sampa.com issib taqsima dwar il-presepji ta' Victor mill-1984 sal-2002 u oħra dwar il-presepju li bena fl-2007. Is-sit għandha l-faċilità li turi xeni mill-isbaħ tal-presepji li ntwerew s'issa u li eluf ta' nies żaruhom fil-*garage* tad-dar ta' Victor fix-Xagħra. Dawn huma presepji artistiċi, b'għadd kbir ta' dettalji u mibnija f'proporzjonijiet eżatti. Dwar xogħol Victor Agius tista' taqra artiklu studjat ħafna f'www.maltamedia.com/features/Christmas/xmas-victor1.shtml miktub miż-żagħżugħ kittieb ta' fama Pierre J. Mejlak.



Mill-presepji għall-wiri ngħaddi għall-presepju ħaj. Mill-ewwel jiġi f'moħħi l-villaġġ ta' San Lawrenz. Fl-indirizz li ser nagħti ssib lista twila ta' filmati dwar attivitajiet relatati mal-Milied f'diversi bliet u rħula ta' Malta w Għawdex, fosthom tas-37 edizzjoni tal-*Video Pageant* tal-Milied f' San Lawrenz. Preżentazzjoni ta' ftit minuti li huma biżżejjed biex tintwera r-realtà ta' l-istorja tan-nativitā, bis-sehem ta' numru kbir ta' tfal, żgħażagħ u adulti u b'xi annimali wkoll. Jispikka l-ilbies kontemporanju li għandhom il-qawwa li jittrasportawk għal żmien it-twelid ta' Ġesù. Dan il-*video* tista' ssibu f'dan l-indirizz www.videoblogs.com/visor_youtube.php?in=lista&id=QXQLTTCkVi8&clave=Milied&pagina=. Innutajt ukoll li fost il-filmati hemm tnejn dwar il-proġett li qed jinbena f'Għajnsielem bl-isem *"Bethlehem f'Għajnsielem"*.

Hemm ħafna aktar dwar il-Milied f'Għawdex *online*. Sakemm qed nikteb għadhom ma ħarġux id-dettalji tal-attivitajiet li ser isiru f'Għawdex f'Diċembru. Dawn għad issibhom fil-websajt tal-Ministeru www.gozo.gov.mt fit-taqsima Attivitajiet dan ix-xahar li tinsab fil-paġna ta' merħba. Nixtieq lill-editur, lill-kontributuri u qarrejja Milied hieni mimli bil-paċi ta' Ġesù Tarbija.

**Għawdex Qabel ir-Ritratti (10)** minn JOHN CREMONA

# Pomskizzillious u Gromphiberous



*Malta and Comino, from Gozo.*

Nistħajjilkom tgħiduli dan x' titlu hu u xi jfissru dawn iż-żewġ kelmiet? L-artist u kittieb Ingliż Edward Lear żar lil Malta u lil Għawdex f'Marzu 1866. Filwaqt li kien artist ta' ħila kbira kien ukoll kittieb magħruf tan-'nonsense' jiġifieri jikteb kliem li ma jfissru xejn imma meta teħodhom fil-kuntest tagħhom tagħraf x'ried ifisser il-kittieb. F'ittra li Lear kiteb lill-ħabib tiegħu qallu li Għawdex huwa *'pomskizzillious'* u *'gromphiberous'* żewġ kelmiet li vvinta hu għax kif spjegalu, ma setax isib kliem biex jiddeskrivi s-sbuħija ta' Għawdex. Lear jibqa' magħruf bħala wieħed mill-aqwa artisti ta' fama mondjali li rifes fuq xtutna u bħala missier il-limerikk, kif ukoll bħala dak il-bniedem eċċentriku li bena dar ġdida eżatt bħal dik li kellu qabel biex ma jifxilx lill-qattus tiegħu!

Nistħajjel l-istess sentiment kellu l-artist Ingliż William Lionel Wyllie (1851 – 1931) meta minn dik li llum hija Triq Ħamri f'Għajnsielem kien qiegħed iħares lejn il-port ta' l-Imġarr kmieni fil-għodu u ra din il-veduta li ssaħħrek. Wyllie kien artist marittimu importanti ħafna u ħalla għadd ta' pitturi u inċiżjonijiet li jitrattaw suġġetti marittimi. F'din l-inċiżjoni tidher il-gżira ta' Kemmuna u Malta fix-xefaq filwaqt li fuq quddiem jidher il-port ta' l-Imġarr kif kien mija u għoxrin sena ilu. Fl-inċiżjoni jidher vapur ta' l-istim bid-duħħan tiela' minnu. Probabbli huwa l-*Gleaneagles* mixtri mill-kumpanija O.F. Gollcher & Sons u li beda jaħdem bħala vapur tal-passiġġieri bejn Malta u Għawdex fit-13 ta' Ġunju 1885. Peress li ma kienx hemm moll adegwat kien isorġi 'l barra u kemm il-posta u l-merkanzija kif ukoll il-passiġġieri kienu jinġarru l-art bid-dgħajjes tal-pass. Dan il-vapur kien jagħmel żewġ vjaġġi, wieħed jitlaq fil-5.00am u l-ieħor fit-3.00pm mill-Port il-Kbir għall-Imġarr. In-noll kien ta' tmien soldi għal vjaġġ wieħed u xelin għal vjaġġ bir-ritorn. Interessanti l-fatt li għal ċertu żmien mal-wasla f'Għawdex kien jinġabar sold minn kull passiġġier biex issir quddiesa fil-kappella ta' l-Imġarr bħala ringrazzjament li waslu qawwijin u sħaħ. Fl-inċiżjoni jidhru wkoll bosta dgħajjes tal-latini fi triqthom lejn Malta mgħobbija bin-nies u merkanzija.

Fuq quddiem tidher it-triq il-qadima tal-port ta' l-Imġarr li qed taqsam minn fuq il-wied permezz ta' arkata li għadha tidher sal-lum. It-triq mill-Imġarr għan-Nadur inbniet fis-sena 1848 u swiet £496-17/6. Fl-istess sena kien twaqqa' t-Torri Garzes li kien jgħasses il-port ta' l-Imġarr u bil-ġebel tiegħu nbena l-pont li jaqsam il-wied bejn l-Imġarr u Għajnsielem. B'kuntrast ma' llum, il-bini fl-Imġarr kien ftit kif jidher f'din l-inċiżjoni.

L-inċiżjoni hija intitolata *Malta and Comino from Gozo* u għandha qisien ta' 86mm x 168mm. Ġiet ippubblikata fl-edizzjoni ta' l-*Illustrated London News* tal-21 ta' Novembru 1891 kif ukoll f'*'The Picturesque Mediterranean'*. L-*Illustrated London News* ħarġet għall-ewwel darba f'Londra fl-14 ta' Mejju 1842 u kienet l-ewwel gazzetta bir-ritratti li bdiet toħroġ. Ma rridux ninsew li qabel daħlet il-fotografija, l-inċiżjoni kienet il-mezz ewlieni kif wieħed seta' jipproduċi xbihat fi kwantità bl-aktar mod ekonomiku.




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**






# L-ilma tax-xita jisfronda l-maħżen ta' Santa Barbra

**Id-dokument numru mija u disa' u sittin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar tiswijiet urġenti li kellhom isiru minnħabba ħsara kkawżata minn xita qawwija f'Diċembru 1708. Dan id-dokument jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1708–1709), folju 21v-22r (NAG, UG, *Acta,* 10 (1708–1709) f. 21v-22r).**



Din hi traskrizzjoni tal-ħlasijiet magħmula għat-tiswija tal-ħsara li saret:

*Agli infrascritte persone Scudi tre, tarì undici, e grani quindeci; cioè Sc1.1.10 a Mastro Ferdinando Valle[tta], muratore per tre giorni di suo travaglio; tarì sei a Michele Pace, manuale, per tre giornate; tarì sei a Michele Spiteri, manuale, per tre giornate di suo travaglio; tarì tre a Gratio Valletta per un giorno e mezzo di suo travaglio; tarì due al bordanaro per trasporto di terra; e Scudi 1.5.5 a Mastro Domenico de Cace per 23 viaggi di pietre e loro portatura al bordanaro da dentro la barriera per rinovato e rifabricato facciata di dentro del magzaino di Santa Barbara caduta a' causa della quantità di acque piovane, li 8 dicembre 1708.*

F'Diċembru 1708 – tliet mitt sena ilu – għamlet burraxka ġmielha u jidher li f'qasir żmien niżel ħafna ilma. Li hu żgur hu li, effett tax-xita qawwija, sfronda l-ħajt ta' ġewwa tal-maħżen ta' Santa Barbra fiċ-Ċittadella.

Dan il-maħżen kien aktarx jinsab fi Triq Bieb l-Imdina, it-triq dritta li hemm hekk kif tidħol fiċ-Ċittadella – dan għaliex kien proprju f'din it-triq li lejn is-sena 1607, mitt sena qabel, kienet inbniet kappella ddedikata lil Santa Barbra, patruna tal-bumbardiera. Il-festa tagħha kienet iċċelebrata bil-kbir nhar l-4 ta' Diċembru ta' kull sena. Il-maħżen li ġarrab ħsara konsiderevoli minnħabba l-ħafna ilma tax-xita kien qisu magħruf hekk minnħabba li kien qrib din il-kappella.

Għall-bini mill-ġdid tal-ħajt li sfronda minn ġewwa u tiswijiet oħra meħtieġa intefqet is-somma ta' tliet skuti, 11-il irbiegħi, u 15-il ħabba (madwar **€0.76**). Dawn ingħataw lil diversi persuni.

Mastru Ferdinando Valletta, bennej, tħallas skut, irbiegħi, u 10 ħabbiet ta' tlett ijiem xogħol. Mikiel Pace, manwal, ħa sitta irbgħajja ta' tlett ijiem xogħol. Mikiel Spiteri, manwal ieħor, ingħata l-istess għall-tlett ijiem xogħol. Grezzju Valletta, ħadem jum u nofs, u ħa sewwa sew nofs li ħa l-manwal, jiġifieri tlieta irbgħajja. Il-burdnar, li mhux imsemmi b'ismu, ħa irbigħajn għat-trasport ta' materjal għat-tajn. Mastru Dumink de Cace tħallas skut, ħamsa irbgħajja, u ħames ħabbiet ta' 23 vjaġġ biex ġarr il-ġebel meħtieġ mill-barriera għaċ-Ċittadella. Il-ġarr tal-ġebel kien isir jew bil-pannell – jiġifieri fuq dahar bagħal jew żiemel, ġebla naħa u oħra n-naħa l-oħra, jew fuq karettun apposta miġbud minn bagħal jew żiemel. Kien jiddependi jekk mill-barriera kienx hemm biss passaġġ jew inkella triq.

Minn dan il-kont wieħed jista' jikkalkula l-paga ta' jum xogħol tal-ħaddiema ta' l-id tliet mitt sena ilu.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

## Passiġġata Biblika - 41

*"Hu li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir; sar jixbaħ lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; huwa umilja ruħu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib.Għax intom tafu sewwa li jum il-Mulej jasal bħal ħalliel bil-lejl."* (Filippin 5:6-8)

# IL-FERĦ TAN-NISRANI FI KRISTU

## Ħarsa lejn it-Tagħlim fl-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin

**minn Fr. Charles Buttigieg**

*L-Ittra lill-Filippin*

**Wara li rajna flimkien l-erba' ittri kbar ta' San Pawl u ż-żewġ ittri lit-Tessalonkin, issa jmiss nittrattaw erba' ittri oħra f'din is-sensiela marbuta mas-Sena Pawlina, liema ittri huma mlaqqmin bħala 'mill-ħabs', għaliex inkitbu meta San Pawl kien għaddej minn mument ta' kustodja ta' priġunerija, dawn huma: l-ittra lill-Filippin li ser naraw f'din il-ħarġa, u l-ittri lill-Efesin, lill-Kolossin u lil Filemon fil-ħarġiet li jmiss.**

**L-ittra lill-Filippin aktarx inkitbet meta San Pawl kien miżmum taħt kustodja libera jew arrest domiċiljari f'Ruma, b'suldat għassa miegħu bil-fakultà li jkompli l-predikazzjoni tiegħu (ara Atti 28:16-31), u dan wara li telaq bħala priġunier minn Malta fis-sena 60 W.K.** Xi uħud isostnu però li din l-ittra setgħet inkitbet jew minn Efesu, jew Korintu jew Ċesareja Marittima fil-Palestina u għalhekk qabel is-sena 60 W.K., liema postijiet huma marbuta ma' xi priġunerija li kienu ta' diversi tipi, li għadda minnhom San Pawl. Huwa fatt ċertissimu, li **San Pawl kien fil-ħabs minħabba l-Evanġelju diversi drabi, f'postijiet differenti. Skond l-ewwel ittra ta' Klement ta' Ruma lill-Korintin, San Pawl kien seba' darbiet marbut bil-ktajjen.**

Hija miktuba għall-insara ta' Filippi, fil-Maċedonja, li tinsab fil-grigal tal-Greċja tal-lum, l-ewwel belt fl-Ewropa li fiha mar San Pawl fit-tieni vjaġġ missjunarju, wara li fi Troas kellu viżjoni bil-lejl li jmur hemm (ara Atti 16:6-15). Dan kien '*turning-point*' importanti fil-ħidma missjunarju ta' San Pawl, fil-'*plantatio ecclesiarum*', jiġifieri fil-ħidma tiegħu 'ta' tħawwil tax-xitla tal-Knisja' f'diversi bliet ta' dak iż-żmien; għaliex jidher li San Pawl ma kienx sejjer fil-Punent fl-Ewropa, imma lejn Lvant fil-Bitinja, fin-naħa ta' fuq ta' l-Asja Minuri fejn il-Baħar l-Iswed: "X'ħin waslu fi truf il-Misja, riedu jibqgħu sejrin sa Bitinja imma l-Ispirtu ta' Ġesù ma ħallihomx" (Atti 16:7). **Filippi kienet kolonja qawwija Rumana, bil-privileġġ Ruman '*ius italicum*' fejn il-komunità kienet tgawdi kull protezzjoni tal-liġi Rumana. Qribha kien hemm il-port importanti ta' Neapolis. L-isem tagħha kien għall-missier Alessandru l-Kbir, Filippu Re tal-Maċedonja, liema isem bil-Grieg ifisser 'wieħed li jħobb iż-żwiemel', għax kienet appuntu mwaqqfa minnu madwar is-sena 358 Q.K.** Din il-komunità kienet għal Pawlu l-'ferħ u l-kuruna tiegħu' u diversi drabi huwa rċieva l-għajnuna minn għand din il-komunità: "għax meta kont Tessalonika bgħattuli għal darba tnejn, dak li kont neħtieġ" (Fil 4:16; ara ukoll 2 Kor 11:19). **Ġewwa Filippi naraw il-konverżjoni, anzi l-ewwel konverżjoni fl-Ewropa, dik ta' mara, Lidja minn Tijatira (fl-Asja Minuri) u l-familja tagħha (ara Atti 16:14-15), għandna ukoll il-konverżjoni ta' l-għassies Ruman tal-ħabs ta' Filippi u l-familja kollha tiegħu (ara Atti 16:30-33).** F'din l-ittra, mwassla lill-Filippin permezz tal-kollaboratur Epafroditu, San Pawl jiftaħ qalbu magħhom u jurihom fil-pjanijiet tiegħu għalihom li jibgħatilhom lil Timotju, filwaqt li jinkoraġġihom fil-mixja ta' ħajja ġdida nisranija li kienu qed jagħmlu u ma jagħtux kas tat-tfixkil.

*Il-Ferħ tan-Nisrani*

Meta wieħed jifli sewwa din l-ittra jinduna b'dan l-ispirtu ta' ferħ li biha San Pawl jikteb din l-ittra, liema ferħ huwa ried inissel fil-komunità: "Nizzi hajr lil Alla tiegħi kull meta niftakar fikom; u kull darba li nitlob għalikom ilkoll, **nitlob bil-ferħ minħabba s-sehem li intom ħadtu fit-tixrid ta' l-evanġelju mill-ewwel jum sa issa**. U jien qalbi qawwija li Dak li beda fikom dax-xogħol ta' fejda, ikomplih sa ma



X'baqa' minn Filippi ta' żmien San Pawl



Il-battisteru ta' Santa Lidja (ara Atti 16, 14-15)


*Il-ħabs ta' Filippi fejn inżammu Pawlu u Silas (Atti 16, 30-33)*

jtemmu fil-jum ta' Kristu Ġesù. **Intom dejjem f'qalbi**" (Fil 1:3-8). Naraw fl-ittra l-ferħ ta' l-Evanġelju ta' Kristu, il-ferħ li tnissel il-fidi, il-ferħ fit-talb, il-ferħ tal-konverżjoni, il-ferħ bħala don, il-ferħ tal-laqgħa, u anke l-ferħ marbut mat-tbatija għal Kristu: "u dan iġegħilni nemmen li nibqa' u ndum magħkom ilkoll għall-aħjar tagħkom u **għall-ferħ tal-fidi tagħkom, biex tifirħu bija fi Kristu Ġesù meta nerġa' niġi għandkom" (Fil 1:25-26).** Dan il-ferħ m'huwiex biss sentiment imma huwa marbut mal-persuna ta' Ġesù Kristu: **"jiena nifraħ fuq li nifraħ magħkom ilkoll. U hekk ukoll intom għandkom tifirħu fuq li tifirħu miegħi" (Fil 2:18).** L-imħabba tal-komunità għal Pawlu kienet fuq kollox espressjoni ta' l-imħabba għal Kristu u għalhekk taqbel ħafna hawnhekk il-frażi ta' San Ġwann Kriżostmu '*Cor Pauli, cor Christi*', 'Qalb Pawlu, Qalb Kristu', jiġifieri ngħarfu l-qalb ta' Kristu permezz dik ta' Pawlu. **Żgur li dan l-ispirtu ta' ferħ li naraw f'din l-ittra għen ħafna lill-insara fit-tixrid ta' l-Evanġelju ta' Kristu**.

### *L-Innu Kristoloġiku*

Fil-kapitlu 2 versi 6-11 insibu kapulavur ta' innu li juri l-kobor tal-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u tar-Redenzjoni permezz ta' Kristu: **"Hu li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; huwa umilja ruħu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, u tah isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù l-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u taħt l-art jinżlu għarkupptejhom, u kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier".**

Żgur li dan l-innu lil Kristu (għalhekk kristoloġiku) li jurina San Pawl, kien użat fit-talb u fil-liturġija tal-ħajja ta' l-ewwel insara. Fih naraw il-qofol tat-tagħlim ta' San Pawl dwar Ġesù Kristu (Kristoloġija Pawlina) li għalih kien kollox: **"Għax għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt qligħ"** (Fil 1:21). Żgur li tkun idea tajba li nimmeditaw dan l-innu, tant li iktar ma nibdew naqrawh nibdew inkantawh fi spirtu ta' ferħ f'dan iż-żmien ta' ferħ li jġib it-Twelid ta' Kristu, ċ-ċelebrazzjoni ta' Milied Nisrani.

### *Konklużjoni*

In-nisrani għalhekk huwa mistieden li jibni ħajtu fuq l-eżempju ta' Kristu li rebaħ billi obda sal-mewt tas-salib. Nilqgħu għalhekk l-istess awgurju li jagħmel San Pawl lill-Filippin: **"U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Fil 1:9-10).**

### ***Biblijografija***

Buckley, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

Ghidelli, C., *Un Anno con San Paolo*, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo, Torino 2008.

Gnilka, J., *Lettera ai Filippesi*, Roma 1986.

Hawthorne, G.F., "Lettera ai Filippesi", in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 632-642.

Ware, J.P., *The Mission of the Church in Paul's Letter to the Philippians in the Context of Ancient Judaism, Novum Testamentum Supplements* 120, Leiden 2005.

Watson, D.F., *"A Rhetorical Analysis of Philippians and its Implications for the Unity Question"*, *NT* 30 (1988) 57-88.

SCICLUNA

**Scicluna International Housewares**

Shops:
11, 95-96, 101, Palm Street, Victoria, Gozo - Malta
Tel: +356 2155 6493
Fax: +356 2156 1008
E-mail: scicluna.gozo@keyworld.net



# Viżjoni Eko-Għawdex! Jeħtieġ ninkuraġġuha, imma...

*Joseph W. Psaila jintervista lil Pauline Grech*

**Pauline Grech hija Kap ta' Skola, Assistenta Superjura tas-Sezzjoni Femminili tas-Soċjetà Duttrina Nisranija (MUSEUM) u kelliema dwar l-ambjent għall-Kurja tad-Djoċesi ta' Għawdex.** ***Aħna stedinniha biex tesprimi magħna l-opinjonijiet personali tagħha u mhux xi pożizzjoni uffiċjali tal-Knisja f'Għawdex.***

L-INTERVISTA

***Il-bniedem għandu jkun sid jew amministratur tal-ħolqien?***

' U qal Alla: "Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna, u jaħkmu fuq il-ħut tal-baħar u fuq it-tajr ta' l-ajru, fuq il-bhejjem selvaġġi, u fuq il-ħlejjaq li jitkaxkru fuq l-art" (Ġen 1, 26 ).

Din is-silta mill-ewwel ktieb tal-Bibbja, sfortunatament ħafna drabi ġiet interpretata bħala li l-bniedem huwa aqwa mill-kumplament tal-ħolqien u li hu għandu d-dritt jaħkem fuq il-ħolqien kif jidhirlu hu. Barra minn dan fit-tagħlim tal-katekiżmu x'aktarx li konna nenfasizzaw iżżejjed il-fatt li l-bniedem huwa l-unika kreatura li hija xbieha ta' Alla u li għandha ruħ u għalhekk hija aqwa mill-kumplament tal-ħolqien, bil-konsegwenza li l-ħolqien qiegħed għad-dispożizzjoni tal-bniedem.

Fortunatament, bl-iżvilupp tat-teoloġija u tax-xjenzi soċjali, speċjalment matul is-seklu għoxrin, din il-mentalità bdiet tinbidel għalkemm għadha ma nbidlitx kemm suppost. Illum il-Knisja tisħaq li l-bniedem mhuwiex is-sid tal-ħolqien imma huwa amministratur tiegħu. 'Amministratur' lanqas ifisser li l-bniedem jista' jagħmel li jrid bil-ħolqien mingħajr kontroll. Il-Papa Ġwanni Pawlu l-Kbir sejjaħ għal 'konverżjoni ekoloġika'. Teoloġi li jitkellmu fuq dan jieħdu bħala bażi ta' l-argument tagħhom il-Ktieb ta' Ġeremija. F'dan il-Ktieb tat-Testment il-Qadim huwa ċar ħafna kif id-diżubbidjenza tal-poplu lejn ir-rieda t'Alla għandu effetti mhux biss fuq il-bniedem imma ukoll fuq il-ħolqien kollu kemm hu. Fit-tradizzjoni Lhudija/Kristjana awtentika tidher għalhekk ir-rabta li għandha tinżamm bejn Alla, l-bniedem u l-art. Teoloġi Ortodossi jisħqu ukoll li l-umanità għandha bżonn titgħallem tinqata' iżjed mill-ħwejjeġ ta' din l-art. Fid-dinja tagħna, l-bniedem mhux talli ma nqatax mill-ġid tad-dinja imma talli ħsiebu biss biex jikkonsma u jikkonsma u jaħli. Dan qed ikollu effett diżastruż fuq l-ambjent. F'dan il-kuntest, l-etika ambjentali llum tfisser l-iskoperta mill-ġdid tas-sabiħ tal-ħolqien u tal-bżonn li l-bniedem jgħix f'komunjoni mal-ħolqien. Biex inkunu ġusti wieħed mill-ikbar promoturi ta' din l-idea kien San Franġisk ta' Assisi li b'għażla libera għex u miet fqir f'armonija mal-kumplament tal-ħolqien.

***Għaliex in-nisrani llum għandu jqis bħala dmir il-ħarsien ta' l-ambjent?***

In-nisrani tallum, iktar mill-insara tal-passat, għandu jħoss id-dmir li jħares l-ambjent għax illum in-nisrani suppost li huwa iktar mgħallem u iktar edukat u qed jara b'għajnejh stess li jekk mhux ser joqgħod attent se jġib il-qerda mhux biss ta' l-ambjent imma saħansitra tiegħu nnifsu. Illum il-ġurnata ftit huma dawk li jiddubitaw ir-riżultati ta' l-istħarriġ xjentifiku li juri li l-ambjent sejjer lura. Per eżempju r-rata ta' telf ta' bijodiversità minħabba l-intervent tal-bniedem ġie kkalkulat li huwa mitt darba iktar mit-telf ta' bijodiversità minħabba raġunijiet naturali (bħalma hija l-estinzjoni). L-intervent uman jista' jkun dirett bħalma hi l-kaċċa u jista' jkun indirett bħalma huma l-qerda tal-ħabitat (fejn jgħixu l-ispeċi differenti ta' annimali u pjanti) u t-tibdil fil-klima.

***Fiż-żmien li qegħdin ngħixu, l-era tat-teknoloġija u ta' konsumiżmu, l-umanità hi mhedda mit-tibdil fil-klima. Imma aħna l-Maltin u l-Għawdxin, fiċ-ċokon tagħna, għandna wkoll xi responsabbiltà f'dan li qed jiġri?***

Sfortunatament, anke fostna l-insara għad hawn min jgħid li x-xjenzati qegħdin jeżaġeraw meta jitkellmu fuq it-tibdil fil-klima. Imma llum għandna evidenza xjentifika, li ħadd ma jista' jmeri, li t-tibdil fil-klima qed isseħħ tassew u qed isseħħ b'rata allarmanti. Iż-żieda fit-temperatura globali li ġiet irrekordjata matul is-seklu għoxrin kienet żieda ikbar minn dik li hi kkalkulata għall-aħħar 10,000 sena. Iż-żieda fil-livell tal-baħar u fl-estremitajiet klimatiċi qed iwasslu għal



tbassir li jgħid li ser ikun hemm madwar 150 miljun refuġjati minħabba diżastri ambjentali (*environmental refugees*) sas-sena 2050, jekk ir-rata ser tkompli miexja bl-istess ritmu li hija miexja bħalissa. Li huwa agħar minn hekk huwa l-fatt li qed isir dejjem iżjed ovvju li huma l-ifqar pajjiżi tad-dinja li ser imorru l-agħar b'dan l-impatt. Pajjiżi bħal Bangladesh qegħdin f'livell baxx u mhumiex ippreparati għal meta jogħla l-livell ta' l-ilma. Malta u Għawdex huma pajjiżi żgħar. Għalhekk l-effett tagħhom fuq it-tibdil fil-klima ma jistax ikun kbir ħafna. Imma bħala pajjiż Ewropew bi tradizzjonijiet kattoliċi antiki ħafna, aħna għandna d-dmir li nagħtu eżempju lil bqija tad-dinja, speċjalment lill-Ewropa, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien ta' l-ambjent biex innaqqsu t-tibdil fil-klima u t-tnaqqir tal-bijodiversità. Kull darba li nitfu l-iswiċċ ta' apparat ta' l-elettriku li qed jaħdem għal xejn, kull darba li nagħlqu l-vit waqt li nkunu ngħorku sninna, kull darba li nieħdu lift ma' xi ħadd ieħor biex ma nużawx il-karozza tagħna nkunu qed nagħtu l-kontribut żgħir tagħna biex nibżgħu għall-ambjent. Meta nargumentaw li aħna tant aħna żgħar li l-effett tagħna mhux ser jinħass jew ngħidu li aħna wara kollox ma jimpurtanix x'ser jiġri fil-Bangladesh ħamsin sena oħra nkunu qed nuru li għadna ma fhimna xejn mill-messaġġ nisrani u li aħna biss kattoliċi ta' l-isem.

***Taħseb li l-Għawdxin aħna biżżejjed konxji mill-ħtieġa li ngħożżu l-ambjent ta' gżiritna?***

Naħseb li l-kuxjenza favur l-ambjent fost l-Għawdxin qegħda tiżdied. Imma jidhirli li għad fadlilna ħafna u ħafna x'nagħmlu. Naħseb mhux biżżejjed l-edukazzjoni. Irid jiżdied l-infurzar tal-liġi u jidher iktar li qed jitwettaq il-prinċipju '*who pollutes pays*'. Barra minn hekk trid tikber il-konvinzjoni li meta nagħmlu ħsara lill-ambjent ta' gżiritna nkunu qed nagħmlu ħsara lilna nfusna.

***Il-proposta tal-Gvern għal gżiritna hi l-Eko-Għawdex. Inti kif tħares lejn din il-proposta?***

L-idea tal-Gvern li sas-sena 2015 Għawdex ikun gżira ekoloġika hija ta' min ifaħħarha u jinkuraġġiha ħafna anke jekk hija xi ftit ambizzjuża żżejjed. Fl-istess ħin il-gvern irid huwa stess jagħti l-eżempju. Ma nistgħux nibqgħu b'awtorità bħal ma hija l-MEPA li tkun b'saħħitha ma' min hu dgħajjef u dgħajfa ma' min hu b'saħħtu. Ma nistgħux lanqas nibqgħu bit-tip ta' trasport pubbliku li għandna u fl-istess ħin inħeġġu lin-nies biex ma jużawx il-karozzi tagħhom. Il-Knisja ukoll trid tagħti l-kontribut tagħha. Mhux biżżejjed nitkellmu dwar it-tibdil fil-klima u fl-istess ħin inħallu li waqt il-festi li jsiru f'ġieħ il-Madonna u l-qaddisin jibqa' jiġi kkunsmat dak l-ammont kollu ta' logħob tan-nar. Jiena nemmen però li kollox ma' kollox l-inizjattiva tal-Gvern hija tajba ħafna għax tista' tgħin immens biex tinbidel il-mentalità u l-Għawdxin jibdew iħossuhom iktar responsabbli ta' l-ambjent ta' madwarhom.

***Pauline, inti edukatriċi u kap ta' skola. Kif nistgħu nedukaw liż-żgħar tagħna fil-ħarsien ta' l-ambjent?***

Jiena konvinta li l-edukazzjoni hija l-aktar fattur li jista' jgħin fil-bini ta' ġenerazzjoni ta' ċittadini li jibżgħu għall-ambjent. L-edukazzjoni naturalment ma sseħħx biss fl-iskola imma ukoll fil-familja, fil-Knisja u speċjalment permezz tal-*media*. Iżda l-iskola baqagħlha ħafna x'toffri fl-edukazzjoni speċjalment taċ-ċittadini żgħar. Nieħu pjaċir ngħid li llum kważi l-iskejjel kollha ta' Għawdex huma msieħba fil-proġett EkoSkola u li waħda mill-iskejjel tagħna, l-Iskola Primarja tax-Xagħra, għadha kemm ingħatat ir-rikonoxximent tal-Bandiera l-Ħadra li jfisser li din hija skola fejn mhux biss qed issir edukazzjoni favur l-ambjent imma fejn il-komunità kollha ta' l-iskola tibża' għall-ambjent. Bħal kull aspett ieħor ta' l-edukazzjoni '*it is always better to catch them young*'. Tieħu pjaċir illum tisma' ġenituri li jgħidulek li t-tfal illum jagħtu eżempju lil kbar fil-ħarsien ta' l-ambjent. Anke ċ-ċentri tal-katekiżmu jistgħu jgħinu ħafna fil-ħarsien ta' l-ambjent billi jgħallmu lit-tfal u lill-kbar li Alla jridna nibżgħu għall-ambjent. Għandi tama qawwija li l-insara futuri Għawdxin ikunu jqisu ruħhom iktar bħala amministraturi milli bħala sidien ta' din il-ġawhra tal-Mediterran.



## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Dun Ġużepp Vella (1854 - 1906)*



L-isem ta' Dun Ġużepp Vella jfakkarna fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, li tinsab fil-qalba tan-Nadur.

Ġużeppi twieled fis-16 ta' Novembru 1854 fin-Nadur, Għawdex u tgħammed dakinhar stess mill-Kappillan, Dun Ġwann Battista Grech. Tawh l-ismijiet ta' Ġużeppi, Salvu u Lawrenzio. Beda l-istudju tiegħu fl-iskola primarja tan-Nadur, fis-Seminarju minuri u wara dak Maġġuri biex jistudja u jifforma ruħu għal saċerdot. Ordna saċerdot fil-15 ta' Ġunju, 1878, fil-Katidral ta' Għawdex, mill-Isqof, Mons. Pietru Pace. Billi kellu biss 24 sena kellu bżonn id-dispensa minn Ruma.

Kien saċerdot ta' ħajja spiritwali u hekk kien ta' eżempju. Kellu wkoll spirtu ta' sagrifiċċju u talb flimkien mal-karità tal-proxxmu. Il-karità kien jagħmilha bil-moħbi. Jingħad li huwa stess kien jieħu l-ikel ta' kuljum lil tliet xebbiet fqar ħafna. Kien jaħbi l-borma taħt il-firjol kbir li kien jilbes.

Kien umli u miġjub ħafna minn kull min kien jafu għall-ħlewwa u t-tjubija tiegħu. Għal ħames snin kien direttur spiritwali tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fil-Qala u kien imur iqaddsilhom. Kienet ukoll l-għaxqa tiegħu jitlob u jlaqqa' n-nies biex jitolbu miegħu ta' kull filgħaxija.

Dun Ġużepp ta' bniedem spiritwali kien jaħrab il-għażż. Kien konxju li din il-qagħda hija periklu għall-ħajja spiritwali. Kien jaħdem fl-injam u jillega l-kotba. Barra minn hekk, kien iħobb il-kotba.

Waħda mix-xewqat ta' Dun Ġużepp kien li jibni knisja. Għalhekk huwa għarraf b'din il-ħolma tiegħu lill-Isqof ta' Għawdex, Giovanni Marija Camilleri. Dan billi kien qiegħed jippromwovi fid-djoċesi ta' Għawdex id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, tah il-permess meħtieġ basta jiddedikaha lill-Qalb ta' Ġesù. U Dun Ġużepp hekk għamel.

Biex iwettaq din il-ħolma tiegħu dam għaxar snin jistenna. Kellu jagħmel l-almu tiegħu biex jiġbor ftit mill-fondi u jakkwista biċċa art fil-qalba tan-Nadur. Wara li ntrebħu xi diffikultajiet, fl-1902, ta bidu għall-bini tagħha. L-ewwel ġebla tbierket mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġanmarija Camilleri O.E.S.A. fl-4 ta' Mejju ta' l-istess sena. Iżda ma kellux ix-xorti jaraha lesta. Meta l-bini wasal fil-gwarniġjun, wieħed mill-ħaddiema waqa' minn dak l-għoli kollu għal fuq il-knaten ta' isfel. Għalkemm dan il-ħaddiem ma ġralu xejn, kulħadd ħa qatgħa kbira. Il-qatgħa għamlet ħafna b'Dun Ġużepp tant li marad. It-tabib ordna li jmur jistrieħ fid-dar li l-familja tagħhom kellhom fil-port tal-Imġarr f'Għawdex.

Iżda kien għalxejn, hekk li miet fis-17 ta' Ġunju 1906 fl-età ta' 52 sena. Sarlu funeral kbir u ndifen fil-knisja parrokkjali tan-Nadur fil-qabar tal-familja, numru 21. Fuq is-santa tal-mewt insibu hekk fuqu: "Dun Ġużepp Vella, li kien saċerdot skont il-qalb ta' Ġesù xeħet taħt riġlejh id-dinja bil-frugħa tagħha. Ħabrek bil-forzi tiegħu kollha l-unur ta' Alla u s-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Għamel ġid lill-proxxmu. Ħenn għall-fqir. Ikkonsla l-imdejjaq u kkonforta bis-Sagramenti tal-Knisja ..." Fid-Devot ta' Marija nsibu dan miktub fuqu: "Kien tassew saċerdot eżemplari li ħadem mhux ftit għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Nistgħu ngħidu li l-gżira tagħna tilfet wieħed mill-aqwa saċerdoti li kellha. Kien ilu jħabrek ħafna biex jibni knisja u fiha jwaqqaf bosta opri ta' żelu. Xħin kien għoddu wasal biex jiftaħha għall-pubbliku Alla sejjaħlu. Il-ħasra kbira li ħalla mal-gżira kollha turi r-rispett kbir li kulħadd kellu lejh" (Devot ta' Marija, Lulju 1906). Kliem ieħor ta' tifħir inkiteb fuq perjodiku ieħor *"Il-Messaggiere di Maria"* f'Ġunju ta' l-istess sena.

Avolja ngħaqad mal-Mulej, il-knisja mdaqqsa li beda tkompliet mill-familja tiegħu li kienet tat-tajjeb. Fiha għadha ssir adorazzjoni sollenni matul il-jum u ljieli ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat.

***Angelo Xuereb***





***For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...***

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Victor Agius*





## 15. PRESEPJU GĦAWDXI

*Mis-sisien fuq l-għoljiet samm u żonqri*
*niġbru l-ġebel imlewwen sabiħ,*
*ferħanin l-għar ta' Betlem insawru*
*ħalli nqiegħdu l-Bambin ġewwa fih.*

*Jieħdu ħsiebu Marija u Ġużeppi,*
*baqra u ħmara fuq wara jsaħħnuh,*
*u madwarhom għelieqi bir-rina,*
*u xi r'għajja ġejjin iqimuh.*

*U tas-sagħtar il-frieghi bħas-siġar,*
*xi ħażiż u ftit leħjet ix-xiħ,*
*qamħ, ġulbiena ta' bjuda dehbija,*
*dal-presepju tassew għaxqa fih.*

*Hemm fl-egħlieqi l-għażżieqa u l-bdiewa,*
*nisa jġorru, oħrajn imħabbtin,*
*ix-Xabbati, ir-Rieqed u l-kewkba,*
*u fil-bogħ'd jidhru l-Maġi ġejjin.*

*U l-Mistagħġeb hemm f'nofs il-presepju*
*meta lemaħ il-ġmiel ta' tarbija*
*ma setax ħlief jiskanta u jistagħġeb*
*waqt li l-Anġli kantaw għalenija.*

*Viva Majsi! Xi ħlew ta' pasturi!*
*Ngħaġ u ħrief jidhru wkoll kullimkien*
*ta' gżiritna l-presepji kien jimla*
*u li bihom min jaf kemm fraħt jien.*

**Nota:** *Majsi Zahra, tal-Għadmu, mir-Rabat, Għawdex, kien wieħed mill-aħjar imgħallmin tal-pasturi li kellna f'Għawdex.*





**MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX** *minn* **Joe Bajada**



# *Seminar Internazzjonali mit-Tenchi Ryu Karate Jutsu... Espert tal-"pressure points" f'Għawdex*



*Grandmaster Paul Bowman 8th Dan*

Nhar il-Ġimgħa u s-Sibt 21 u 22 ta' Novembru, l-Klabb Għawdxi tat-*Tenchi Ryu Karate Jutsu* kellu l-unur jilqa' fil-kumpless sportiv t'Għawdex lil Grandmaster Paul Bowman *8th Dan Degree black belt* u għalliema oħra tad-*Dillman Karate International* (D.K.I.) fosthom Master Graham Dyball 5th Dan, Master Chris Byrne 5th Dan, Master Steve Shipp 5th Dan u Master Edward Clare 5th Dan.



Dan is-Seminar sar wara li l-Klabb Għawdxi li ilu mwaqqaf għal iktar minn għoxrin sena, jinsabu affiljati ma' l-iskola ta' Sensei Edward Clare fl-Ingilterra. Din l-iskola Ingliża tifforma parti mid-*Dillman Karate International* u li fija hemm madwar 15,000 membru affiljati. Fil-fatt il-Klabb Għawdxi ta' *Tenchi Ryu Karate Jutsu* huwa l-uniku klabb f'dawn il-gżejjer Maltin li jipprattikaw dan l-istil ta' *Ryukyu Kenpo*. Dan huwa wieħed mill-eqdem forom ta' karate li hawn fid-dinja u li fih tintuża kull teknika ta' daqqiet bl-idejn u s-saqajn, qbid, tfiegħ, *locks* u fuq kollox *pressure points*. L-istil li jiġi pprattikat huwa dak tradizzjonali u għalhekk ma fihx kompetizzjonijiet u mhux klassifikat bħala sport. L-għan ewlieni ta' dan l-istil ta' arti marzjali huwa li l-bniedem ikun kapaċi jiddefendi lilu nnifsu.

F'Għawdex Grandmaster Paul Bowman għamel seminar fuq kif tapplika l-*pressure points*. Il-*pressure points* huma punti fil-ġisem li jistgħu jiġu attivati b'saħħa minima meta jiġu applikati b'teknika kortretta u bid-direzzjoni u bl-angolu li suppost. X'ħin tattiva *pressure point* tkun tista' tieħu jew tgħaddi l-enerġija tiegħek lill-avversarju tiegħek bil-konsegwenza li t-teknika li tkun tagħmel tiġi aktar effettiva. Il-*pressure points* jistgħu jintużaw f'kull tip ta' arti marzjali. Il-professur George Dillman *10th Dan Degree black belt* huwa l-fundatur tad-D.K.I. u ttrenja ma' Hohan Soken, Mohammed Ali u Bruce Lee. Fl-aħħar tas-seminar it-tliet membri tal-klabb ġew promossi minn Grandmaster Paul Bowman u Master Edward Clare l-kap ta' l-iskola f'Għawdex. Charles Daniel Saliba ġie promoss għal *1st Dan Black Belt*, Alex Vella Muskat għal *2nd Dan Black Belt* u Joseph Portelli għal *3rd Dan Black Belt*. Il-klabb Għawdxi tat-*Tenchi Ryu Karate Jutsu* huwa r-rappreżentant uffiċjali f'Malta u Għawdex taż-*Zendoryu Karate* u tad-*Dillman Karate International*. Għal kull min jixtieq jibda jipprattika din l-arti marzjali jista' jikseb iktar informazzjoni billi jidħol fuq is-sit elettroniku ***www.kenpokarategozo.com*** jew jikkuntattja lill-kap tal-iskola Sensei Joe Portelli fuq 79069720.





**Xerri l-Bukkett**



**Bar**

**Restaurant** **Pizzeria**

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iż-Żewwieqa Qala

**Tel. 21553500**

# WERREJ 2008

## ARTIKLI TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI


Il-Misteru tal-Knisja (61) - It-Twaqqif tal-Knisja (10) Jannar p.28

Il-Misteru tal-Knisja (62) - Knisja Ġerarkika (11) Frar p.28

Il-Misteru tal-Knisja (63) - Setgħat mogħtija lill-Knisja Ġerarkika (12) Marzu p.28

Il-Misteru tal-Knisja (64) - L-Infallibbiltà tal-Knisja (13) April p.28

Il-Misteru tal-Knisja (65) - Il-Primat tal-Papa (14) Mejju p.28

Il-Misteru tal-Knisja (66) - Il-Maġisteru tal-Papa (15) *l-ewwel taqsima* Ġunju – Lulju p.28

Il-Misteru tal-Knisja (67) - Il-Kariżma ta' l-Infallibbiltà tal-Papa (15) *it-tieni taqsima* Awwissu – Sett. p.28

Il-Misteru tal-Knisja (68) - In-Noti Karatteristiċi tal-Knisja (16) *l-ewwel taqsima* Ottubru p.28

Il-Misteru tal-Knisja (69) - In-Noti Karatteristiċi tal-Knisja (17) *it-tieni taqsima* Novembru p.28

Il-Misteru tal-Knisja (70) - In-Noti Karatteristiċi tal-Knisja (18) *it-tielet taqsima* Diċembru p.28


## ARTI U KULTURA F'GĦAWDEX


Il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Arti Sagra f'Għawdex *(Joe Camilleri* Marzu p.44

Ġorġ Scicluna; l-Artist tal-Paradossi *(Joe Camilleri)* Ġunju – Lulju p.42


## ATTWALITÀ


Il-"Gozo College" *(Chev Frank Gatt*) Frar p.44

Għawdex Lejn is-Sena 2015: X'ser tfisser din il-viżjoni għall-Għawdxin? *(Saviour Grech)* April p.19

Is-Sitwazzjoni tal-"Full Employment": din tgħodd għal Għawdex ukoll? *(Saviour Grech)* Mejju p.19

Kemm ser Indumu Nissuġġerixxu? Kemm ser Indumu Niddiskutu? Hemm bżonn niddeċiedu. *(Savoiur Grech)* Ġunju – Lulju p.20

L-Għoti ta' "Ġieħ Għawdex" *(Saviour Grech)* Diċembru p.34


## APPREZZAMENTI


Mons. Anton Grech Vella *(Kav. Joe M. Attard)* April p.43

Mons. Salvino Scicluna J.C.D. *(Pawlu Mizzi)* April p.44


## DAWL GĦALL-ĦAJJA

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**


Sinjur Alla Agħtini l-Ispirtu ta' l-Imgħallem Tiegħi, Ġesù Kristu Jannar p.26

Is-Seba' Kelmiet ta' Kristu minn fuq is-Salib Frar p.26

It-Tama Nisranija Marzu p.24

Rebbiegħa Spiritwali April p.26

Inħarsu l-Ambjent Mejju p.26

Bejn Lourdes u Ta' Pinu : 25 Sena fil-Kuntest Storiku Dinji Ġunju – Lulju p.24

X'kien Jagħmel San Pawl Kieku Kellu Jgħix Illum Awwissu – Sett. p.26

Bil-Kuruna Nistgħu Nsalvaw id-Dinja Ottubru p.26

Kristu Jsaltan... Imma b'Differenza! Novembru p.26

Żewġ Tipi ta' Nies Biss Isibu lil Ġesù Diċembru p.26


## DJAMANTI TA' GĦAWDEX


It-Trunċiera ta' Ras il-Qala : Beda r-Restawr *(ritratti : Kunsill Lokali Qala)* Jannar p.51

L-Aħħar Żewġ Imtieħen tar-Riħ fi Gżiritna *(ritratti : Joseph J.P.Zammit)* Frar p.51

Kuluri u Benna tal-Kampanja Għawdxija *(ritratti : Lynda Caton Roseblade)* April p.51

Il-Ħlewwa ta' Mejju fi Ġnejna Għawdxija *(ritratti : Lynda Caton Roseblade*) Mejju p.51

Żewġ Ġawhriet...Għadhom fil-Periklu *(ritratti : Lynda Caton Roseblade*) Ġunju -Lulju p.51

Dawra Fantastika mal-Kosta Għawdxija *(ritratti : Lynda Caton Roseblade*) Awwissu – Sett. p.51

Djamanti li ma Jleqqux...Imma Kienu Jaqduna! *(ritratti : Lynda Caton Roseblade*) Ottubru p.51

Żewġ Snajja' Antiki li Qed Josfru *(ritratti : Lynda Caton Roseblade)* Novembru p.51


## DOKUMENTAZZJONI

**mill-Omeliji ta' Mons. Isqof Mario Grech**


Ittra Pastorali tas-Sena Pawlina "Fuq il-Passi ta' Missierna San Pawl" Awwissu – Sett.

Ittra Pastorali Dwar il-Missjoni Djoċesana "L-Imħabba ta' Kristu Ssuqna" Awwissu – Sett.

Is-Sehem tan-Nisrani fid-Dibattitu Pubbliku Ottubru

Il-Ġmiel tal-Bniedem u taż-Żwieġ Ottubru

Ittra ta' Mons Isqof Mario Grech lill-Familji Għawdxin fil-Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana Novembru

Ngħinu lill-Familja Ssir Forġa ta' Valuri Novembru

Il-Knisja Tgħin fit-Tiġdid tas-Soċjetà Novembru


## DRAWWIET MISSIRIJIETNA

**Anton F. Attard**


Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (6) Ix-Xogħol tal-Ħbula (1) Jannar p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (7) Ix-Xogħol tal-Ħbula (2) Frar p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (8) Ix-Xogħol tal-Qubbajt Marzu p.32

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (9) - Ix-Xogħol tal-Karrettuni (1) April p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (10) - Ix-Xogħol tal-Karrettuni (2) Mejju p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (11) - Ix-Xogħol tal-Karrettuni (3) Ġunju - Lulju p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (12) - Il-Bini ta' l-Opri tal-Baħar fil-Gżira Għawdxija (1) Awwissu – Sett. p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (13) - Il-Bini ta' l-Opri tal-Baħar fil-Gżira Għawdxija (2) Ottubru p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (14) - Il-Kaċċa tal-Fniek tal-Liebru Novembru p.30

Is-Snajja' Qodma f'Għawdex (15) - L-Imtieħen tar-Riħ Diċembru p.30

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

Ottubru p.1
Mejju u Ġunju – Lulju, u Novembru p.16
Marzu u Awwissu-Sett. u Diċembru p. 17
April p.18

## EDITORJALI — Joseph W. Psaila

Dħalna... u Daħħalna l-Ewro Jannar p.3

Il-Kultura Nisranija Fostna Frar p.3

Il-Familja fil-Programmi Elettorali Marzu p.3

Dir-Rebbiegħa... Ibża' Għaliha April p.3

Min Jagħtik Qalbu... u Min Iqaxxrek ; X'Fama qed ikollna? Mejju p.3

Arja tas-Sajf Ġunju – Lulju p.3

"Il-Ħmira tal-Konvinzjoni" Awwissu – Sett. p.3

Id-Divorzju Jagħmilna Kuntenti? Ottubru p.3

Il-Flus ta' l-Għawdxin Novembru p.3

Il-Milied, il-Festa tal-Bniedem Sħiħ Diċembru p.3

## ESPERJENZI

Il-Komunità tas-Seminarju: Esperjenza fl-Art Mqaddsa *(Francesco Pio Attard)* Mejju p.44

Wara 50 Sena Miżżewġin *(Maryanne u Marċell Mizzi)* Awwissu – Sett. p.42

## GĦAWDEX "ON-LINE" — Salvu Felice Pace

Merħba (1) Ġunju – Lulju p.35

Kuntatt ma' Ommna Marija (2) Awwissu – Sett. p.35

Il-Ministeru għal Għawdex (3) – *l-ewwel parti* Ottubru p.35

Il-Ministeru għal Għawdex (4) – *it-tieni taqsima* Novembru p.35

Il-Milied Għawdxi fuq l-Internet (5) Diċembru p.35

## GĦAWDEX QABEL IR-RITRATTI — John Cremona

Xena Denja ta' Imperatriċi (1) Jannar p.36

"Hemmhekk fis-Skiet tax-Xagħra Dejjem Ħadra Toħlom il-Ġgantija" (2) Frar p.36

Mill-Awstralja għad-Dwejra u Lura (3) Marzu p.40

Xeni ta' Qabel id-Dilluvju... Possibbli? (4) April p.36

Qabel il-Brejkwater... il-Vapuri ... u t-Terminal (5) Mejju p.36

Kummerċ f'Wied l-Għasri... Kollox Legali? (6) Ġunju – Lulju p.36

Għawdex Gżira ta' l-Italja? (7) Awwissu – Sett. p.36

Il-Fortizza li Qatt ma Rnexxielha Ssir Belt (8) Ottubru p.36

L-Eqdem Ċimiterju ta' Għawdex (9) Novembru p.40

Pomskizzillious u Gromphiberous (10) Diċembru p.36

## GĦAWDEX 300 SENA ILU
*Paġna mill-Arkivji Nazzjonali* — Mons. Dr. Joseph Bezzina

Ir-Registri ta' l-Università Llegati (160) Jannar p.37

Arloġġ Ġdid fiċ-Ċittadella (161) Frar p.37

Żewġ Tastarda jew Kanunu (162) Marzu p.23

Żewġ Tagħbijiet Armamenti għal Għawdex (163) April p.37

Prodotti Għawdxin għall-Fejqan tal-Granmastru (164) Mejju p.37

L-Ispiża tal-Ġarr ta' Prodotti Għawdxin lill-Granmastru (165) Ġunju – Lulju p.37

Il-Prijur ta' Messina għall-Festa ta' Santa Marija (166) Awwissu – Sett. p.37

Kuntratt għall-Provvista tal-Laħam Frisk (167) Ottubru p.37

L-Arluġġar Angelo Antonio Contacina (168) Novembru p.41

L-Ilma tax-xita jisfronda l-maħżen ta' Santa Barbra (169) Diċembru p.37

## IBŻA' GĦAL SAĦĦTEK — Dr. Mario Saliba

Il-Prevenzjoni Hija Aqwa mill-Kura Jannar p.46

Min Huma l-Morda? Frar p.47

Is-Seklu ta' l-Anzjani Marzu p.47

L-Abbuż mill-Alkoħol April p.47

It-Tniġġis ta' l-Arja Mejju p.46

Il-Ħsara mix-Xemx Ġunju – Lulju p.46

L-Artrite Awwissu – Sett. p.46

Modi Kif Tnaqqas ir-Riskju tal-Kanser Ottubru p.47

Dwar il-Mewt u l-Mejtin Novembru p.46

## Il-ĦAJJA FID- DJOĊESI
*Aħbarijiet Djoċesani mis-Seminarista* Noel Debono

Jannar – Diċembru p.4
Frar p.15

## ILĦNA MILL-BOGĦOD FIL-QRIB

Mill-Albanija : Dun Manwel Cutajar – Ħajja Imprevedibbli u Interessanti (1) Jannar p.34

Dun Anton Grech minn San Manuel Chaparrón, Guatemala (2) Frar p.34

Fr. Raymond Portelli mill-Peru : "Xi Ħaġa Sabiħa għal Alla" (3) Marzu p.34

Bro. Mario Zammit minn Manado fl-Indoneżja (4) April p.34

Dun Ġużepp Camilleri b'Sejħa mill-Guatemala (5) Ġunju – Lulju p.40

Mons. Josè Agius, 47 Sena fil-Brażil Awwissu – Sett. p.21

Sr. Josepha Gauci, Soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù: Mir-Rabat, Għawdex għall-Ħidma fl-Afrika (6) Ottubru p.21

## IMKEJJEN GĦAWDXIN

**Anton F. Attard, *ritratti* : Joseph J.P. Zammit**

Lejn il-Fortina ta' Ras il-Qala (6) Jannar p.50

L-Imtieħen ta' Dari (7) Frar p.50

Għejun... Għejun... (8) Marzu p.50

Is-Sħaħar ta' Villa Rundle (9) April p.50

Il-Bażilika tal-Patroċinju (10)
*(ritratti: Dun Ġużepp Zammit)* Mejju p.50

Ix-Xlendi (11) Ġunju – Lulju p.50

Hemm fir-Raħal tax-Xagħra (12) Awwissu – Sett. p.50

Ta' Sannat (13) Ottubru p.50

Ċimiterji (14) Novembru p.50

Presepji (15) *(Ritratti: Victor Agius)* Diċembru p.43

## IMPRESSJONIJIET FUQ GĦAWDEX

Għawdex, l-Għawdxin u Jien
*(Charles Magro)* Jannar p.32

Għawdex u Jien
*(Alfred Massa)* Marzu p.20

Bil-Magna tar-Ritratti fil-Pajsaġġ Għawdxi
*(Lynda Caton Roseblade)* April p.22

Kemm Inħobb 'l Għawdex u 'l Għawdxin
*(Ġorġ Borg)* Mejju p.32

## INTERVISTI

Għawdex fuq Quddiem Nett fix-Xandir bit-Televiżjoni
*(Joesph W. Psaila lil Alvin Scicluna)* Jannar p.18

Fil-Mard Għandi Nara Lili Nnifsi jew lil xi Ħadd Għażiż Għalija
*(Kav, Joe M. Attard lil Dr. John B. Pace)* Frar p.19

Kantanta Għawdxija għall-Festival ta' l-Ewropa – Morena
*(Kav. Joe M. Attard lil Margaret Camilleri Fenech)* April p.20

Fil-Ġlieda Kontra l-Kanser
*(Kav. Joe M. Attard lil Dun Mikiel Xuereb)* Mejju p.20

"Be Prepared" – 100 Sena ta' Storja ta' l-Iscouts f'Pajjiżna
*(Kav. Joe M. Attard lil Joe Grech)* Awwissu – Sett. p.40

It-Teatru Għawdxi
*(Joseph W. Psaila lil George Mizzi)* Ottubru p.45

Il-Viżjoni Eko-Għawdex, Jeħtieġ Ninkuraġġuha, Imma...
*(Joseph W. Psaila lil Pauline Grech)* Diċembru p.40

## KOTBA MINN GĦAWDEX

**Reċensjonijiet ta' Kotba Riċenti**

Anġelo Xuereb : 'Dun Ġużepp Cauchi'
*(Ġorġ Borg)* Jannar p.24

Fr. JohnWijngaards MHN, *(traduzzjoni: Carm. C. Cachia)*
'Ġesù l-Isbaħ Esperjenza Tiegħek!'
*(Fr. Charles Buttigieg)* Frar p.25

Mons. Anton Saliba : 'Bla Raġuni Imma Jirraġunaw'
*(Kav. Joe M. Attard)* Marzu p.27

Borg J. John, Lanfranco Edwin, Sultana Joe : 'Nature in Gozo'
*(Joseph W. Psaila)* April p.25

Mons. Nikol Ġ.Cauchi, Isqof Emeritu ta' Għawdex: 'Matul ix-Xahar ta' Ġunju: Meditazzjonijiet Qosra fuq il-Qalb ta' Ġesù
*(Mons Salv Grima)* Mejju p.25

Kan. Dun Piet Sammut : 'Il-Ħajja ta' l-Imqaddsa Verġni Marija'
*(Kav. Joe M. Attard)* Ġunju – Lulju p.27

Mons. Arċipriet Carmelo Mercieca: 'Attwalità' nru.5
*(Francesco Pio Attard)* Awwissu – Sett. p.25

Alois Misiak S.A.G., (*Traduzzjoni ta' Carm. C, Cachia*)
'Santa Fawstina : L-Appostlu tal-Ħniena Divina'
*(Mons. Salv Grima)* Ottubru p.20

Mons. Lawrenz Sciberras : 'Pawlu, l-Appostlu tal-Ġnus u Missier il-Maltin'
*(Fr. Charles Buttigieg)* Novembru p.25

Joseph Bezzina : 'Santa Luċija – Gozo', Gaulitana Nru.27
*(Kav. Joe M. Attard)* Diċembru p.25

## KUMMENTARJI

X'Ifisser Tagħmel Irtir (1)
*(Fr. John Wijngaards – traduzzjoni : Carm C. Cachia)* Jannar p.7

Għal Darb' Oħra r-Randan Reġa' Magħna (2)
*(Kan. Dun Ġiljan Refalo Rapa)* Jannar p.13

2007 – Ħarsa Finanzjarja Lura (3)
*(Michael Grech)* Jannar p.16

L-Ewropa tal-Kontradizzjonijiet! (4)
*(Susan Mulvaney)* Jannar p.43

L-Ispirtu tar-Randan dari u Llum (1)
*(Mons. Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi)* Frar p.8

Ħondoq ir-Rummien u l-Għawdxin (2)
*(Paul Buttigieg)* Frar p.17

Il-Bankini:Għal Min Huma? (3)
*(Marċell Mizzi)* Frar p.32

L-Irxuxtat Magħna Llum (1)
*(Vigarju Ġenerali Mons. Ġiovanni B. Gauci)* Marzu p.7

Il-Bullying fl-Iskejjel (2)
*(Horace Mercieca)* Marzu p.18

Insaħħu l-Familja, Mhux Inkissruha
*(Dun Renato Borg)* April p.7

Lehmet ir-Rebbiegħa Għawdxija
(Carm C. Cachia) April p.16

Qbiżna n-Nofs!...Xi Ħtija Hemm? (1)
*(Mons. Salv Grima)* Mejju p.7

"Kollox Jgħaddi"! (2)
*(Marċell Mizzi)* Mejju p.17

Qed Tiżdied fid-Dinja l-Pornografija... Ħtija ta' l-Internet? (3)
(*Susan Mulvaney*) Mejju p.35

L-Iżbalji Umani u l-Abbużi Morali fil-Ħajja tal-Knisja (4)
(*Dun Anton Sultana*) Mejju p.40

"Il-Ħeġġa għal Darek Fnietni" (*Ġw.2:17*)...u Lilna x'Qed Jifnina?(1)
(*Rev. Kan. Ġiljan Refalo Rapa*) Ġunju – Lulju p.7

Għawdex "Gżira Ekoloġika" – X'Ifisser? (2)
(*Euchar Mizzi*) Ġunju – Lulju p.18

Ix-Xandir Komunitarju f'Għawdex (3)
(*Victor Attard*) Ġunju – Lulju p.21

Produttività u Konsumiżmu... Talenti jew "Show-Off"? (1)
(*Emmanuel Curmi*) Awwissu – Sett. p.9

It-Traffiku fir-Rabat (2)
(*George Cremona*) Awwissu – Sett. p.19

Skarsa l-Melħ! (1)
(*Dun Anton Sultana*) Ottubru p.7

L-Istress fuq Uliedna... Qed Ngħabbuhom Wisq (2)
(*Horace Mercieca*) Ottubru p.17

Teżor Moħbi li Jista' Jisfida l-Ġuħ (3)
(*Mons Salv Grima*) Ottubru p. 32

Għawdex "Gżira Ekoloġika"! Realtà jew Fantasija? (4)
(*Alfred Grech LL.D*) Ottubru p.42

Jiżdiedu fin-Numru, Jonqsu fl-Età... X'Se Nagħmlu? (1)
(*Maria Attard*) Novembru p.7

Sostenibbiltà... Iċ-Ċavetta tas-Suċċess! (2)
(*Franco Masini*) Novembru p.18

L-Esperjenza tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex: X'Tgħallimna? (3)
(*Victor Vella Muskat*) Novembru p.32

Evviva d-Drittijiet! X'Minnhom id-Dmirijiet? (1)
(*Mons. Salv Grima*) Diċembru p.7

Għawdex Gżira Reġjun (2)
(*Alfred Grech LL.D*) Diċembru p.32

## LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA
**George N. Cassar**

Jalla Nirnexxu Lkoll! Frar p.23

Sabiħa d-Dixxiplina! Mejju p. 22

Aħsibha Qabel Tfattarha! Ottubru p.36

## LETTERATURA GĦAWDXIJA

Il-Karnival Reġa' Magħna
(*Kav. Joe M. Attard*) Jannar p.25

"Promotion"
(*Carm C. Cachia*) Jannar p.25

F'Jum Għawdex
(*Alfred Grech LL.D*) Jannar p.25

Huwa Siket
('Spiritual' maqlub għall-Malti minn *Michael Grech*) Frar p.33

Mulej !
(*Carm C. Cachia*) Frar p.33

Żomm Sod
(*Francis Sultana*) Frar p.33

F'Baħar Wieħed
(*J.W. Psaila*) Marzu p.26

Lil Għawdex
(*Alfred Massa*) Marzu p.36

L-Għodwa Għawdxija
(*Carm C. Cachia*) April p.24

Ħsibijiet f'Għodwa tar-Rebbiegħa
(*Carm C. Cachia*) April p.24

Fl-Okkażjoni tal-125 Sena minn Meta l-Madonna Kellmet lil Karmni Grima - 22 ta' Ġunju 1883
(*Kav. Joe M. Attard*) Ġunju – Lulju p.26

Kif Inqlibna
(*Francis Sultana*) Ġunju – Lulju p.26

Xi Trid, Mulej?
(*Mons José Agius*) Awwissu – Sett. p.24

Marsalforn... Xalata?
(*J.J. Camilleri*) Awwissu – Sett. p.24

Għawdex Ma' Nżul ix-Xemx (Esej)
(*Patri Remigio Galea OFM Kapp.*) Awwissu – Sett. p.40

San Pawl
(*Mons. Josè Agius*) Novembru p.24

Karba tat-Tluq
(*Mons. Josè Agius*) Novembru p.24

U l-Milied Magħna: Ejjew Nifirħu!
(*Kav. Joe M. Attard*) Diċembru p.24

## L-IDENTITÀ TA' GĦAWDEX
**Anton Tabone**

Teżisti Identità Għawdxija? Awwissu – Sett. p.33

It-Trasport Bejn il-Gżejjer Ottubru p.24

It-Turiżmu ... il-Mutur Ewlieni fl-Ekonomija ta' Gżiritna
Novembru p.20

Għawdex u l-Għawdxin, Għandhom Kultura li Tiddistingwihom?
Diċembru p.18

## MEDITAZZJONI BIBLIKA

L-Ispirtu s-Santu Huwa r-Rigal ta' Kristu Rxuxtat
(*Mons. Lawrenz Sciberras*) Marzu p.21

## MESSAĠĠ TAL-MUMENT

Lourdes, Ġwanni Pawlu II u l-Morda
(*Mons Salv Grima* ) Frar p.7

## MILL-KUNSILLI TA' GĦAWDEX

Il-Passat Tagħna Nħarsu Lejh Biex Jimmotivana għall-Futur
(*Is-Sindku ta' San Lawrenz, Noel Formosa*) Jannar p.40

L-Għarb b'Kunsill Lokali mill-Aktar Effiċjenti
(*Is-Sindku ta' l-Għarb, David Apap*) Frar p.40

Is-Sbuħija tal-Lokalità taż-Żebbuġ bil-Bajjiet ta' Marsalforn, Qbajjar u Xwejni
(*Is-Sindku taż-Żebbuġ, Carmelo Saliba*) Marzu p.38

Il-Kunsill Lokali tal-Munxar : Servizz u Viżjoni
(*Is-Sindku tal-Munxar, Joseph Sultana*) April p.40

## MILL-PARLAMENT


Marzu, Ottubru u Diċembru p.16
Ġunju – Lulju, u Novembru p.17
Awwissu – Sett. p.18
Jannar p.20
Frar p.22


## MIX-XENA SPORTIVA — Joe Bajada


Aktar Attivitajiet għal Għawdex mill-Kunsill Malti għall-Isport — Jannar p.49

L-Għawdxi Shaun Bajada Jiddebutta mat-Tim Nazzjonali Malti — Frar p.49

Athletix: Proġett li Joħloq Opportunitajiet Ġodda għall-Atletika f'Għawdex — Marzu p.49

Victoria Hotspurs Jirbħu t-Tazza ta' Jum il-Ħelsien Għall-Ewwel Darba — April p.49

Il-Komunità Sportiva Għawdxija fi New York — Mejju p.49

Nadur Youngsters Jiċċelebraw l-Għaxar Titlu Tagħhom — Ġunju – Lulju p.49

Gozo Tornadoes Isiru Champions tal-Baseball — Awwissu – Sett. p.49

Uffiċjali Ġodda għall-Gozo Football Association — Awwissu – Sett. p.49

L-Ibburdjar f'Għawdex — Ottubru p.49

It-Tazza Indipendenza Tiftaħ l-Istaġun tal-Football Għawdxi — Novembru p.49

Seminar Internazzjonali mit-Tenchi Ryu Karate Jutsu... Espert tal-"pressure points" f'Għawdex — Diċembru p.44


## PASSIĠĠATA BIBLIKA — Fr. Charles Buttigieg


Il-"Foqra f'Qalbhom" fil-Bibbja (32) — Jannar p.38

L-Ispirtu tat-Talb fil-Vanġelu ta' San Luqa (33) — Frar p.38

San Ġużepp, il-Kap tal-Familja Mqaddsa (34) — Marzu p.36

L-Arka tal-Patt (35) — April p.38

Fit-Triq ta' Damasku Maħtur Appostlu tal-Ġnus (36) — Mejju p.38

Il-Libertà ta' l-Evanġelju ta' Kristu (37) — Ġunju – Lulju p.38

Il-Ġustizzja ta' Alla u s-Salvazzjoni (38) — Awwissu – Sett. p.38

Ngħixu fl-Imħabba l-Qawmien ta' Kristu (39) — Ottubru p.38

Nitħejjew għall-Miġja tal-Mulej (40) — Novembru p.38

Il-Ferħ tan-Nisrani fi Kristu (41) — Diċembru p.38


## "PICTURE STORY"


L-Eqdem Kappella f'Għawdex, Santa Ċeċilja, f'Għajnsielem Bdiet Tisfronda — Frar p.14

Is-Swar taċ-Ċittadella — Mejju p.18

Il-Korsa taż-Żwiemel ta' Xħajma — Ottubru p.19


## "PLAY - FORUM" — Mons. Salv Borg


Ma' Mewġ il-Ħajja (1)
L-Anzjani fil-Familja... Problema Żejda? — April p.45

Ma' Mewġ il-Ħajja (2)
X'Sar Minnhom l-Opri tal-Ħniena? — Ġunju – Lulju p.44

Ma' Mewġ il-Ħajja (3)
Slaleb u Karità — Novembru p.44


## RAPPORTI


Tibda l-Missjoni Djoċesana — Ottubru p.6


## RIFLESSI — Kav. Joe M. Attard


Il-Formazzjoni tal-Katekisti — Jannar p.15

Il-Karnival Magħna Wkoll! — Jannar p.15

Nifirħulha... lil Morena — Frar p.16

"Il-Festa tal-Familja" mill-Moviment ta'Kana f'Għawdex — Frar p.16

"Sea Passenger Terminal" – Komdu u Modern — Marzu p.15

Mons Isqof Jagħti l-Ministeru tal-Lettorat lil Erba' Seminaristi — Marzu p.15

Wied il-Lunzjata fil-25 ta' Marzu — April p.15

Gozo 1234 — Mejju p.15

125 Sena Minn Meta l-Madonna Kellmet lil Karmni Grima — Ġunju – Lulju p.15

Tal-MUSEUM (Rabat) Iridu Jkabbru — Ġunju – Lulju p.15

Is-Sajf Għaddej... u Maħrub — Awwissu – Sett. p.16

Radju tal-Komunità Ideali — Ottubru p.14

Novembru – ix-Xahar ta' l-Erwieħ — Novembru p.15

Il-Milied ma' Għawdex Kollu — Diċembru p.15


## SFIDI TA' ŻMIENNA — Joe Rapa


Knisja bil-Għatx għall-Katekeżi — Jannar p.21

Kontra l-Kurrent... — Mejju p.42


## SPEĊJALI SENA PAWLINA


Appostlu Bla Kantunieri?! (1)
*(Mons. Salv Grima)* — Ġunju – Lulju p.22

Ir-Rakkont ta' l-Istituzzjoni ta' l-Ewkaristija f'San Pawl (2) – l-ewwel taqsima
*(Mons. Lawrenz Sciberras)* — Awwissu – Sett. p.32

Ir-Rakkont ta' l-Istituzzjoni ta' l-Ewkaristija f'San Pawl (3) – it-tieni taqsima
*(Mons. Lawrenz Sciberras)* — Ottubru p.22

L-Eskatoloġija fit-Tagħlim ta' San Pawl (4) – l-ewwel taqsima
*(Mons. Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi)* — Novembru p.22

L-Eskatoloġija fit-Tagħlim ta' San Pawl (5) – it-tieni taqsima
*(Mons. Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi)* — Diċembru p.20

L-Inkarnazzjoni fit-Tagħlim ta' San Pawl (6)
*(Mons. Lawrenz Sciberras)* — Diċembru p.22


## SUPPLIMENTI


Il-Misteru ta' l-Għid fl-Arti Sagra ta' John Grima — Marzu

"EJJA" – Biex Infakkru Ġrajja Ta' Mħabbet Marija 125 Sena Ilu fi Għżiritna 1883 – 2008 — Ġunju – Lulju

Il-Milied fil-Pittura f'Għawdex
(Joe Camilleri) Diċembru

TIEQA FUQ L-AMBJENT — Joe Sultana

Pjanti Rari u Endemiċi f'Għawdex — Jannar p.45
L-Għasafar fil-Park tad-Dwejra — Marzu p.30
Ġmiel il-Flora fir-Rebbiegħa — April p.32
Il-Mammiferi f'Għawdex — Ġunju – Lulju p.32
Fl-Imgħoddi ċ-Ċawl kien Ibejjet f'Għawdex – Qridnieh. Illum il-Gamiem tal-Kullar qed Jipprova jbejjet – M'Aħniex Inħalluh — Ottubru p.40

TIFKIRIET STORIĊI

Il-Kappella ta' Lourdes fl-Imġarr (Mons. Dr. Joseph Bezzina) — Frar p.43
Ġawhra ta' Għawdex : Il-Kappella ta' Santa Ċeċilja (Mons. Dr. Joseph Bezzina) — Marzu p.42

TISLIBA — Emmanuel Ellis

Jannar, Marzu, Mejju, Awwissu – Sett., Novembru p.48

X'GĦADDA MINN GĦALINA
Kronaka Għawdxija — Charles Spiteri

Ottubru p.8
Jannar, Marzu, April, Mejju, Ġunju – Lulju, Novembru p.9
Frar, Diċembru p.10
Awwissu – Sett. p.11

X'JGĦIDILNA L-ISQOF
Siltiet minn kitbiet u diskorsi ta' Mons. Isqof Mario Grech

Il-Bidu tal-Missjoni Pastorali fi Brussell u Lussemburgu — Jannar p.6
"Xi tridu?" "X'Qegħdin Tfittxu?" — Frar p.4
Il-Ġid tal-Persuna u tal-Komunità Anke fil-Media — Frar p.6
Alla Jġeddidna bil-Qawwa tal-Kelma Tiegħu — Marzu p.6
Nirċievu u Nagħtu l-Maħfra — April p.6
Ċiviltà Kristjana — Mejju p.6
Konvinti li l-Ewkaristija Hija l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu? — Ġunju – Lulju p.6
Niskopru u Nxandru mill-Ġdid l-Għeruq Nsara ta' l-Ewropa li Evanġelizza San Pawl — Awwissu – Sett. p.6
"Nerfagħkom mill-Għajb Tagħkom" — Awwissu – Sett. p.8
Ngħinu fit-Tisħiħ tal-Familja — Ottubru p.4
Żwiġijiet li ma Jirnexxux – Ġerħa għall-Knisja — Ottubru p.4
L-Edukazzjoni tal-Bniedem Sħiħ — Ottubru p.5
L-Istorja Tinkiteb Mingħajr Alla? — Ottubru p.5
Biex Nevitaw l-Anarkija — Novembru p.6
Il-Valuri ta' Alla u l-Politika — Diċembru p.6

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-GŻIRA GĦAWDXIJA — Angelo Xuereb

Patri Anton Debono S.J. (1887 – 1956) (1) — Jannar p.42
Patri Anton Debono S.J. - Pijunier tal-Missjoni tas-Santals (2) — Frar p.42
Patri Anton Debono S.J. – Jgħin lin-Nies tal-Post (3) — Marzu p.41
Kelina Xerri (19920 – 1962) — April p.42
Dun Alwiġ Mizzi – Ħjiel Dwar Ħajtu u Ħidmietu (1) — Mejju p.34
Dun Alwiġ Mizzi u l-Oratorju Don Bosco (2) — Ġunju – Lulju p.34
Dun Alwiġ Mizzi – Segwaċi ta' San Ġwann Bosco (3) — Awwissu – Sett. p.34
Brother Michael Buttigieg S.J. (1909 – 1983) – Missjunarju fl-Indja (1) — Ottubru p.34
Brother Michael Buttigieg S.J. – Kwalitajiet Sbieħ u Spiritwali (2) — Novembru p.34
Dun Ġużepp Vella (1854 – 1906) — Diċembru p.42

ŻIDIET SPEĊJALI

Bethlehem f'Għajnsielem — Diċembru, qoxra ta' quddiem u p.7
Milied Għawdxi — Diċembru, qoxra ta' wara

DAN L-INDIĊI HUWA PROVA ĊARA!
IL-ĦAJJA f'Għawdex
hija minjiera ta' artikli ta' tagħlim!
Titlifx aktar qari interessanti fl-2009
GĦAL EWRO FIX-XAHAR BISS!
Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek bil-posta (għal 10 ħarġiet fis-sena) - €10 f'Jannar, Frar jew Marzu.

# X'taf fuq SAN PAWL?






*Ktieb ġdid ta' Mons. Lawrenz Sciberras. Studju dettaljat ta' ħajtu u kitbietu, bi 80 ritratt jew illustrazzjonijiet. "Xogħol tassew prestiġjuż". €7*

-✻-




*Ktieb ieħor interessanti ta' Kevin J. Hanlon, maqlub għall-Malti minn Fr. Geoffrey G. Attard, dwar l-Ittri ta' San Pawl, Ragħaj li għadu jiggwida l-insara ta' llum. €4*

-✻-




*Ktejjeb ideali għall-kbar u għaż-żgħar, b'qari ħafif, kollu kulur. Fih il-ħajja ta' San Pawl fil-qosor f'36 paragrafu ma' pitturi famużi fil-Bażilika tiegħu f'Ruma. €2*

*Tliet rigali... l-isbaħ tifkira fis-Sena Pawlina*

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

# Milied Għawdxi

*Ritratti ta'*
*Lynda Caton Roseblade*











